

# RAPPORT ANNWALI 2021

Single Resolution Board

srb.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f’Mejju 2022

La l-SRB u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f’isem il-SRB ma hija responsabbli mill-użu li jista’ jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

© Single Resolution Board, 2022
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta’ ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal- SRB, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

Qoxra: © ALotOfPeople
Paġna 5: © choja
Paġna 11, 51, 74-75, 79, 84-85, 88-89 © gradyreese
Paġna 52 © Bertlman
Paġna 77: © Blade_kostas

PDF ISBN 978-92-9475-308-3 ISSN 2467-3358 doi:10.2877/832358 FP-AA-22-001-MT-N

# RAPPORT ANNWALI 2021

Single Resolution Board

srb.europa.eu

# Werrej
# Rapport Annwali 2021


Daħla 5
Taqsiriet 8
Sommarju eżekuttiv 9

**Parti I Kisbiet fl-2021 11**

1.1. Ħarsa lejn is-sena 12
1.2. Progress fir-rigward tal-prijoritajiet programmatiċi tal-SRB 14
1.3. Tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti 17
1.4. It-trawwim ta' qafas robust ta' riżoluzzjoni 30
1.5. It-tħejjija u t-twettiq tal-immaniġġjar ta' kriżijiet 44
1.6. L-operazzjonalizzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni 48

**Parti II Maniġment 51**

2.1. Introduzzjoni 52
2.2. It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-SRB 53
2.3. Żviluppi kbar 54
2.4. Bord tal-appell 64
2.5. Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja 65
2.6. Ġestjoni tar-Riżorsi Umani 68
2.7. Il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar matul is-sena ta' rappurtar 71

**Parti III Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern 75**

3.1. L-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern 76
3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-kontrolli interni 78

**Parti IV Assigurazzjoni tal-ġestjoni 79**

4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni 80
4.2. Riżervi 83

**Parti V Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 85**

5.1. Dikjarazzjoni tal-Maniġers inkarigati mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli intern 86
5.2. Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-President 87

**Annessi 89**

Anness I — Organigramma 90
Anness II — Membri tas-Sessjoni Plenarja 91
Anness III — Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 93
Anness IV — Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2020 95
Anness V — Implimentazzjoni tal-baġit tal-2021 96
Anness VI — Pjan ta' Stabbiliment tal-2021 u informazzjoni addizzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani 103
Anness VII — Kontijiet annwali 105
Anness VIII — Proċeduri ta' akkwist imnedija fl-2021 107
Anness IX — Glossarju 109

# Lista ta' illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1: Stadji importanti tal-SRB 13
Illustrazzjoni 2: Iċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 17
Illustrazzjoni 3: Il-miri finali tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni 22
Illustrazzjoni 4: Nuqqasijiet tal-MREL meta mqabbla mal-miri finali għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni 23
Illustrazzjoni 5: Kost tal-finanzjament (iTraxx Europe financials) 23
Illustrazzjoni 6: LSIs tal-progress koperti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni 29
Illustrazzjoni 7: Bord u kumitati tal-Awtorità Bankarja Ewropea, u l-involviment tal-SRB 38
Illustrazzjoni 8: L-Unjoni bankarja u ġuriżdizzjonijiet oħra koperti minn arranġamenti ta' kooperazzjoni 40
Illustrazzjoni 9: Bord għall-Istabilità Finanzjarja u l-involviment tal-SRB 42
Illustrazzjoni 10: Il-fażijiet ewlenin fil-proċess ta' riżoluzzjoni 44
Illustrazzjoni 11: Skeda taż-żmien tas-sessjoni ta' prattika tal-Kulleġġ ta' Riżoluzzjoni 46
Illustrazzjoni 12: It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-SRB 53
Illustrazzjoni 13: Perċentwal ta' kawżi ta' tilwim li għadhom għaddejjin skont is-suġġett 60
Illustrazzjoni 14: Konferenza Annwali fil-qosor 62
Illustrazzjoni 15: Qafas ta' Kontrolli Interni tal-SRB 76
Illustrazzjoni 16: Talbiet għal pariri dwar il-protezzjoni tad-*data* skont is-suġġett 81
Illustrazzjoni 17: L-għadd ta' talbiet u pożizzjonijiet ta' pariri dwar il-konformità maħruġa skont is-suġġett 81

# Lista ta' tabelli

Tabella 1: Progress lejn il-ksib ta' prijoritajiet programmatiċi 15
Tabella 2: Ħarsa ġenerali lejn iċ-ċifri tal-pjan ta' riżoluzzjoni għaċ-Ċikli ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2020 u 2021 18
Tabella 3: L-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2020 19
Tabella 4: L-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2021 20
Tabella 5: Ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSIs fiċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2021 28
Tabella 6: Il-progress fir-rigward tal-politiki ppjanati tal-SRB fl-2021-2023 33
Tabella 7: L-għadd ta' persunal għal kull kategorija meta mqabbel mal-Pjan ta' Stabbiliment 68



# Daħla



**X'differenza tagħmel sena. Fl-2021, konna qed nistaqsu lilna nfusna jekk qatt hux se noħorġu mill-kriżi tal-COVID-19. Illum, qed nistaqsu kif il-gwerra setgħet taħkem lill-kontinent Ewropew b'mod tant krudili. Jien konxju tat-traġedja umana li taffettwa l-ħajja ta' ħafna persuni madwar l-Ewropa, u f'dan l-isfond qed nippreżenta r-Rapport Annwali tal-SRB għall-2021.**

Il-ħidma tal-SRB, biex jippromwovi l-istabbiltà finanzjarja fl-Ewropa mingħajr l-użu tal-flus pubbliċi, kompliet għaddejja bir-ritmu tagħha matul l-2021. S'issa, il-banek jidhru li ssuperaw il-pandemija b'mod pjuttost tajjeb, għalkemm l-SRB se jkompli l-monitoraġġ mill-qrib tiegħu f'kooperazzjoni mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. L-impatt li t-tensjoni ġeopolitika attwali u l-gwerra fl-Ukrajna se jkollhom fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji għadu ma jistax jiġi vvalutat bis-sħiħ. Filwaqt li l-effetti diretti jidhru li jistgħu jiġu ġestiti, l-implikazzjonijiet usa' fuq l-ekonomija b'mod ġenerali u, għalhekk, anki fuq l-industrija bankarja għadhom qed jibdew jiżviluppaw. Eżempju ta' dan huwa l-każ ta' Sberbank, fejn l-SRB kellu jieħu deċiżjonijiet f'dak li kien qed isir "assalt" bankarju klassiku. Il-qafas ta' riżoluzzjoni ġie ttestjat u ħadem, anki jekk dejjem hemm lok għal titjib.

Fl-2021, il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni kiber għal EUR 52 biljun u se jiżdied sostanzjalment għal darba oħra fl-2022 minħabba ż-żieda sinifikanti fid-depożiti koperti. Fil-prinċipju, il-pajjiżi tal-Unjoni Bankarja qablu dwar il-garanzija ta' kontinġenza komuni fl-aħħar tal-2020 u, nittamaw, li tidħol fis-seħħ matul l-2022. Din se tipprovdi assigurazzjoni addizzjonali għas-swieq li l-SRB jista' jimmaniġġja anki każ imdaqqas ta' riżoluzzjoni.

L-2021 rat ukoll lill-SRB jimplimenta l-BRRD2 u ppubblikajna għadd ta' politiki u dokumenti ta' gwida, imfassla biex jipprovdu trasparenza lill-industrija u biex jiġu rfinati l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni eżistenti. Iċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2021 ġie mmonitorjat mill-qrib, biex jiġi żgurat li l-pjanijiet ikunu operattivi jekk ikun meħtieġ, u l-SRB organizza u kkontribwixxa għal diversi sessjonijiet ta' prattika biex tiġi ttestjata t-tħejjija tar-riżoluzzjoni.

Il-ħidma fuq il-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà u l-iżvilupp ta' mappa termika kompliet fl-2021 u nittamaw li nippubblikaw l-ewwel mappa termika annwali aktar tard fl-2022. Din il-mappa termika se turi informazzjoni aggregata dwar il-banek tal-SRB, u għalhekk se jkun faċli li jiġu identifikati l-oqsma li jippreżentaw l-akbar sfidi għall-banek b'mod ġenerali. Barra minn hekk, għandha tipprovdi inċentiv għall-banek biex itejbu r-riżolvibbiltà tagħhom u forsi b'hekk jibdew jirrapportaw dwar l-awtovalutazzjoni tagħhom - prattika komuni f'ġuriżdizzjonijiet oħrajn.

Fl-2021, l-SRB tejjeb ukoll b'mod sinifikanti l-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) biex jissimplifika l-proċessi u, mhux l-inqas, biex iżid iċ-ċibersigurtà, minħabba l-mandat sensittiv tagħna. Il-fatt li jkun hemm aċċess għall-aktar informazzjoni reċenti fir-rigward tal-attivitajiet ta' bank huwa vitali fiż-żmien li fih hemm każ ta' kriżi u f'dinja finanzjarja li qed tiddependi dejjem aktar mill-infrastruttura diġitali, u għalhekk huwa importanti li dawn il-kanali ta' komunikazzjoni jiġu protetti sa fejn ikun possibbli.

Meta wieħed iħares lejn il-kuntest usa', l-Unjoni Bankarja għadha nieqsa mit-tielet pilastru tagħha – skema komuni ta' assigurazzjoni tad-depożiti għall-Ewropa. Ir-regolament bankarju għamel passi kbar 'il quddiem mill-kriżi finanzjarja tal-2007/2008 u mill-kriżi sussegwenti tad-dejn sovran. Dan żgura, mhux l-inqas, li matul il-pandemija, il-banek jista' jkollhom rwol vitali biex jappoġġaw lill-ekonomija. Meta wieħed iħares lejn l-isfidi attwali li ħolqot il-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt tagħha li għadu qed jiżviluppa fuq l-ekonomija usa', inħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-liġi tal-UE biex ikomplu jaħdmu ħalli jiffinalizzaw l-Unjoni Bankarja. L-SRB jinsab lest biex jassisti bi kwalunkwe mod li jista'. S'issa, fil-każijiet ta' riżoluzzjoni tagħna, urejna li l-qafas huwa adegwat għall-użu tiegħu. Nittama li r-rieżami tal-qafas tal-immaniġġjar tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti u r-rieżami tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013 tal-Kummissjoni se jipprovdu titjib fil-qafas. L-SRB ikompli jitlob li jkun hemm armonizzazzjoni mmirata tal-proċeduri ta' likwidazzjoni amministrattiva għall-banek b'mod parallel mal-mutwalizzazzjoni progressiva tal-fondi tal-SGD u ċ-ċentralizzazzjoni tal-governanza, biex ikun jista' jsir il-ħruġ konsistenti u bla xkiel ta' banek li qed ifallu mis-suq.

L-SRB ikompli jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mal-Parlament Ewropew biex jagħmel progress f'dawn il-kwistjonijiet kollha, iżda l-SRB se jkompli wkoll id-djalogu tiegħu ma' ġuriżdizzjonijiet barra mill-Unjoni Bankarja – kemm fl-Ewropa kif ukoll fuq livell internazzjonali. L-għan tal-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja huwa wieħed globali. Għal dan il-għan, l-SRB se jkompli jwettaq għadd ta' sessjonijiet ta' prattika u skambji tekniċi ma' awtoritajiet minn ġewwa l-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra, inklużi l-Istati Uniti u r-Renju Unit. It-trawwim tar-relazzjonijiet ta' fiduċja u ta' kunfidenza mas-sħab tagħna għandu rwol sinifikanti biex tiġi ġestita b'suċċess ir-riżoluzzjoni bankarja, kif muri fil-każ ta' Sberbank.

Fl-2022, se nkomplu l-"vjaġġ ta' riżoluzzjoni" tagħna biex niżguraw ir-riżolvibbiltà sħiħa tal-banek taħt il-mandat tagħna sal-aħħar tal-2023. F'dan il-kuntest, se nagħtu prijorità lill-operazzjonalizzazzjoni tal-hekk imsejħa "strateġija ta' Punt ta' Dħul Uniku", biex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' trasferiment downstream tal-kapital u upstream tat-telf fil-livell transfruntier. Il-ħidma fuq is-separabbiltà tal-assi u l-obbligazzjonijiet u s-Sistemi ta' Informazzjoni Maniġerjali biex tibda titħaddem kwalunkwe "strateġija ta' trasferiment".

Fl-aħħar nett, nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-membri kollha tal-persunal tal-SRB

u lill-Membri tal-Bord u lis-sħab tagħna fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali għall-ħidma diffiċli, id-dedikazzjoni u l-kooperazzjoni eċċellenti tagħhom li għaddejjin bħalissa. Nistgħu lkoll inkunu kburin bil-ħidma li saret mill-kriżi finanzjarja kbira biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, iżda issa rridu nsaħħu l-qafas ta' stabbiltà finanzjarja tal-Ewropa, sabiex il-kontribwent ma jkollux għalfejn isalva banek privati, u d-depożitanti Ewropej ikunu jistgħu jserrħu moħħhom li t-tfaddil tagħhom huwa protett bis-saħħa ta' skema ta' assigurazzjoni tad-depożiti madwar l-UE kollha.

# Taqsiriet

| | |
|---|---|
| **BĊE** | Bank Ċentrali Ewropew |
| **BERS** | Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku |
| **BRRD** | Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek |
| **BSBC** | Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja |
| **CBL** | Clearstream Bank Luxembourg |
| **CBR** | Rekwiżiti ta' Buffer Kombinat |
| **CCP** | Kontroparti Ċentrali |
| **CMDI** | Ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu |
| **CMG** | Grupp għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet |
| **CoAg** | Ftehim ta' Kooperazzjoni |
| **COSO** | Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw tal-Kummissjoni Treadway |
| **CPMI** | Kumitat għall-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Swieq |
| **CRD** | Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital |
| **CRR** | Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital |
| **DCG** | Gateway taċ-Ċertifikazzjoni tad-*Data* |
| **DFS** | Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu |
| **DGSD** | Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti |
| **DORA** | Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali |
| **DWH** | Maħżen tad-*Data* |
| **EB** | Euroclear Bank |
| **EBA** | Awtorità Bankarja Ewropea |
| **EDIS** | Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti |
| **EfB** | Aspettattivi għall-Banek |
| **EIOPA** | Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol |
| **ESMA** | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| **FMI** | Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju |
| **FSB** | Bord għall-Istabilità Finanzjarja |
| **G-SIB** | Bank Globali Sistemikament Importanti |
| **G-SII** | Istituzzjoni Globali Sistemikament Importanti |
| **HR** | Riżorsi Umani |
| **IADI** | Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Assiguraturi tad-Depożiti |
| **ICSD** | Depożitorju Ċentrali tat-Titoli Internazzjonali |
| **ICT** | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| **IGA** | Ftehim Intergovernattiv |
| **IOSCO** | Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli |
| **IRT** | Tim Intern ta' Riżoluzzjoni |
| **ITS** | Standard Tekniku ta' Implimentazzjoni |
| **Kumitat ECON** | Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji |
| **Kummissjoni** | Kummissjoni Ewropea |
| **Kunsill** | Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| **LFA** | Ftehim dwar Faċilità ta' Self |
| **LSI** | Istituzzjoni Inqas Sinifikanti |
| **MES** | Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà |
| **MIS** | Sistema ta' Informazzjoni Maniġerjali |
| **MREL** | Rekwiżiti Minimi għal fondi proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli |
| **MSU** | Mekkaniżmu Superviżorju Uniku |
| **NCA** | Awtorità Nazzjonali Kompetenti |
| **NCWO** | L-ebda kreditur ma jmur agħar |
| **NRA** | Awtorità ta' Riżoluzzjoni Nazzjonali |
| **Parlament** | Parlament Ewropew |
| **PIA** | Valutazzjoni tal-Interess Pubbliku |
| **QEA** | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| **R4C** | Lesti għall-Kriżi |
| **RDF** | Fabbrika tad-*Data* ta' Referenza |
| **RPC** | Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni |
| **RTS** | Standard Tekniku Regolatorju |
| **SGD** | Skema ta' Garanzija tad-Depożiti |
| **SRB** | Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRF** | Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRM** | Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRMR** | Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **TLAC** | Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf |
| **TLOF** | Obbligazzjonijiet Totali u Fondi Proprji |
| **TREA** | Skopertura Totali għar-Riskju |
| **UE** | Unjoni Ewropea |

# Sommarju eżekuttiv

Matul l-2021, l-inċertezza kkawżata mit-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19 kienet għadha qed tħalli effetti fuq is-settur finanzjarju. Il-miżuri introdotti fl-2020 biex jgħinu lill-industrija tlaħħaq mal-kriżi wrew li huma effettivi, u l-kundizzjonijiet tas-suq wasslu għaż-żieda fid-depożiti koperti u ppermettew lill-banek jibnu l-istokk tagħhom ta' riżorsi eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) tagħhom. Madankollu, matul l-2021, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) immonitorja mill-qrib istituzzjonijiet sinifikanti u inqas sinifikanti (LSIs).

Matul is-sena, l-SRB għamel progress kostanti lejn il-ksib ta' riżultati taħt il-ħames oqsma ta' ħidma ta' prijorità tiegħu (murija b'tipa grassa hawn taħt).

F'termini tat-**tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u tal-LSIs**, l-SRB lesta l-ewwel Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni (RPC) ta' 12-il xahar u beda t-tieni wieħed, li se jitlesta fl-ewwel trimestru tal-2022, li jkopri l-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB. L-SRB saħħaħ l-attivitajiet tiegħu f'żewġ oqsma li huma essenzjali għat-tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek, jiġifieri t-tisħiħ tal-MREL u l-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà. Matul l-2021, l-SRB ippubblika b'mod regolari d-dashboard tal-MREL, li juri progress fir-rigward tal-miri tal-MREL. L-SRB approva l-politika tiegħu dwar il-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà fit-tieni trimestru tal-2021, u applikaha lill-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB li għalihom l-istrateġija hija riżoluzzjoni fl-RPC 2021. B'mod parallel, l-SRB wettaq assigurazzjoni tal-kwalità interna tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni bankarja, filwaqt li qies il-politiki l-ġodda li daħlu fis-seħħ fl-RPC 2021, u vvaluta l-pjanijiet kollha għaċ-ċiklu, u b'hekk żgura li dawn kienu lesti li jintużaw fil-każ ta' kriżi. Filwaqt li jikkomplementaw dan ta' hawn fuq, l-SRB, f'kollaborazzjoni mal-NRAs, lesta wkoll 13-il missjoni għall-banek (magħrufa bħala analiżijiet bir-reqqa) li jkopru diversi suġġetti.

Fl-2021, l-għadd ta' LSIs koperti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni laħaq it-93 % tat-total, u l-funzjoni ta' sorveljanza tal-LSI tal-SRB ittejbet b'mod sinifikanti f'termini ta' kapaċità u ġestjoni tad-*data*. Dan għamilha possibbli li jsir monitoraġġ regolari tal-LSIs matul is-sena.

L-SRB għamel ukoll progress sod lejn il-ksib tat-tieni prijorità tiegħu, **li jrawwem qafas ta' riżoluzzjoni robust**. Matul l-2021, l-SRB ippubblika, kif ippjanat, il-politiki rilevanti għall-RPC 2021, li jservu ta' gwida dwar is-suġġetti kollha li ġejjin: il-likwidità fir-riżoluzzjoni, l-aġġornamenti fl-MREL, il-valutazzjoni tal-interess pubbliku (PIA), is-separabbiltà, u s-sistemi ta' informazzjoni maniġerjali (MIS) għall-valutazzjoni. B'mod parallel, l-SRB ippubblika wkoll gwida f'oqsma oħra biex ilesti l-qafas ta' riżoluzzjoni, bħall-kontinwità operazzjonali fir-riżoluzzjoni u likwidazzjoni solventi tal-attivitajiet kummerċjali. Matul l-2021, l-SRB kien attiv fit-tixrid ta' dawn il-politiki u l-gwida, billi organizza avvenimenti mal-industrija, mas-settur akkademiku u ma' diversi istituzzjonijiet u awtoritajiet internazzjonali fil-qasam tar-riżoluzzjoni.

Matul l-2021, l-SRB kien involut mill-qrib mal-Parlament Ewropew (il-Parlament), mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill), mal-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni), mal-Bank Ċentrali Ewropew (il-BĊE) u mal-Awtorità Bankarja Ewropea (l-EBA) biex jikkontribwixxi għall-progress tat-temi regolatorji u ta' politika rilevanti. Dawn kienu: il-garanzija ta' kontinġenza komuni, il-proposta leġiżlattiva dwar ir-reviżjoni tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-Kriżijiet u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI), il-Qafas

għall-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali (CCP), l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA), u oħrajn. Matul is-sena, l-SRB ipprovda wkoll kontributi konsiderevoli għall-ħidma tal-EBA u tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), u beda l-kooperazzjoni mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA).

F'termini ta' kooperazzjoni u ta' relazzjonijiet internazzjonali, l-SRB iffirma l-għaxar arranġament ta' kooperazzjoni bilaterali, li jkopri l-biċċa l-kbira tal-ġurisdizzjonijiet fejn l-entitajiet tal-Unjoni Bankarja huma preżenti, u ffinalizza l-adeżjoni ma' arranġamenti ta' kooperazzjoni speċifiċi għall-istituzzjoni għall-Gruppi għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet (CMGs). L-SRB kompla l-kollaborazzjoni tiegħu ma' ġurisdizzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea (UE), b'mod partikolari mal-Istati Uniti u mar-Renju Unit, għamel kuntatt ma' pajjiżi oħra biex jistabbilixxu skambji ta' livell tekniku, u għamel kontributi importanti għad-diversi flussi ta' ħidma tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB).

Matul l-2021, l-SRB kiseb riżultati f'termini tat-**tħejjija u t-twettiq tal-immaniġġjar tal-kriżijiet**. Ma kien hemm l-ebda każ ta' riżoluzzjoni fl-2021, iżda l-SRB beda jaħdem fuq il-proċessi ta' tħejjija b'aġġornament tal-Manwal dwar l-Immaniġġjar tal-Kriżijiet biex jinkludi għodod ta' riżoluzzjoni minbarra r-rikapitalizzazzjoni interna, u billi saħħaħ l-għodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), Lesti għall-Kriżi (R4C), li tappoġġa l-immaniġġjar tal-kriżijiet. L-SRB wettaq ukoll eżerċizzju sħiħ ta' sessjoni ta' prattika, wieħed tekniku, u pparteċipa f'sessjonijiet ta' prattika minn atturi oħra.

Barra minn hekk, l-SRB laħaq xi stadji importanti f'termini ta' **operazzjonalizzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni** (SRF), billi lesta l-ħidma interna bi tħejjija għad-dħul fis-seħħ tal-garanzija ta' kontinġenza komuni fl-2022. B'mod parallel, l-SRB ġabar kontribuzzjonijiet għall-SRF, u żied il-livell tal-SRF għal madwar EUR 52 biljun. Bis-saħħa tal-livell ta' mutwalizzazzjoni, medja ta' EUR 44.6 biljun huma disponibbli għal każijiet ta' riżoluzzjoni fi kwalunkwe Stat Membru. L-SRB iġġestixxa wkoll l-investimenti tal-SRF matul is-sena.

Il-qasam prijoritarju finali għall-SRB huwa l-konsolidazzjoni tal-**SRB bħala organizzazzjoni**[1], li kompliet minkejja l-impatt tal-COVID-19 fl-2021. Il-bidliet fl-attivitajiet operazzjonali affettwaw l-implimentazzjoni tal-baġit, u s-sena kienet partikolarment ta' sfida għall-ġestjoni tar-riżorsi umani (HR), b'rata għolja ta' fatturat, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri speċjali relatati mal-COVID-19. Madankollu, ġew implimentati b'suċċess diversi inizjattivi ta' tagħlim u żvilupp u l-SRB żviluppa strateġija tar-riżorsi umani, li se tiġi implimentata fis-snin li ġejjin. Is-sena ta' rapportar rat ukoll l-approvazzjoni ta' strateġija aġġornata tal-ICT, li għandha l-għan li toħloq effiċjenzi fil-proċessi interni. F'termini ta' kontrolli interni, ġew imsaħħa diversi funzjonijiet ta' governanza u ta' kontroll intern, kif kien ippjanat.

Is-servizz legali tal-SRB kien jirrappreżenta l-organizzazzjoni f'aktar minn 279 każ ta' tilwim, kif ukoll fil-Bord tal-Appell.

Matul is-sena, l-SRB ikkomunika b'mod proattiv, nieda identità viżwali ġdida, u laħaq firxa wiesgħa ta' udjenzi, filwaqt li żied il-preżenza tiegħu fil-media soċjali. Dan iffaċilita t-tixrid ta' politiki, ta' gwida u ta' pożizzjonijiet dwar diversi suġġetti relatati mar-riżoluzzjoni. Il-programm tal-avvenimenti ra erba' konferenzi kbar organizzati, inkluża Konferenza Annwali li attirat kważi 4 500 parteċipant. Il-prinċipali tal-SRB tkellmu wkoll fi kważi 100 avveniment.

1 L-ewwel erba' oqsma prijoritarji huma rrapportati fil-Parti I ta' dan id-dokument, filwaqt li l-ħames prijorità hija rrapportata fil-Parti II.



# Kisbiet fl-2021

# 1.1. Ħarsa lejn is-sena

L-2021 kienet it-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19, li ġabet magħha inċertezza matul is-sena, inkluż fis-settur finanzjarju. Filwaqt li r-riskju ta' żieda fis-self improduttiv talab monitoraġġ mill-qrib ta' istituzzjonijiet sinifikanti u LSIs, il-miżuri introdotti fl-2020 biex jagħtu flessibbiltà u jgħinu lill-industrija tlaħħaq mal-pandemija, urew l-effettività tagħhom fl-2021 ukoll. Minkejja l-inċertezza, id-depożiti koperti żdiedu b'mod sostanzjali fl-2021 u l-kost baxx tad-dejn ippermetta lill-banek iżidu l-istokk tagħhom ta' riżorsi eliġibbli biex jissodisfaw l-MREL tagħhom.

Ħafna oqsma ta' ħidma għamlu progress kostanti matul is-sena, u adattaw għan-"normalità l-ġdida". F'dan il-kuntest, l-SRB iffoka fuq il-ksib tal-mandat tiegħu, billi żied ir-riżolvibbiltà tal-banek u lesta l-qafas ta' riżoluzzjoni, u applika r-riformi regolatorji. L-SRB baqa' viġilanti fir-rigward tal-progress tal-banek lejn ir-riżolvibbiltà sabiex iżommu maddati ta' introduzzjoni gradwali tal-Aspettattivi għall-Banek (EfB)[2] tal-SRB, iżda lest li jinnegozja dati alternattivi jekk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jkunu jirrikjedu dan. Minkejja li l-kuntest tal-2021 għadu kumpless, l-SRB kiseb xi stadji importanti ewlenin matul is-sena, u għamel progress lejn l-objettivi tiegħu. Is-sena bdiet bil-pubblikazzjoni ta' politiki ewlenin għall-RPC 2021, adattati għall-Pakkett Bankarju. L-RPC tal-2021 ġie implimentat biex jiġi żgurat li l-pjanijiet ikunu operattivi jekk ikun meħtieġ, u l-SRB organizza u kkontribwixxa għal diversi sessjonijiet ta' prattika biex jittestja t-tħejjija tar-riżoluzzjoni. B'mod parallel, l-SRB ippubblika diversi politiki u dokumenti ta' gwida biex ilesti l-qafas ta' riżoluzzjoni, tejjeb l-għodod analitiċi tiegħu xprunati mid-*data* għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni, għamel progress fuq kontroll tal-kwalità msaħħaħ tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, u kkontribwixxa għad-dibattiti dwar kwistjonijiet interni/ospitanti, u ċ-ċirkostanzi tal-banek ta' daqs medju fir-riżoluzzjoni. Matul l-2021, l-SRB għamel sforzi addizzjonali biex jiżviluppa u jtejjeb l-għodod tal-ICT ħalli jissimplifika l-proċessi u jżid iċ-ċibersigurtà, minħabba l-mandat sensittiv tiegħu. Matul is-sena, l-SRB ħejja wkoll l-implimentazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza komuni, li nittamaw li tirdoppja l-fondi disponibbli għal każijiet ta' riżoluzzjoni mill-2022 'il quddiem.

Il-laqgħat interistituzzjonali u internazzjonali reġgħu bdew b'aktar regolarità fl-2021, filwaqt li tejbu r-relazzjonijiet u ppermettew lill-SRB jagħmel kontributi ewlenin għall-kwistjonijiet regolatorji li għaddejjin bħalissa ta' importanza kruċjali għall-mandat tiegħu, kif ukoll għall-istandards internazzjonali tar-riżoluzzjoni. Id-dibattitu dwar xi kwistjonijiet regolatorji strateġiċi li jaffettwaw il-mandat tal-SRB reġa' beda fl-2021, u l-momentum huwa mistenni li jkompli fl-2022.

It-taqsimiet li ġejjin jispjegaw id-dettalji ta' dawn il-kisbiet.

[2] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/en/content/expectations-banks

**Illustrazzjoni 1:** Stadji importanti tal-SRB



# 1.2. Progress fir-rigward tal-prijoritajiet programmatiċi tal-SRB

L-SRB huwa l-awtorità ċentrali ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni Bankarja. Flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRAs) tal-Istati Membri parteċipanti, dan jifforma l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM). L-SRB jaħdem mill-qrib mal-NRAs, mal-Kummissjoni, mal-BĊE, mal-EBA u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs). Il-missjoni tal-SRB hija li jiżgura riżoluzzjoni ordnata ta' banek li qed ifallu b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali, is-sistema finanzjarja, u l-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri parteċipanti u lil hinn minnhom.

L-SRB ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni (SRMR)[3]. L-organizzazzjoni bdiet topera bħala aġenzija indipendenti tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2015 u assumiet il-mandat legali sħiħ tagħha għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kollha relatati mar-riżoluzzjoni fl-1 ta' Jannar 2016. L-SRMR stabbilixxa qafas sostantiv u robust ta' responsabbiltà għall-attivitajiet tal-SRB fir-rigward tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Il-mandat tal-SRB huwa proattiv: minflok ma jistenna li jitfaċċaw sitwazzjonijiet ta' riżoluzzjoni, l-SRB jiffoka fuq l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u t-titjib tar-riżolvibbiltà. Jekk bank fi ħdan il-mandat tal-SRB ikun qed ifalli jew probabbilment se jfalli u jissodisfa l-kriterji għal riżoluzzjoni, l-SRB iwettaq ir-riżoluzzjoni tiegħu permezz tal-hekk imsejħa "skema ta' riżoluzzjoni". L-SRB huwa responsabbli wkoll mill-SRF iffinanzjat mill-industrija, li ġie stabbilit sabiex jipprovdi finanzjament anċillari ħalli jiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-iskemi ta' riżoluzzjoni taħt kundizzjonijiet stretti. Barra minn hekk, l-SRB jissorvelja l-funzjonament konsistenti tal-SRM fl-intier tiegħu.

L-SRB jistinka biex ikun awtorità ta' riżoluzzjoni fdata u rrispettata b'kapaċità ta' riżoluzzjoni qawwija fl-SRM, u biex jaġixxi malajr u b'mod xieraq, konsistenti u proporzjonali fl-istabbiliment u l-infurzar ta' sistema effettiva ta' riżoluzzjoni għall-banek fil-ġuriżdizzjonijiet tal-SRM, b'hekk jiġu evitati salvataġġi futuri. L-SRB għandu l-għan li jkun ċentru ta' għarfien espert fir-riżoluzzjoni bankarja fl-Unjoni Bankarja u lil hinn.

L-SRB jistinka biex ikun trasparenti u jinżamm responsabbli mir-rappreżentanti taċ-ċittadini Ewropej fil-Parlament permezz ta' seduti ta' smigħ pubbliku regolari u skambji *ad hoc* ta' fehmiet mal-President waqt il-laqgħat tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew (il-Kumitat ECON). Il-Kunsill jista', fuq talba tiegħu, jisma' wkoll lill-President. Matul l-2021, il-President tal-SRB ipparteċipa fi tliet seduti tal-Kumitat ECON, biex jiskambja fehmiet mal-Membri tal-Parlament Ewropew dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-SRMR u biex jippreżenta l-punti ewlenin tar-rapport annwali 2020, jippreżenta l-pjan ta' ħidma annwali 2022, kif ukoll il-prijoritajiet tal-SRB f'diversi kwistjonijiet regolatorji li għadhom għaddejjin.

[3] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A32014R0806

**Tabella 1:** Progress lejn il-ksib ta' prijoritajiet programmatiċi

| Qasam strateġiku ta' operazzjoni | Attivitajiet ewlenin li jikkontribwixxu f'oqsma ta' operazzjoni | |
|---|---|---|
| **Tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti** | Iċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni u l-progress fl-implimentazzjoni tal-EfB | |
| | Rekwiżiti Minimi għal fondi proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli | Analiżijiet bir-reqqa u spezzjonijiet fuq il-post |
| | Valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u mappa termika | Ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet inqas sinifikanti |

**Valutazzjoni**: L-SRB wettaq il-maġġoranza tal-attivitajiet ippjanati tiegħu għall-2021, inkluż l-aġġornament tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, li qegħdin jimplimentaw b'mod progressiv l-EfB sa tmiem l-2023. L-SRB żviluppa b'mod konsiderevoli l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tiegħu tal-MREL matul l-2021. Din il-ħidma se tkompli fl-2022 flimkien mal-adattament tar-rekwiżiti għall-progress ta' diversi kwistjonijiet regolatorji li għaddejjin. F'termini tal-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà, l-SRB ivvaluta l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kollha fl-2021. Madankollu, il-metodoloġija għall-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà u l-mappa termika relatata ġew rieżaminati matul is-sena u se jiġu ffinalizzati fl-2022. Ir-riżolvibbiltà tal-LSI rat progress kostanti matul l-2021, u laħqet l-objettiv annwali tagħha, u hija mistennija li tkompli tagħmel progress fl-2022 b'rata stabbli lejn il-kopertura totali tal-LSIs. Il-ħidma fuq l-analiżijiet bir-reqqa u spezzjonijiet fuq il-post, li hija mxekkla b'mod sever mir-restrizzjonijiet ta' tbegħid soċjali u l-ivvjaġġar li nħolqu mill-pandemija tal-COVID-19, bdiet tirkupra fl-2021 u se tkompli tagħmel progress fl-2022 u lil hinn.

| Qasam strateġiku ta' operazzjoni | Attivitajiet ewlenin li jikkontribwixxu f'oqsma ta' operazzjoni | |
|---|---|---|
| **It-trawwim ta' qafas robust ta' riżoluzzjoni** | L-iżvilupp u t-tixrid tal-politiki tal-SRB | Kontributi għall-politika esterna u l-attività regolatorja |
| | Assigurazzjoni tal-kwalità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni | Kooperazzjoni u relazzjonijiet internazzjonali |

**Valutazzjoni**: L-SRB kompla jħejji u jippubblika politiki ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-EfB u lesta l-politiki ppjanati għall-2021, filwaqt li għamel progress lejn qafas politiku sħiħ sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-kontrolli tal-kwalità fuq il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni abbozzati fl-2021 saru kif kien ippjanat, bl-istess pass mal-applikazzjoni inkrimentali tal-politiki fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, skont l-EfB. Bħala proċess iterattiv skont it-tlestija tal-qafas ta' politika, l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għandha tikseb stat stabbli sa tmiem l-2023. L-SRB ipprovda diversi kontributi għal kwistjonijiet regolatorji hekk kif għamlu progress matul is-sena. Fl-2021, l-SRB żied ukoll notevolment l-involviment estern tiegħu.

| Qasam strateġiku ta' operazzjoni | Attivitajiet ewlenin li jikkontribwixxu f'oqsma ta' operazzjoni | |
|---|---|---|
| **It-tħejjija u t-twettiq tal-immaniġġjar ta' kriżijiet** | Tħejjija għall-kriżijiet | Reazzjoni għall-kriżijiet |

**Valutazzjoni**: L-SRB wettaq il-maġġoranza tal-ħidma ppjanata f'termini ta' tħejjija għall-kriżijiet, billi implimenta kontinwament it-tagħlimiet meħuda minn sessjonijiet ta' prattika u każijiet ta' kriżi. Xi oqsma se jiġu żviluppati aktar fl-2022, bħall-ħidma fuq għodod ta' riżoluzzjoni minbarra r-rikapitalizzazzjoni interna. Għalkemm ma ġiet riżolta l-ebda istituzzjoni sinifikanti fl-2021, l-SRB appoġġa diversi każijiet ta' kriżi tal-LSI, filwaqt li wettaq il-mandat tiegħu fl-SRM.

| Qasam strateġiku ta' operazzjoni | Attivitajiet ewlenin li jikkontribwixxu f'oqsma ta' operazzjoni | | |
|---|---|---|---|
| **L-operazzjonalizzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni** | Kontribuzzjonijiet | Investiment | Finanzjament |

**Valutazzjoni**: Kważi l-attivitajiet kollha twettqu kif kien ippjanat fl-2021. L-SRF qed jagħmel progress kostanti lejn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. F'termini ta' finanzjament, l-SRB lesta l-passi kollha meħtieġa għall-operazzjonalizzazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza komuni, li hija mistennija li titnieda fl-2022. Il-ħidma fuq il-likwidità fir-riżoluzzjoni se tkompli fl-2022.

| Didaskalija[4] | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Miksuba | Miksuba parzjalment | Għadhom għaddejja | Xi progress meħtieġ | Progress sostanzjali meħtieġ |

[4] L-oqsma ta' ħidma huma kklassifikati bil-kriterji li ġejjin:

- **Miksuba**: l-attivitajiet twettqu skont il-pjan ta' ħidma fl-2021. Fid-dawl tal-progress tal-SRB, il-fatturi esterni u kunsiderazzjonijiet oħra, il-Programm Pluriennali 2021-2023 u l-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni diġà tlestew jew mistennija li jitlestew qabel iż-żmien.
- **Miksuba parzjalment**: l-attivitajiet twettqu skont il-pjan ta' ħidma fl-2021, jew ġarrbu ftit dewmien. Fid-dawl tal-progress tal-SRB u l-pjanijiet futuri, il-fatturi esterni u kunsiderazzjonijiet oħra, l-implimentazzjoni tal-Programm Pluriennali 2121-2023 u l-ilħuq tal-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni jinsabu fit-triq it-tajba jew mistennija li jitlestew mingħajr dewmien kbir.
- **Għadhom għaddejja**: l-attivitajiet twettqu skont il-pjan fl-2021, jew ġarrbu ftit dewmien. Fid-dawl tal-progress tal-SRB, l-objettivi futuri u d-dipendenza minn fatturi esterni, fl-2022 u fl-2023 għadha ppjanata li ssir ħidma sostanzjali biex jiġi implimentat il-Programm Pluriennali 2021-2023 u jintlaħqu l-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni.
- **Xi progress meħtieġ**: l-attivitajiet jew ma twettqux skont il-pjan ta' ħidma fl-2021, jew jekk tlestew, jista' jkollhom dewmien li jkun akkumula fis-snin preċedenti. Fid-dawl tal-progress tal-SRB, il-ħidma ppjanata għall-futur u l-fatturi esterni, l-SRB se jkollu jagħti attenzjoni speċjali lil dan il-qasam biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-Programm Pluriennali 2021-2023 u l-ilħuq tal-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni.
- **Progress sostanzjali meħtieġ**: l-attivitajiet ma twettqux skont il-pjan ta' ħidma fl-2021, u akkumulaw dewmien jew riżultati mhux kompluti mis-snin preċedenti, dipendenza minn fatturi esterni jew fatturi oħra se taffettwa b'mod negattiv l-implimentazzjoni tal-Programm Pluriennali 2021-2023 u l-ilħuq tal-objettivi tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 50 tal-SRMR, dan id-dokument jippreżenta r-Rapport Annwali tal-SRB 2021, li jiddeskrivi l-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-organizzazzjoni matul is-sena, li għandhom l-għan li jiksbu l-missjoni, il-mandat u l-viżjoni tal-SRB kif espressi fil-paragrafi preċedenti.

Kif stabbilit fil-Programm Pluriennali 2021-2023 tal-SRB[5], il-prijoritajiet tal-organizzazzjoni huma[6]:

- it-tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u tal-LSIs
- it-trawwim ta' qafas ta' riżoluzzjoni robust
- it-tħejjija u t-twettiq tal-immaniġġjar tal-kriżijiet
- l-operazzjonalizzazzjoni tal-SRF.

It-tabella 1 fil-paġna preċedenti tirrifletti l-kisbiet ġenerali fl-2021, filwaqt li tqis żewġ dimensjonijiet: l-ewwel, imqabbla mar-riżultati annwali tal-2021 stabbiliti fil-Programm Pluriennali 2021-2023. Dawn il-kisbiet huma spjegati f'aktar dettall fis-sottotaqsimiet li ġejjin u riflessi fl-Anness III, li jinkludi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għas-sena. L-SRB laħaq il-biċċa l-kbira tal-miri ta' dawn l-indikaturi, u wera l-prestazzjoni ġeneralment pożittiva tal-organizzazzjoni fl-2021. It-tieni, il-progress huwa vvalutat ukoll fil-kuntest tal-progress ġenerali mistenni sal-2023, it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-Aspettattivi għall-Banek (EfB), li huwa affettwat ukoll minn fatturi esterni u partijiet ikkonċernati.

5 Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2020-11-30%20SRB%20Multi-Annual%20Work%20Programme%202021-2023.pdf

6 Il-Programm Pluriennali 2021-2023 jistabbilixxi l-konsolidazzjoni tal-SRB bħala organizzazzjoni bħala l-ħames prijorità tiegħu. Il-Parti II ta' dan ir-rapport tinkludi progress f'din il-prijorità.

# 1.3. Tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti

Sabiex tinkiseb ir-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u tal-LSIs, l-SRB jaġġorna kull sena l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, billi jwettaq l-RPC; joħroġ id-deċiżjonijiet rilevanti u jissorvelja l-bini tal-MREL; jivvaluta r-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet, u jissorvelja l-LSIs, kollox f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-NRAs.

### 1.3.1 ĊIKLU TA' PPJANAR TAR-RIŻOLUZZJONI

Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jiġu aġġornati mill-inqas kull sena[7] abbażi tal-istess data ta' referenza u billi jitqiesu l-bidliet fis-suq u fil-banek infushom. Dan għandu l-għan li jiżgura t-tħejjija għall-kriżijiet u jtejjeb ir-riżolvibbiltà tal-banek. Fl-2020, l-SRB allinja b'suċċess l-aġġornament annwali tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni f'RPC uniku ta' 12-il xahar, li dam minn April sa Marzu. Konsegwentement, matul is-sena ta' rapportar, l-SRB lesta l-RPC 2020, implimenta l-RPC 2021 u ħejja għall-RPC 2022.

**Illustrazzjoni 2:** Iċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni




IRT: Tim Intern ta' Riżoluzzjoni

[7] F'konformità mal-Artikolu 8(12) SRMR.

**Tabella 2:** Ħarsa ġenerali lejn iċ-ċifri tal-pjan ta' riżoluzzjoni għaċ-Ċikli ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2020 u 2021

| Stat Membru | In-numru ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li mistennija jiġu adottati matul l-RPC 2020[8] | L-għadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati għaċ-ċiklu ta' ppjanar tal-2020[9] | L-għadd ta' banek tal-SRB fl-1 ta' Jannar 2021 | L-għadd ta' banek tal-SRB fil-31 ta' Diċembru 2021 | L-għadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li mistennija jiġu adottati matul l-RPC 2021[10] | L-għadd aġġustat ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li mistennija jiġu adottati matul l-RPC 2021[11] | L-għadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-RPC 2021 diġà adottati mill-31 ta' Diċembru 2021[12] | Id-deċiżjoni tal-MREL mistennija matul iċ-ċiklu tal-2021 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 6 | 6 | 8 | 7 | 7 | 6[13] | 1 | 12 |
| Il-Bulgarija | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 4 |
| Il-Ġermanja | 22 | 21 | 21 | 21 | 21 | 21 | 11 | 37 |
| L-Estonja | 1 | 1 | 3 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| L-Irlanda | 7 | 4 | 6 | 6 | 6 | 6 | 2 | 15 |
| Il-Greċja | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 3 | 4 |
| Spanja | 12 | 12 | 13 | 11 | 13 | 11[14] | 7 | 15 |
| Franza | 11 | 11 | 12 | 13 | 10 | 11[15] | 5 | 22 |
| Il-Kroazja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 7 |
| L-Italja | 13 | 12 | 12 | 12 | 12 | 12 | 7 | 41 |
| Ċipru | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 5 |
| Il-Latvja | 1 | 1 | 3 | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Il-Litwanja | 1 | 1 | 3 | 3 | 1 | 1 | 0 | 1 |
| Il-Lussemburgu | 5 | 4 | 5 | 5 | 5 | 4[16] | 3 | 12 |
| Malta | 2 | 2 | 3 | 3 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| In-Netherlands | 7 | 6 | 6 | 7 | 5 | 5 | 1 | 12 |
| L-Awstrija | 8 | 8 | 8 | 8 | 8 | 8 | 4 | 23 |
| Il-Portugall | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 3[17] | 0 | 9 |
| Is-Slovenja | 3 | 2 | 2 | 3 | 2 | 3 | 3 | 6 |
| Is-Slovakkja | 2 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0[18] | 0 | 5 |
| Il-Finlandja | 3 | 3 | 3 | 3 | 2 | 2 | 1 | 3 |
| **Total** | **115** | **105** | **120** | **120** | **109** | **104** | **54** | **237** |

8 Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mistennija skont il-pjan ta' ħidma tal-2020, li fasslu l-pjanijiet mistennija sa minn nofs l-2019.

9 Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni attwalment adottati fl-RPC 2020. Ara t-tabella 3 għal dettalji għal kull lott.

10 Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mistennija skont il-pjan ta' ħidma tal-2021, li fasslu l-pjanijiet mistennija sa minn nofs l-2020.

11 Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mistennija fil-31 ta' Diċembru 2021. Ara t-tabella 4 għal dettalji għal kull lott.

12 Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati mill-SRB qabel il-31 ta' Diċembru. Ara t-tabella 4 għal aktar dettalji għal kull lott.

13 L-ebda pjan ta' riżoluzzjoni mistenni għal bank wieħed meqjus bħala każ ospitanti

14 L-ebda pjan ta' riżoluzzjoni mistenni għal żewġ banek bħala riżultat tal-fużjonijiet

15 Pjan addizzjonali wieħed mistenni għall-bidla strutturali ta' bank wieħed fi Stat Membru ieħor

16 L-ebda pjan ta' riżoluzzjoni mhuwa mistenni għal bank wieħed minħabba bidla strutturali ta' bank wieħed fi Stat Membru ieħor

17 L-ebda pjan ta' riżoluzzjoni mistenni għal bank wieħed li jimxi lejn obbligi simplifikati.

18 L-ebda pjan ta' riżoluzzjoni mistenni għal żewġ banek inklużi fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-impriża omm.

### Tlestija taċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2020 (April 2020–Marzu 2021)

L-SRB lesta l-ewwel RPC ta' 12-il xahar fl-2021. Dan iċ-ċiklu ta' 12-il xahar wassal għall-ottimizzazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet - u l-allinjament mal-proċessi tal-partijiet ikkonċernati tal-SRB. Dan appoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Pakkett Bankarju, li kien jinvolvi, fost affarijiet oħra, li l-SRB jistabbilixxi miri vinkolanti intermedji u miri tal-MREL esterni u interni finali. L-RPC 2020 inkorpora wkoll bis-sħiħ l-introduzzjoni gradwali tal-EfB. Is-suċċess tal-implimentazzjoni ta' dan iċ-ċiklu kkompressat kien jiddependi mill-kooperazzjoni bla xkiel mal-NRAs, mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), il-koordinazzjoni mill-qrib bejn il-banek u t-timijiet interni ta' riżoluzzjoni (IRTs), u l-implimentazzjoni sistematika tat-tagħlimiet meħuda f'ċikli preċedenti.

L-RPC 2020 tlesta f'Novembru 2021, b'105 pjanijiet ta' riżoluzzjoni approvati mill-SRB. Sal-aħħar ta' April, 82 % tal-pjanijiet kienu ġew adottati u din iċ-ċifra kienet ta' aktar minn 90 % sal-aħħar ta' Mejju. L-approvazzjoni ta' xi pjanijiet saret aktar tard milli kien mistenni minħabba t-traspożizzjoni tardiva tat-Tieni Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD2)[19] fil-livell nazzjonali f'ċerti ġuriżdizzjonijiet.

**Tabella 3:** L-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2020

| Lott | Total tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mistennija | Approvat fl-2020 u fl-ewwel trimestru tal-2021 | | Approvat wara l-ewwel trimestru tal-2021 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Lott 1 | 31 | 31 | 100 % | - | |
| Lott 2 | 30 | 29 | 97 % | 1 | |
| Lott 3 | 44 | 26 | 58 % | 18 | 42 % |
| **Total** | **105** | **86** | **82 %** | **19** | **18 %** |

### L-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2021 (April 2021 – Marzu 2022)

L-SRB nieda l-RPC tal-2021 f'April 2021, ladarba l-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB kienu ppreżentaw ir-Rapporti dwar id-*Data* tar-Responsabbiltà tagħhom.

Il-prijoritajiet komuni għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2021, f'konformità mal-introduzzjoni gradwali tal-EfB, kienu:

- l-istima tal-ħtiġijiet ta' likwidità u ta' finanzjament fir-riżoluzzjoni,
- kapaċitajiet MIS għad-*data* tal-valutazzjoni (inkluż rapport ta' awtovalutazzjoni), u għall-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna,
- operazzjonalizzazzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna: playbooks sħaħ tar-rikapitalizzazzjoni interna lesti sa tmiem l-2021.

L-SRB ikkomunika wkoll dawn il-prijoritajiet komuni, flimkien ma' prijoritajiet bankarji speċifiċi, permezz tal-ittri ta' prijorità mibgħuta lill-banek fir-raba' trimestru tal-2020.

L-SRB ħareġ il-gwida għall-prijoritajiet ta' ħidma tal-2021 f'Marzu u f'April, aġġorna l-politika tal-MREL, u kkomplementa dawn b'korsijiet ta' taħriġ u preżentazzjonijiet lill-IRTs u lill-banek. Barra minn hekk, l-SRB tejjeb il-gwida tiegħu dwar ċerti suġġetti biex jappoġġa l-IRTs responsabbli għall-abbozzar tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Dan kien jinkludi l-politiki dwar il-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà, il-PIA, il-likwidazzjoni

[19] Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment u d-Direttiva 98/26/KE. Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32019L0879

solventi tal-portafolli tan-negozjar, u l-gwida interna dwar il-kontrolli tal-kwalità (ara aktar dettalji fit-taqsima 1.4.1).

Minbarra s-sessjonijiet ta' taħriġ dwar suġġetti speċifiċi, f'April 2021, bħal fis-snin preċedenti, l-SRB għamel disponibbli l-ktejjeb tal-RPC, li jiġbor fil-qosor il-proċessi ewlenin u l-informazzjoni rilevanti taċ-ċiklu[20]. L-SRB ippreżenta wkoll il-ktejjeb fit-12-il djalogu mal-Industrija (ara t-taqsima 1.4.1).

L-RPC tal-2021 organizza l-104 aġġornamenti tal-pjan ta' riżoluzzjoni mistennija fi tliet lottijiet. It-tqassim tat-tħejjija tal-pjanijiet jagħmilha possibbli li jiġi mmassimizzat l-allinjament maċ-ċikli tal-partijiet ikkonċernati, bħal dawk tal-BĊE, tal-NRAs u tal-istituzzjonijiet infushom. Dan it-tfassil taċ-ċiklu jinkludi wkoll xi passi essenzjali fl-RPC, bħal korsijiet ta' taħriġ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-politiki l-ġodda u dokumenti ta' gwida aġġornati, rieżami intern bir-reqqa tal-kwalità, u tħejjija effiċjenti u effettiva tas-sessjonijiet u tad-deċiżjonijiet tal-SRB. L-SRB jissorvelja l-implimentazzjoni tal-RPC ma' kumitat tat-tmexxija intern, li, min-naħa tiegħu, iżomm lill-korpi maniġerjali u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB informati dwar il-progress.

Fl-RPC tal-2021, l-IRTs issottomettew b'suċċess l-abbozzi tal-pjanijiet kollha skont l-iskedi tal-lottijiet rispettivi tagħhom, li ppermetta żmien suffiċjenti għall-kontroll tal-kwalità, il-konsultazzjonijiet tal-BĊE, u t-tħejjija adegwata tad-deċiżjonijiet fis-Sessjonijiet tal-SRB. Sa mill-31 ta' Diċembru, kienu ġew adottati 54 pjan u kienu ġew ikkomunikati 33 sommarju lill-banek, skont l-iskeda. Il-proċess għall-bqija tal-pjanijiet, ħlief għal tnejn, kien mistenni li jitlesta skont l-iskeda fl-2022.

B'mod parallel mat-tħejjija tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, l-IRTs jivvalutaw ukoll il-pjanijiet ta' rkupru tal-banek ipprovduti mill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 10(2) tal-SRMR sabiex jidentifikaw kwalunkwe azzjoni fil-pjanijiet ta' rkupru li tista' taffettwa r-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet. Din il-valutazzjoni, li tikkomplementa l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-BĊE, tappoġġa l-azzjoni koordinata tal-awtoritajiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni, u għalhekk hija kruċjali għall-iżgurar l-istabbiltà finanzjarja. Fl-2021, l-SRB aġġorna l-gwida tal-pjan ta' rkupru tiegħu għall-IRTs u beda l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru fir-raba' trimestru, ħidma li se tkompli fl-2022.

**Tabella 4:** L-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2021

| Lott | Pjanijiet mistennija[21] | Abbozzi ta' pjanijiet sottomessi għal konsultazzjoni mal-BĊE | | Pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati qabel il-31 ta' Diċembru 2021 | | Pjanijiet ta' riżoluzzjoni fit-triq it-tajba li għandhom jiġu approvati fl-2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Lott 1 | 20 | 20 | 100 % | 19 | 95 % | 1 | 5 % |
| Lott 2 | 39 | 39 | 100 % | 32 | 82 % | 7 | 8 % |
| Lott 3 | 45 | 45 | 100 % | 3 | 7 %[22] | 40 | 93 %[23] |
| **Total** | **104** | **104** | **100 %** | **54** | **50 %** | **48**[24] | **50 %** |

20 Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/en/content/resolution-planning-cycle-rpc-booklet

21 Mill-31 ta' Diċembru 2021. Mid-data tal-finalizzazzjoni tar-rapport, żewġ pjanijiet oħra ta' riżoluzzjoni inizjalment ikkunsidrati fil-lott 3 ma kinux għadhom mistennija għall-RPC tal-2021 minħabba fużjoni u każ ta' kriżi. Madankollu, il-pjanijiet kienu tħejjew u ntbagħtu għal konsultazzjoni mal-BĊE.

22 Ikkalkulat fuq il-pjanijiet totali mistennija l-ġodda għal-lott 3, 42 pjan.

23 Ibid.

24 Total ġdid ta' pjanijiet mistennija fl-2022.

#### Tħejjija taċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni tal-2022 (April 2022 – Marzu 2023)

It-tħejjijiet għaċ-ċiklu li jmiss bdew fit-tieni nofs tal-2021, bl-SRB jibgħat l-ittri ta' prijorità tal-2022 lill-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB f'Settembru u f'Ottubru 2021. It-tliet prijoritajiet komuni definiti f'konformità mal-introduzzjoni gradwali tal-EfB huma:

- il-likwidità u l-finanzjament fir-riżoluzzjoni, speċifikament dwar il-kapaċitajiet tal-banek li jidentifikaw u jimmobilizzaw l-assi li jistgħu jintużaw bħala kollateral fir-riżoluzzjoni u warajha;
- separabbiltà u pjanijiet ta' riorganizzazzjoni, inkluża t-tħejjija tar-riorganizzazzjoni tan-negozju u r-rapporti ta' analiżi tas-separabbiltà;
- is-sistemi ta' informazzjoni u l-kapaċitajiet tal-MIS għar-rikapitalizzazzjoni interna u d-*data* tal-valwazzjoni, li huma mistennija jitlestew sa tmiem l-2022, wara simulazzjoni mwettqa matul is-sena.

Minbarra dawn il-prijoritajiet komuni, l-ittri ta' prijorità tal-2022 kienu jinkludu objettivi speċifiċi għall-istituzzjonijiet f'konformità mal-EfB. Barra minn hekk, l-ittri identifikaw formalment oqsma fejn huwa meħtieġ aktar progress biex jiġi żgurat li l-banek ikunu kompletament riżolvibbli sal-aħħar tal-2023. L-SRB ħabbar li se jkun hemm monitoraġġ aktar mill-qrib tal-progress f'dawn l-oqsma jekk ikun meħtieġ, (inkluż aġġornament trimestrali permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tas-soltu) bil-għan li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda kwistjoni materjali li tista' xxekkel il-fattibbiltà tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ta' kwalunkwe istituzzjoni (ara t-taqsima 1.3.3).

F'Settembru, l-SRB ippubblika l-ħarsa ġenerali tar-rekwiżiti tar-rapportar tar-riżoluzzjoni għall-2022. B'mod parallel, kompla jaħdem fuq ir-riżultati tal-politika u dawk operazzjonali għaċ-ċiklu li ġej, kif ukoll ħejja serje ġdida ta' taħriġ dwar il-politiki u l-attivitajiet ta' riżoluzzjoni, b'sett imħallat ta' sessjonijiet ta' taħriġ irreġistrati u interattivi online.

Bil-għan li jittejjeb kontinwament il-proċess tal-RPC, l-SRB żviluppa għodod tal-ICT biex jiffaċilita l-ġbir tad-*data*, il-kontrolli tal-kwalità u b'mod ġenerali jtejjeb l-effiċjenza tal-passi interni u esterni tal-proċess, li wħud minnhom diġà kienu stabbiliti għall-RPC 2021 (ara t-taqsima 2.3.2).

### 1.3.2 REKWIŻIT MINIMU GĦAL FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI

L-SRB jimmonitorja l-konformità tal-banek mal-miri attwali esterni u interni tagħhom tal-MREL skont il-BRRD2[25], vinkolanti mill-1 ta' Jannar 2022, u l-konformità ta' Istituzzjonijiet Globali Sistemikament Importanti (G-SIIs) u sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE b'Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) u rekwiżiti interni tat-TLAC. L-SRB jippubblika r-riżultati trimestrali aggregati dwar id-dinamika tal-MREL f'dashboard tal-MREL, disponibbli fuq is-sit web estern tal-SRB. Matul is-sena ta' rapportar, l-SRB ippubblika erba' aġġornamenti trimestrali tad-dashboard tal-MREL, li jkopru t-tielet

[25] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Test b'relevanza għaż-ŻEE. Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A32014L0059

trimestru[26] u r-raba' trimestru[27] tal-2020 u l-ewwel trimestru[28] u t-tieni trimestru[29] tal-2021.

Il-mira esterna finali tal-2024 tal-MREL li tinkludi r-rekwiżit ta' buffer kombinat (CBR) kienet ta' 26.06 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (TREA) bħala medja u ta' 17.61 % tat-TREA għall-komponent ta' subordinazzjoni li jinkludi s-CBR.

**Illustrazzjoni 3:** Il-miri finali tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni[30]




*** Il-livell speċifiku ta' miri ta' subordinazzjoni jvarja bejn il-pajjiżi u huwa xprunat minn varjetà ta' fatturi, li jvarjaw, fost l-oħrajn, minn:** (i) id-densità tar-riskju, (ii) is-sehem tal-banek tal-Pilastru 1 u (iii) ir-riskju u l-aġġustamenti tal-NCWO. B'riżultat ta' dan, xi banek - bħal dawk f'Ċipru u fil-Greċja - mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' subordinazzjoni
**• Il-mira tal-MREL hija inqas mill-mira tas-subordinazzjoni tal-MREL li tinkludi s-CBR (jiġifieri għall-DE)**
**Oħrajn:** BG, EE, FI, IE, LV, LT, LU, MT, SI, SK
**Sors:** Dashboard tal-MREL tal-SRB It-tielet trimestru tal-2021

In-nuqqas korrispondenti tal-MREL laħaq iż-0.48 % tat-TREA (jew EUR 34.6 biljun). B'enfasi fuq il-mira intermedja tal-2022, il-banek kważi kollha kienu mistennija jirrispettaw il-mira intermedja vinkolanti. Matul it-tielet trimestru tal-2021, il-banek taħt il-mandat tal-SRB ħarġu EUR 42.9 biljun ta' strumenti eliġibbli tal-MREL, u l-emittenti għażlu l-aktar bonds privileġġjati (35.1 % tal-ħruġ totali).

[26] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://srb.europa.eu/sites/srbsite/files/20210208_srb_mrel_dashboard_q3-2020.pdf

[27] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/srb_mrel_dashboard_q4-2020.pdf

[28] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2021-07-26%20SRB%20MREL%20dashboard%20Q1%202021_0.pdf

[29] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2021-12-02_SRB-MREL-Dashboard-Q2.pdf

[30] Il-livell speċifiku ta' miri ta' subordinazzjoni jvarja bejn il-pajjiżi u huwa xprunat minn varjetà ta' fatturi, li jvarjaw, fost l-oħrajn, minn: (i) id-densità tar-riskju, (ii) is-sehem tal-banek tal-Pilastru 1 u (iii) ir-riskju u l-aġġustamenti ta' "L-ebda Kreditur ma Jmur Agħar". B'riżultat ta' dan, xi banek – bħal dawk f'Ċipru u fil-Greċja – mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' subordinazzjoni

**Illustrazzjoni 4:** Nuqqasijiet tal-MREL meta mqabbla mal-miri finali għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni




**Sors:** SRB MREL Dashboard Q3 2021

Il-kostijiet tal-finanzjament naqsu b'mod marġinali, filwaqt li baqgħu ftit ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija tagħhom matul l-ewwel żewġ trimestri tal-2021 (l-indiċijiet tad-dejn subordinat u superjuri kienu 1.1 u 1.2 darba aktar mil-livelli ta' qabel il-COVID-19 tagħhom, rispettivament) u l-firxiet bejn l-istrumenti superjuri u subordinati kienu stretti, minkejja l-volatilità osservata fis-swieq tal-finanzjament.

**Illustrazzjoni 5:** Kost tal-finanzjament (iTraxx Europe financials)




**Sors:** Bloomberg Finance L.P.

L-SRB ħareġ diversi politiki u dokumenti ta' gwida matul is-sena, inkluż l-aġġornament tal-politika tal-MREL għall-RPC tal-2021 (ara aktar dettalji fit-taqsima 1.4.1). Barra minn hekk, l-SRB ippubblika aġġornament għall-politika proviżorja tiegħu għal permessi preċedenti għal

obbligazzjonijiet eliġibbli, f'konformità mal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji (RTS) li mistenni li jiġi adottat fl-2022. L-abbozz tal-RTS jinkludi xi bidliet materjali dwar il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni meta mqabbla mal-politika proviżorja tal-SRB, b'mod partikolari fir-rigward tal-pakkett awtorizzat għat-tifdijiet (l-ammont iddeterminat minn qabel) u l-ħtieġa li dan jitnaqqas bil-quddiem mir-riżorsi tal-MREL tal-banek. Dan l-aġġornament huwa maħsub biex jiċċara r-reġim tal-permessi applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022, li jippermetti lill-industrija tiffamiljarizza ruħha mal-proċedura, filwaqt li jillimita l-ħtieġa li xi banek jissottomettu applikazzjonijiet multipli, u jiffaċilita tranżizzjoni bla xkiel għall-qafas il-ġdid.

Matul is-sena, l-SRB introduċa wkoll bidliet fil-proċessi u fil-frekwenza tar-rapportar tal-MREL tal-banek biex itejjeb il-kwalità tad-*data* disponibbli u jwieġeb għall-approċċ sekwenzjali għar-Rapportar tar-Riżoluzzjoni, li fih l-SRB se jiċċentralizza r-rapporti mill-NRAs tal-Unjoni Bankarja qabel ma jirrapporta lill-EBA.

F'Marzu, l-SRB ippubblika komunikazzjoni dwar l-approċċ tiegħu għall-obbligazzjonijiet irregolati mil-liġi tar-Renju Unit mingħajr klawżola kuntrattwali ta' rikonoxximent tar-rikapitalizzazzjoni interna bħala eliġibbli għal MREL[31]. L-approċċ għandu jiżgura tranżizzjoni bla xkiel, filwaqt li jevita kwalunkwe effett sproporzjonat fuq il-banek, filwaqt li jibqa' jservi l-għan ġenerali għall-ksib tar-riżolvibbiltà tal-banek. Il-volum tal-istrumenti kkonċernati huwa mistenni li jonqos gradwalment maż-żmien hekk kif dawn jimmaturaw. L-SRB se jkompli jimmonitorja r-riżolvibbiltà tal-banek li l-obbligazzjonijiet tagħhom jinkludu tali strumenti, u jista' jirrieżamina l-approċċ espress fil-komunikazzjoni jekk iċ-ċirkostanzi li jinbidlu jaffettwaw ir-riżolvibbiltà ta' dawk il-banek.

L-SRB ippubblika wkoll gwida għan-notifiki bankarji fir-rigward tal-Artikolu 55(2) tal-BRRD fejn il-banek jiddeterminaw li huwa legalment jew inkella imprattikabbli li jiġu inklużi klawżoli ta' rikonoxximent tar-rikapitalizzazzjoni interna f'obbligazzjonijiet maħruġa skont id-dritt ta' pajjiż terz, skont ir-rekwiżit tal-Artikolu 55(1) tal-BRRD. L-SRB l-ewwel ippubblika l-gwida f'Ġunju 2021 biex jagħti avviż bil-quddiem lill-banek, u mbagħad aġġornaha f'Ottubru wara d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha[32]. Il-politika ddikjarat li, ladarba l-banek ikunu żguraw kif xieraq li d-determinazzjonijiet tagħhom huma konformi mal-kundizzjonijiet rilevanti, jeħtieġ li jinnotifikaw lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kompetenti. L-awtorità ta' riżoluzzjoni kompetenti mbagħad ġeneralment[33] ikollha 3 xhur biex tivvaluta n-notifika u tagħti l-opinjoni finali tagħha dwar id-determinazzjoni tal-bank. Abbażi tal-Artikolu 55(7) tal-BRRD u sabiex jgħin fis-simplifikazzjoni tan-notifika ta' ċerti gruppi ta' obbligazzjonijiet,

---

31 L-SRB se jqis l-obbligazzjonijiet irregolati mil-liġi tar-Renju Unit mingħajr klawżola kuntrattwali ta' rikonoxximent tar-rikapitalizzazzjoni interna bħala eliġibbli għall-MREL, jekk: (i) jissodisfaw b'mod ieħor il-kriterji applikabbli tal-MREL; u (ii) ikunu nħarġu fil-15 ta' Novembru 2018 jew qabel, meta l-SRB ippubblika l-aspettattivi tiegħu ta' riżolvibbiltà għall-banek fil-kuntest tal-Brexit u nnota l-konsegwenzi potenzjali tal-Brexit għall-istokk eżistenti tal-banek tal-istrumenti tal-MREL irregolati mil-liġi tar-Renju Unit. Din l-eżenzjoni għandha tapplika sat-28 ta' Ġunju 2025, biex jiġi żgurat l-allinjament mal-anterjorità prudenzjali tar-rekwiżit li jiġu introdotti klawżoli ta' rikonoxximent kuntrattwali fi strumenti ta' fondi proprji previsti fl-Artikolu 494b tas-CRR. Kwalunkwe obbligazzjoni regolata mil-liġi tar-Renju Unit maħruġa jew emendata materjalment wara l-15 ta' Novembru 2018 trid tinkludi klawżola kuntrattwali ta' rikonoxximent tar-rikapitalizzazzjoni interna biex tkun eliġibbli għall-MREL.

32 L-Istandards Tekniċi Regolatorji u ta' Implimentazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea ġew adottati permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2021/1751), ippubblikat fl-1 ta' Ottubru 2021. Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R1751

33 Il-perjodu inizjali ta' 3 xhur jista' jiġi estiż għal 6 xhur f'każijiet kumplessi.

l-SRB identifika erba' kategoriji preliminari ta' obbligazzjonijiet[34] li għalihom huma ssimplifikati n-notifika u l-valutazzjoni ta' imprattikabbiltà. Minn meta l-qafas regolatorju daħal fis-seħħ f'Ottubru 2021, il-banek taħt il-gwida u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom innotifikaw tali każijiet b'mod regolari. L-obbligazzjonijiet li ma fihomx klawżoli ta' rikonoxximent tar-rikapitalizzazzjoni interna (għal raġunijiet ta' imprattikabbiltà jew oħrajn) mhux se jgħoddu għall-MREL, għalkemm jibqgħu disposti għal rikapitalizzazzjoni interna u huma mmonitorjati mill-qrib skont ir-rekwiżiti ta' riżolvibbiltà aktar ġenerali.

### 1.3.3 VALUTAZZJONIJIET TAR-RIŻOLVIBBILTÀ

L-SRB approva l-politika tiegħu dwar il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà fit-tieni trimestru tal-2021, u sussegwentement applikaha lill-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB li għalihom l-istrateġija hija riżoluzzjoni fl-RPC tal-2021.

F'konformità ma' din il-politika, l-IRTs jivvalutaw il-progress li sar mill-banek fir-rigward tal-kundizzjonijiet tar-riżolvibbiltà u l-impatt relattiv ta' dawn il-kundizzjonijiet fuq il-fattibbiltà tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-banek, bl-użu tal-kriterji orizzontali tal-mappa termika tal-SRB[35].

Abbażi tal-valutazzjonijiet tal-progress u tal-impatt, l-IRTs imbagħad jivvalutaw l-eżistenza u l-materjalità tal-impedimenti potenzjali u jikkunsidraw azzjoni korrettiva xierqa fejn ikun meħtieġ. L-ittri ta' prijorità tal-2022, mibgħuta fir-raba' trimestru tal-2021, indikaw, fl-objettivi speċifiċi għall-istituzzjoni tagħhom, li fihom l-SRB jistenna li jara evidenza ta' azzjoni korrettiva dwar il-kundizzjonijiet tar-riżolvibbiltà, sabiex l-impediment ikun jista' jitnaqqas jew jitneħħa b'mod adegwat fi żmien qasir. Il-banek huma mistennija jinkludu tali azzjonijiet korrettivi fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali tagħhom għal monitoraġġ mill-qrib mill-IRTs tal-SRB fiċ-ċiklu li jmiss.

F'każ li jiġu identifikati impedimenti materjali, l-SRB jista' jiskatta l-proċedura ta' impedimenti sostantivi, fiddawl ta' kemm jaffettwaw b'mod sever il-fattibbiltà ġenerali tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni, il-miżuri[36] disponibbli għall-SRB biex jindirizzahom, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom kull miżura tista' tiġi applikata f'konformità mal-gwida tal-EBA[37].

B'kuntrast ma' dan, meta l-azzjonijiet korrettivi jintwerew b'mod ċar, il-banek juru progress lejn ir-riżolvibbiltà. Dan il-progress sodisfaċenti lejn ir-riżolvibbiltà f'ċerti oqsma huwa kriterju li jista' jitqies fil-kalibrazzjoni tal-MREL, u jistabbilixxi prattika tajba għall-valutazzjoni komparattiva, li taffettwa l-klassifikazzjoni fil-mappa termika tal-SRB. L-eżerċizzju tal-mappa termika tal-SRB tal-2021 se jintuża għall-komunikazzjoni u l-bidu tad-divulgazzjoni dwar il-progress tal-banek lejn ir-riżolvibbiltà fid-dawl tal-perjodu ta' introduzzjoni gradwali tal-politika tal-EfB u l-MREL.

---

[34] Aktar dettalji f'dawn l-erba' kategoriji fil-gwida ppubblikata: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2021-10-25%20SRB%20Article%2055%20guidance.pdf

[35] Ara aktar dettalji hawn: https://www.srb.europa.eu/en/content/srbs-new-heat-map-approach-enhances-resolvability-assessment

[36] Artikolu 10(11) tal-SRMR.

[37] EBA/GL/2014/11, dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/documents/10180/933988/d3fa2201-e21f-4f3a-8a67-6e7278fee473/EBA-GL-2014-11%20%28Guidelines%20on%20Impediments%20to%20Resolvability%29.pdf?retry=1

**Il-mappa termika tal-SRB** hija għodda għall-monitoraġġ, għall-valutazzjoni komparattiva u għall-komunikazzjoni dwar il-progress tal-banek lejn riżolvibbiltà sħiħa, u tikkostitwixxi stadju importanti fil-qafas ta' riżoluzzjoni tal-SRB.

Il-mappa termika tikklassifika r-riżolvibbiltà tal-banek billi tuża **kriterji orizzontali armonizzati** biex jiġi kklassifikat il-progress ta' kull bank lejn ir-riżolvibbiltà, abbażi tal-Aspettattivi għall-Banek (EfB) u għall-politika tal-MREL; u **prinċipju ta' proporzjonalità**, li jqis il-karatteristiċi tal-mudell tan-negozju tal-banek u l-istrateġiji speċifiċi ta' riżoluzzjoni.

Minn naħa waħda, il-mappa termika tirrifletti l-**valutazzjoni individwali tar-riżolvibbiltà** tal-banek taħt il-mandat tal-SRB, filwaqt li min-naħa l-oħra, tippermetti l-**valutazzjoni komparattiva** bejn il-banek, il-gruppi ta' pari u l-istrateġiji ta' riżoluzzjoni madwar l-Unjoni Bankarja, kif ukoll paragun ma' oqfsa ta' riżoluzzjoni barra mill-UE.

Ix-xogħol metodoloġiku tlesta fl-2021 u l-mappa termika hija mistennija li tiġi ppubblikata fl-2022.

### 1.3.4 ANALIŻIJIET BIR-REQQA U VERIFIKI FUQ IL-POST

Matul l-2021, l-SRB lesta gwida dwar l-analiżijiet bir-reqqa fuq is-suġġetti li ġejjin: l-MREL, il-kontinwità tal-operat fir-riżoluzzjoni, ir-rapportar dwar id-*data* ta' responsabbiltà, u r-rapportar tal-SRF, u pprovda taħriġ rilevanti lill-persunal tal-SRB u tal-NRA.

Fir-raba' trimestru, l-IRTs wettqu 13-il analiżi bir-reqqa, li koprew għaxar banek taħt il-mandat tal-SRB. Minkejja r-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19, it-timijiet irnexxielhom iżuru personalment sebgħa mill-banek magħżula.

L-analiżijiet bir-reqqa bdew b'ittra ta' notifika lill-banek, li stednithom jipparteċipaw fl-eżerċizzju. Wara l-aċċettazzjoni mill-banek, l-IRTs talbu lill-banek itellgħu d-dokumenti tagħhom fuq il-pjattaforma tal-ICT (l-istess bħal dik li bħalissa qed tintuża għal każijiet ta' kriżi u għall-ġbir tad-*data* tal-SRF) fi ħdan perjodu ta' 4 sa 6 ġimgħat. Wara dan, l-IRTs analizzaw l-informazzjoni u skedaw laqgħat biex jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni tal-banek matul il-fażi fuq il-post. Din il-fażi ntemmet b'laqgħa ta' ħruġ, li fiha l-IRTs enfasizzaw fil-qosor l-eżiti ewlenin lill-maniġment tal-banek. It-timijiet ikkonkludew l-analiżijiet bir-reqqa tagħhom b'rapport kunfidenzjali kondiviż mal-NRAs u mal-SRB. Fl-aħħar nett, l-SRB ippreżenta ittri ta' segwitu lill-banek, biex jiġbor fil-qosor is-sejbiet ewlenin u biex jistedinhom jikkooperaw mal-IRTs tagħhom sabiex jindirizzaw dawn is-sejbiet.

Il-kollaborazzjoni bejn l-NRAs u l-persunal tal-SRB, flimkien ma' kooperazzjoni tajba mal-banek soġġetti għall-analiżijiet bir-reqqa kienu kruċjali għas-suċċess ta' dan l-eżerċizzju. Dan ipproduċa eżiti siewja f'termini ta' aktar żvilupp ta' gwida għall-banek, titjib addizzjonali fl-għodda tal-ICT, u għamel l-appoġġ meħtieġ mill-NRAs ċar. Abbażi tal-esperjenza pożittiva fl-2021, l-SRB se jespandi l-analiżijiet bir-reqqa fl-2022, u se jkompli jirfina l-gwida tal-analiżi bir-reqqa tal-SRB sabiex jinforza l-EfB. L-SRB għandu jkun lest li jwettaq il-verifiki fuq il-post kollha tiegħu sa nofs l-2023.

**Analiżijiet bir-reqqa mqabbla ma' Verifiki fuq il-post**

- Il-**verifiki fuq il-post** huma investigazzjonijiet fil-fond biex jivvalutaw jekk il-banek jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-EfB li se jiżguraw ir-riżolvibbiltà tagħhom f'każ ta' falliment.

→ Abbażi tal-Artikolu 36 tal-SRMR

- L-**analiżijiet bir-reqqa** huma estensjoni tal-attività tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-IRT, li normalment isehħu fil-bini tal-banek. B'mod aktar ġenerali, l-analiżijiet bir-reqqa jitqiesu bħala mod kif tinkiseb informazzjoni addizzjonali għal finijiet ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni.

→ Abbażi tal-Artikolu 11 tal-BRRD u tal-Artikolu 34 tal-SRMR

### 1.3.5 FUNZJONI TA' SORVELJANZA TAL-ISTITUZZJONIJIET INQAS SINIFIKANTI

Skont ir-rekwiżiti tal-SRMR, l-SRB iwettaq rwol ta' sorveljanza għal-LSIs taħt il-kompetenza diretta tal-NRAs, inkluża l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miżuri ta' riżoluzzjoni tal-LSI[38] qabel l-adozzjoni formali tagħhom mill-NRAs. L-objettiv ta' din il-funzjoni ta' sorveljanza huwa li tiġi żgurata l-konsistenza fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni bejn l-istituzzjonijiet sinifikanti u l-LSIs fl-istess Stat Membru, u fost l-LSIs madwar l-Unjoni Bankarja, fil-waqt li jitqiesu l-proporzjonalità u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali. L-RPC għal-LSIs isegwi l-istess ċiklu minn April sa Marzu bħall-RPC għal istituzzjonijiet sinifikanti.

Skont l-informazzjoni li waslet mingħand l-NRAs, 2,085 LSI kienu jirrikjedu ppjanar ta' riżoluzzjoni fl-RPC 2021. Wara l-RPC, 1,932 LSI kienu koperti minn pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Mit-total ta' 1,932, 675 pjan tal-LSI ġew ivvalutati mill-SRB fl-RPC 2021 (jew aġġornamenti tal-pjanijiet imħejjija qabel jew l-ewwel verżjonijiet tagħhom) u 1,257 pjan tal-LSI taħt obbligi simplifikati li kienu tħejjew fl-RPCs preċedenti baqgħu fis-seħħ għall-RPC 2021. Id-dettalji jistgħu jinstabu fit-tabella li ġejja.

[38] Il-miżuri ta' riżoluzzjoni jinkludu, fost l-oħrajn, pjanijiet ta' riżoluzzjoni, deċiżjonijiet tal-MREL, eliġibbiltà għall-applikazzjoni ta' obbligu simplifikat kif ukoll id-deċiżjoni tal-PIA fir-rigward tal-LSI li qed tfalli jew probabbilment se tfalli.

**Tabella 5:** Ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSIs fiċ-Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2021

| Stat Membru | L-għadd ta' LSIs li għalihom huma meħtieġa pjanijiet ta' riżoluzzjoni, mill-31 ta' Diċembru 2021 | Pjanijiet ipprepa-rati fl-RPC 2021 | Pjanijiet taħt obbligi simplifikati adottati f'RPCs preċedenti u li jibqgħu fis-seħħ għall-RPC 2021 | L-għadd totali ta' LSIs koperti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni fl-RPC 2021 |
|---|---|---|---|---|
| | *A* | *B* | *C* | *D=B+C* |
| Il-Belġju | 14 | 2 | 11 | 13 |
| Il-Bulgarija | 13 | 13 | 0 | 13 |
| Il-Ġermanja | 1 255 | 43 | 1 083 | 1 126 |
| L-Estonja | 6 | 6 | 0 | 6 |
| L-Irlanda | 9 | 5 | 4 | 9 |
| Il-Greċja | 11 | 5 | 5 | 10 |
| Spanja | 52 | 33 | 19 | 52 |
| Franza | 73 | 37 | 33 | 70 |
| Il-Kroazja | 14 | 4 | 10 | 14 |
| L-Italja | 119 | 47 | 65 | 112 |
| Ċipru | 5 | 5 | 0 | 5 |
| Il-Latvja | 9 | 9 | 0 | 9 |
| Il-Litwanja | 10 | 3 | 2 | 5 |
| Il-Lussemburgu | 49 | 40 | 8 | 48 |
| Malta | 14 | 12 | 2 | 14 |
| In-Netherlands | 22 | 14 | 2 | 16 |
| L-Awstrija | 368 | 368 | 0 | 368 |
| Il-Portugall | 23 | 18 | 5 | 23 |
| Is-Slovenja | 5 | 1 | 4 | 5 |
| Is-Slovakkja | 5 | 4 | 1 | 5 |
| Il-Finlandja | 9 | 6 | 3 | 9 |
| **TOTAL** | 2 085 | 675 | 1 257 | 1 932 |

**Istituzzjonijiet inqas sinifikanti**

Madwar 2,200 LSI jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-banek fl-Unjoni Bankarja skont in-numru. L-assi totali tal-LSI aggregati jammontaw għal aktar minn EUR 4.4 triljun (madwar 14 % tas-settur bankarju kollu) fl-Unjoni Bankarja kollha, jew kważi terz tal-prodott domestiku gross ikkombinat tal-21 Stat Membru.

Il-kopertura tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSIs għamlet progress sinifikanti f'dawn l-aħħar erba' snin, u, mill-RPC 2021, tammonta għal 92.7 % tal-għadd totali ta' LSIs, li jindika progress kostanti matul is-snin. Għadd limitat ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni ma setgħux jitħejjew matul iċ-ċiklu attwali minħabba diversi raġunijiet: id-dħul fis-seħħ ta' oqfsa regolatorji ġodda; fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet li jaffettwaw l-istruttura korporattiva tal-LSIs; jew LSIs maħluqa reċenti li għalihom id-*data* meħtieġa biex tittwettaq superviżjoni jew riżoluzzjoni fir-rigward tagħhom kienet għadha ma kinitx disponibbli. Mill-pjanijiet kollha fl-RPC 2021, madwar 3 % (64 pjan) jinkludu riżoluzzjoni bħala l-istrateġija ppreferuta, filwaqt li l-bqija jipprevedu l-likwidazzjoni taħt proċeduri normali ta' insolvenza.

**Illustrazzjoni 6:** LSIs tal-progress koperti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni




Il-kollaborazzjoni mal-NRAs tibqa' kruċjali għas-sorveljanza b'suċċess tal-LSIs. Matul is-sena ta' rappor-tar, l-SRB u l-NRAs żammew kuntatti bilaterali u multilaterali regolari. Fir-raba' trimestru, l-SRB wettaq laqgħat bilaterali strutturati ta' nofs it-terminu mal-21 NRA kollha biex jiddiskuti l-aspetti prattiċi tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni li għaddej, kif ukoll biex jipprovdi feedback u pariri qabel in-notifika formali tal-abbozz tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSI lill-SRB. Dawn il-laqgħat bilaterali servew ukoll biex tiġi diskussa firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-settur tal-LSI u mal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSI. Saru laqgħat bilaterali addizzjonali matul is-sena biex jiġu diskussi kwistjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, matul is-sena, l-SRB u l-persunal kollu tal-NRAs iltaqgħu regolarment fit-Task Force tal-LSI[39], fil-Kumitat ta' Riżoluzzjoni u fil-laqgħat tal-SRB-NRA ta' livell għoli biex jiddiskutu l-progress ġenerali, il-kwistjonijiet orizzontali, u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-iskambji tal-aħjar prattiki tal-SRB fost l-NRAs.

Fl-2021, il-funzjoni ta' sorveljanza tal-SRB fir-rigward tal-LSI ittejbet b'mod sinifikanti f'termini tal-kapaċitajiet tad-*data* u tal-ġestjoni tad-*data*, u tat għarfien analitiku addizzjonali dwar is-settur tal-LSI u pprovdiet evidenza soda għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Din il-ġestjoni tad-*data* mtejba kellha impatt pożittiv partikolari fuq is-sistema ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-LSI, li għandha l-għan li tidentifika l-LSIs li jesperjenzaw diffikultà finanzjarja fi stadju bikri. L-SRB wettaq monitoraġġ regolari tal-LSIs, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-NRAs, u kkomplementa skambji regolari mal-BĊE u mal-MSU.

[39] Magħmul minn rappreżentanti mill-NRAs kollha, mill-Kummissjoni, mill-BĊE u mill-EBA.

# 1.4. It-trawwim ta' qafas robust ta' riżoluzzjoni

Matul l-2021, l-SRB għamel ħiltu biex jippromwovi qafas ta' riżoluzzjoni robust fl-Unjoni Bankarja billi żviluppa politiki rilevanti għar-riżoluzzjoni, filwaqt li kkontribwixxa għad-dibattitu ta' politika biex jaġġorna l-qafas ta' riżoluzzjoni għall-banek tal-SRB u l-LSIs, u adotta u ppubblika gwida għall-operazzjonalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Bħala awtorità ta' riżoluzzjoni ewlenija għas-settur finanzjarju fl-Unjoni Bankarja, l-SRB ikkollabora mill-qrib ma', fost l-oħrajn, il-BĊE, l-EBA u l-BERS. L-SRB ikkoopera wkoll ma' sħab internazzjonali u ma' pajjiżi terzi biex jiżgura li l-istandards ta' riżoluzzjoni jappoġġaw ukoll il-mandat tal-SRB.

## 1.4.1 L-IŻVILUPP U T-TIXRID TAL-POLITIKI TAL-SRB

### L-iżvilupp ta' politiki ta' riżoluzzjoni

Matul l-2021, l-SRB aġġorna u ppubblika l-**politiki kollha relatati mal-prijoritajiet għall-RPC** tal-2021 u għamel progress f'xi wħud mill-politiki rilevanti għall-RPC 2022.

**Likwidità u finanzjament fir-riżoluzzjoni**

- F'April, fil-ħin tal-applikazzjoni fl-RPC tal-2021, l-SRB ippubblika gwida ġdida dwar il-likwidità u l-finanzjament fir-riżoluzzjoni, li tiffoka fuq l-istima tal-ħtiġijiet ta' likwidità u li għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija tal-banek għar-riżoluzzjoni, filwaqt li tqis l-istress potenzjali tal-likwidità li bank jista' jġarrab qabel, matul u wara r-riżoluzzjoni. L-SRB kompla jaħdem fuq elementi ta' gwida addizzjonali dwar il-kapaċità tal-banek li jkejlu, jirrapportaw u jbassru l-pożizzjoni ta' likwidità tagħhom matul ir-riżoluzzjoni, u l-kapaċità tagħhom li jidentifikaw u jimmobilizzaw assi li jistgħu jintużaw sabiex tinkiseb il-likwidità fir-riżoluzzjoni. L-SRB jistenna li jippubblika din il-gwida ulterjuri fl-2022, wara l-introduzzjoni gradwali tal-EfB, peress li l-banek huma mistennija li jkunu kompletament konformi fil-qasam tal-likwidità u l-finanzjament fir-riżoluzzjoni sa tmiem l-2023.

**Rekwiżiti Minimi għal fondi proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli**

- F'April ukoll, l-SRB aġġorna l-politika tal-MREL għall-RPC tal-2021, billi introduċa elementi u raffinamenti ġodda bbażati fuq il-bidliet meħtieġa mill-Pakkett Bankarju. Barra minn hekk, l-SRB ippubblika aġġornament għall-politika provviżorja tiegħu għal permessi preċedenti għal obbligazzjonijiet eliġibbli, li jallinja mal-abbozz tal-RTS li huwa mistenni li jiġi adottat fl-2022 (għal aktar dettalji, ara t-taqsima 1.3.2).

**Valutazzjoni tal-interess pubbliku**

- F'Mejju, l-SRB ippubblika approċċ rivedut għall-politika tal-PIA fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni, li kien maħsub biex jikkomplementa l-politiki attwali dwar kif għandha titwettaq il-PIA u jivvaluta l-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta matul l-ippjanar tar-riżoluzzjoni. Dan l-addendum għall-politika tejjeb l-approċċ tal-PIA billi qies li l-falliment ta' bank jista' jseħħ matul perjodu ta' instabbiltà finanzjarja usa' jew avveniment mifrux mas-sistema kollha, f'liema

każ, l-għażla tal-aħjar strateġija ta' riżoluzzjoni hija saħansitra aktar kruċjali biex jiġu protetti l-kontribwenti u l-istabbiltà finanzjarja tal-Ewropa.

- Il-politika mtejba kienet akkumpanjata minn sett ta' għodod komprensiv li jinkludi dashboards imtejba, li jrawwem approċċ analitiku armonizzat għall-PIA bl-użu tad-*data* kollha disponibbli għall-SRB. Barra minn hekk, il-kontroll tal-kwalità tad-*data* addizzjonali u s-sessjonijiet ta' taħriġ iddedikati għall-inklużjoni ta' avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha fil-PIA u fis-sett ta' għodod analitiċi tal-PIA ġew ipprovduti lill-persunal tal-SRB u tal-NRA. L-RPC tal-2020 diġà għamel użu mid-dashboards imtejba tal-PIA, li saru sett ta' għodod regolari fl-RPC tal-2021. L-SRB se jkompli jtejjeb is-sett ta' għodod fl-2022.
- Bi tħejjija għall-RPC tal-2022, l-SRB ħadem fuq l-introduzzjoni ta' element ta' titjib ieħor fil-politika għall-PIA fir-rigward tal-SGD. L-objettiv ta' dan it-titjib huwa li jġib aktar ċarezza, konsistenza, u appoġġ operazzjonali u analitiku lill-PIA li tqis l-SGD meta jiġi vvalutat l-impatt ta' inadempjenza bankarja għall-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tad-depożitanti. Ix-xogħol huwa mistenni li jiġi finalizzat fl-2022.
- Barra minn hekk, bi tħejjija għall-RPC 2023, l-SRB ħa passi inizjali biex isaħħaħ il-valutazzjoni tal-PIA tal-funzjonijiet kritiċi fil-livell reġjonali u l-kritikalità tal-funzjonijiet tad-depożiti u tal-pagamenti lill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji. L-objettiv ewlieni kien li tittejjeb l-analiżi ta' xi elementi speċifiċi meħtieġa biex tiġi evalwata l-kritikalità kif previst fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/778)[40], b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt u s-sostitwibbiltà tal-funzjonijiet ta' istituzzjoni li qed tfalli jew probabbilment se tfalli. L-SRB jistenna li jlesti dan it-titjib fl-2022.

**Separabbiltà**

- Barra minn hekk, bi tħejjija għall-RPC tal-2022, f'Ottubru l-SRB ippubblika l-"Gwida operazzjonali dwar is-separabbiltà għall-għodod ta' trasferiment parzjali", li pprovdiet lill-banek aktar dettall dwar kif għandhom iwasslu l-informazzjoni u l-analiżi rilevanti permezz tar-rapport ta' analiżi tas-separabbiltà u l-playbook tat-trasferiment. Iż-żewġ dokumenti se jkunu parti mill-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-banek bi strateġiji ta' riżoluzzjoni ta' trasferiment, skont l-EfB. L-SRB ipprovda taħriġ lill-IRTs u lis-sħab esterni dwar id-dettalji tal-politika u l-gwida, il-proġetti interni u esterni u l-esperjenza eżistenti dwar l-analiżi tas-separabbiltà.

**Sistemi ta' Informazzjoni ta' Ġestjoni għall-valutazzjoni**

- F'Diċembru 2020, l-SRB ippubblika s-sett ta' *data* standardizzat finali tiegħu biex jiżgura li d-data minima meħtieġa tkun disponibbli ħalli tappoġġa valutazzjoni robusta għar-riżoluzzjoni

[40] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32016R0778&from=EN

bankarja[41]. Matul l-2021, in-Network Tekniku Intern dwar l-MIS għall-valutazzjoni pprovda appoġġ lill-IRTs fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istruzzjonijiet.

L-SRB ħadem u fassal ukoll **politiki u gwida f'oqsma essenzjali oħra tal-qafas ta' riżoluzzjoni**:

- F'Marzu 2021, l-SRB ħareġ dokument li jiddeskrivi l-elementi li l-banek għandhom jikkunsidraw għall-operazzjonalizzazzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna fir-rigward ta' titoli ta' dejn tal-portatur internazzjonali maħruġa minn u miżmuma fid-depożitorji ċentrali tat-titoli internazzjonali (ICSDs), fil-Euroclear Bank (EB) u fi Clearstream Banking Luxembourg (CBL). Il-banek kienu mistennija jirriflettu l-kontenut ta' dan id-dokument fil-playbooks tar-rikapitalizzazzjoni interna tagħhom mill-2021.
- F'Novembru 2021, l-SRB ippubblika l-gwida operazzjonali aġġornata dwar il-Kontinwità Operazzjonali fir-Riżoluzzjoni, li pprovdiet kjarifiki lill-banek dwar kif għandhom jimplimentaw l-aspettattivi tal-SRB relatati mar-reżiljenza finanzjarja u l-persunal, f'konformità mal-introduzzjoni gradwali ta' dawn is-suġġetti skont l-EfB.
- F'Diċembru 2021, l-SRB ippubblika gwida dwar il-likwidazzjoni solventi tad-derivattivi u l-portafoll tan-negozjar f'riżoluzzjoni, f'konformità mal-EfB tiegħu, wara ħidma fil-livell tal-FSB, stħarriġ, proġett pilota u konsultazzjoni ma' banek globali sistemikament importanti (G-SIBs). Dan japplika għall-banek kollha b'portafolli tan-negozjar materjali u għandu l-għan li jtejjeb il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-istrateġiji ta' riżoluzzjoni tagħhom. L-applikazzjoni tal-gwida u tal-politika interna korrispondenti se tibda mill-RPC 2022.

Bħala parti mill-**kontributi għall-qafas usa' ta' riżoluzzjoni**, matul l-2021, l-SRB nieda mill-ġdid il-ħidma fuq il-banek kooperattivi bil-għan li jippromwovi livell ogħla ta' konsistenza fit-trattament tal-banek kooperattivi fil-fażi tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni u fi kriżijiet, kif ukoll li jindirizza l-problemi speċifiċi tagħhom. In-Network Tekniku Intern tal-Kooperattivi[42] kopra 13-il bank kooperattiv u grupp bankarju fil-mandat tal-SRB, li tnejn minnhom huma G-SIBs, li jirrappreżentaw madwar EUR 5,690 biljun ta' assi totali. In-network żviluppa kartografija, li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-affarijiet komuni u d-differenzi tal-gruppi bankarji kooperattivi, l-oqfsa operazzjonali tagħhom, il-karatteristiċi ewlenin, il-mudelli ta' governanza, l-istrumenti ta' sjieda u l-arranġamenti interni stabbiliti biex jiżguraw appoġġ reċiproku.

---

[41] B'mod partikolari, l-SRB ippubblika tliet dokumenti:
- Id-dokument finali ta' struzzjonijiet tas-Sett ta' *Data* dwar il-Valutazzjoni tal-SRB, li jiżviluppa s-Sett ta' *Data* dwar il-Valutazzjoni tal-SRB u li jistabbilixxi aspettattivi ċari fir-rigward tal-ħtiġijiet tad-*data*.
- In-nota ta' spjegazzjoni finali, li għandha l-għan li tipprovdi gwida lill-banek rigward il-kapaċitajiet tal-MIS tagħhom li jipproduċu informazzjoni li tkun aġġornata u kompluta kemm jista' jkun u ta' kwalità adegwata biex titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika.
- Dikjarazzjoni ta' feedback għall-konsultazzjoni, li indirizzat il-kummenti ewlenin li waslu dwar il-konsultazzjoni u li hija ppubblikata flimkien mas-Sett finali tad-*Data* dwar il-valwazzjoni tal-SRB.

[42] In-Networks Tekniċi Interni huma fora multidixxiplinari ffurmati minn esperti tal-SRB ta' diversi unitajiet b'għarfien espert fis-suġġetti rilevanti.

**Tabella 6:** Il-progress fir-rigward tal-politiki ppjanati tal-SRB fl-2021-2023

| Il-politiki tal-SRB ippjanati għall-2021–2023[43] | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|
| Politika MREL tal-SRB (aġġornament) | ✓ | • | • |
| MREL: Implimentazzjoni/applikazzjoni/kontribut għall-Istandards Tekniċi Regolatorji tal-EBA dwar l-obbligazzjonijiet eliġibbli, dwar il-permess biex jitnaqqsu l-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, l-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni tal-EBA dwar ir-rapportar u d-divulgazzjoni tal-MREL / TLAC, dwar ir-rapportar tad-deċiżjonijiet tal-MREL lill-EBA, dwar ir-rapporti rilevanti tal-EBA dwar MREL. | ✓ | | |
| MREL: Standards Tekniċi Regolatorji tal-EBA dwar l-istabbiliment tal-MREL fir-rigward tar-Rekwiżit tal-Pilastru 2 (P2R) u tas-CBR għal gruppi mhux soġġetti għal P2R skont is-CRDIV; u dwar l-MREL intern u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni[44] | ✓ | | |
| MREL: RTS 3.0 tal-EBA dwar ITS dwar ir-rapportar (BRRD2) | ✓ | • | • |
| Rapportar: RTS 2.10 tal-EBA u ITS dwar il-mudelli ta' riżoluzzjoni | ✓ | • | • |
| Xenarji ta' riżoluzzjoni li għandhom jitqiesu għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni | ✓ | • | |
| Il-politika tal-PIA[45] | ✓ | • | |
| Likwidità: Gwida operazzjonali dwar il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament fir-riżoluzzjoni[46] | ✓ | • | |
| Likwidità: Gwida operazzjonali dwar l-Identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-kollateral matul u wara r-riżoluzzjoni[47] | ✓ | • | |
| Likwidazzjoni solventi | ✓ | • | |
| Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, inklużi l-analiżi u r-ristrutturar tas-separabbiltà, l-ispeċifiċitajiet tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-ħidma rilevanti tal-EBA f'dan il-qasam | ✓ | • | |
| Rikapitalizzazzjoni interna: l-użu ta' setgħat anċillari (l-Artikolu 64 tal-BRRD) u l-użu ta' setgħat ta' moratorju | ✓ | | |
| Rikapitalizzazzjoni interna: RTSs tal-EBA dwar l-Artikolu 55 u dwar it-termini kuntrattwali għas-setgħat ta' sospensjoni tar-riżoluzzjoni | ✓ | • | |
| FMIs: il-mudelli tal-FSB ta' informazzjoni li l-banek u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeħtieġu mill-FMIs għall-ippjanar u l-eżekuzzjoni tar-riżoluzzjoni; dokument tal-FSB dwar approċċi għall-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u protokolli ta' komunikazzjoni bejn l-FMIs, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-banek | ✓ | • | |

Didaskalija • Ippjanata ✓ Imwettqa kif ippjanat ✖ Mhux imwettqa kif ippjanat

## It-tixrid tal-politiki ta' riżoluzzjoni

L-SRB kien proattiv fit-tixrid tal-politiki u fl-iskambju ta' fehmiet ma' varjetà ta' partijiet ikkonċernati tar-riżoluzzjoni fl-2021, u organizza u pparteċipa f'diversi avvenimenti matul is-sena (ara aktar dettalji fit-taqsima 2.3.5).

Fi Frar, l-SRB u l-Istitut Bankarju Ewropew organizzaw it-Tieni Konferenza dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Banek. Is-suġġetti koperti minn għadd ta' kelliema akkademiċi kienu jinkludu l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-UE dwar il-likwidazzjoni bankarja, id-dinja wara l-Brexit u l-importanza tal-iffissar ta' standards internazzjonali, il-bilanċ intern/ospitanti u r-riżoluzzjoni transfruntiera, is-self improduttiv, u panel ta' diskussjoni

[43] Kif ippjanati fil-Programm Pluriennali 2021-2023

[44] Din l-entrata ta' politika tirreferi għall-ħidma tal-SRB li tlestiet fl-2020/21 dwar: i) il-parteċipazzjoni fit-tim tal-abbozzar tal-RTS tal-EBA dwar id-daisy chains, li minflok ġiet trasformata mill-Kummissjoni Ewropea fi proposta leġiżlattiva ta' "soluzzjoni ta' malajr", u ii) l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-iMREL, fil-politika tal-MREL tal-2021, li tkopri l-entitajiet intermedji f'daisy chain

[45] L-SRB ipparteċipa wkoll fil-ħidma relatata mal-PIA fl-EBA, li kienet tinkludi stħarriġ fil-prattiki tajbin tal-PIA.

[46] Ir-riformulazzjoni tal-entrata meta mqabbla mal-Programm Pluriennali 2021-2023 tal-SRB għal raġunijiet ta' preċiżjoni.

[47] Ir-riformulazzjoni tal-entrata meta mqabbla mal-Programm Pluriennali 2021-2023 tal-SRB għal raġunijiet ta' preċiżjoni. Entrata tal-politika għandha titlesta fl-ewwel trimestru tal-2022.

dwar it-tagħlimiet mill-COVID-19 għal avvenimenti futuri ċerti.

Matul l-2021, l-SRB żamm l-impenn tiegħu għal avvenimenti importanti bħad-Djalogi mal-Industrija. Il-11-il Djalogu sar f'Diċembru 2020 u t-12-il djalogu sar f'Ġunju 2021. Kemm il-11 kif ukoll it-12-il Djalogu kienu importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-RPC 2021, u għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għall-wasla tal-feedback mill-industrija dwar l-aħħar żviluppi fil-politiki relatati mar-riżoluzzjoni. Il-kooperazzjoni kontinwa mal-industrija hija kruċjali għat-titjib tar-riżolvibbiltà tas-settur bankarju fi ħdan l-Unjoni Bankarja.

F'April u f'Settembru, il-President tal-SRB ipparteċipa fis-seminar virtwali ta' livell għoli tal-Eurofi u fil-konferenza biannwali tiegħu, u ħa sehem f'panel ta' diskussjonijiet dwar it-titjib potenzjali għall-qafas ta' riżoluzzjoni eżistenti, bħall-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja u t-titjib tal-PIA b'xenarji mifruxa mas-sistema kollha. Barra minn hekk, matul is-sena, l-SRB ipparteċipa f'kapaċitajiet differenti f'konferenzi u webinars organizzati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Assiguraturi tad-Depożiti (IADI) u mill-Istitut għall-Istabbiltà Finanzjarja, issieħeb fil-Forum ta' Kriżi Finanzjarja ta' livell għoli, ospitat b'mod konġunt mill-Università ta' Yale u mill-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (għal aktar dettalji, ara t-taqsima 2.3.5).

**Id-Djalogi mal-Industrija f'ċifri**
**Il-11-il Djalogu mal-Industrija** (14.12.2020)

Aktar minn **100 parteċipant estern**
Temi:
It-tħejjijiet għaċ-**Ċiklu ta' Ppjanar tar-Riżoluzzjoni 2021**,
Aġġornamenti mistennija fil-**politika tal-MREL 2021**
Is-sitwazzjoni attwali tal-**Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni**, inkluża informazzjoni dwar is-sentenza tal-Qorti Ġenerali rigward il-kontributi ex ante
Preżentazzjonijiet disponibbli hawnhekk.

**It-12-il Djalogu mal-Industrija** (14.6.2021)

Aktar minn **80 parteċipant estern**

Temi:
L-istatus tal-**RPC 2021 u tal-ktejjeb tal-RPC**,
**aġġornament** dwar il-**politika tal-MREL 2021**
Is-sitwazzjoni attwali tal-**Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni**, inkluża informazzjoni dwar is-sentenza tal-Qorti Ġenerali rigward il-kontributi *ex ante*
Preżentazzjonijiet disponibbli hawnhekk

### 1.4.2 L-ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-IPPJANAR U L-VALUTAZZJONI KOMPARATTIVA TAR-RIŻOLUZZJONI

Pass fundamentali tal-aġġornament annwali tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni huwa l-assigurazzjoni tal-kwalità interna, li għandha l-għan li tiżgura l-kwalità u l-konsistenza tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni abbozzati mid-diversi IRTs, u li l-pjanijiet abbozzati mill-IRTs ikunu konformi mal-politiki miftiehma. B'mod parallel mal-introduzzjoni gradwali tal-EfB, aspetti ġodda tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-politiki jintroduċu aspetti ġodda li għandhom jiġu żgurati f'kull RPC sussegwenti. B'dan il-mod, il-proċess jippermetti wkoll il-ksib ta' għarfien dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati politiki u gwida ġodda jew li jittejbu l-politiki u l-gwida eżistenti għall-RPCs futuri.

Matul l-2021, l-SRB wettaq rieżamijiet tal-kwalità ta' 110[48] abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni fuq perjodu ta' 8 xhur, fi ħdan l-RPC. Fl-2021, daħlu fis-seħħ żewġ politiki ġodda tal-SRB, li jsaħħu u jaffettwaw l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-funzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità. L-ewwel nett, il-metodoloġija ta' valutazzjoni tar-riżolvibbiltà kienet tirrikjedi li l-IRTs jivvalutaw il-progress li sar mill-banek tagħhom fl-EfB introdotti gradwalment (ara t-taqsima 1.3.3). It-tieni, l-avveniment mifrux mas-sistema kollha fil-politika tal-PIA kien jirrikjedi li l-IRTs iqisu avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha meta jivvalutaw kemm il-kredibbiltà kif ukoll il-fattibbiltà tal-likwidazzjoni taħt proċedimenti normali ta' insolvenza u tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta meta jwettqu l-PIA. L-applikazzjoni ta' din il-politika, flimkien mal-applikazzjoni obbligatorja tad-dashboards tal-PIA mmexxija mid-*data*, wasslet għal bidliet fl-eżitu tal-PIA għal xi banek u naqqset l-għadd ta' banek tal-SRB soġġetti għal proċedimenti normali ta' insolvenza. Aspetti kritiċi oħra inklużi wkoll fl-assigurazzjoni tal-kwalità kienu l-analiżi tal-funzjonijiet kritiċi u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-likwidità fir-riżoluzzjoni.

Il-proċess tal-assigurazzjoni tal-kwalità fi ħdan l-RPC 2021 kien marbut mill-qrib ma' ħidma fuq il-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà, bil-għan li jiġi vvalutat ukoll il-progress miksub mill-banek fl-implimentazzjoni tal-EfB u li tiġi żgurata valutazzjoni komparattiva ta' dawn ir-riżultati fuq bażi orizzontali (għal aktar dettalji ara t-taqsima 1.3.3).

### 1.4.3 IL-MONITORAĠĠ TA' U L-KONTRIBUTI GĦALL-POLITIKA ESTERNA U L-ATTIVITÀ REGOLATORJA

Matul l-2021, l-SRB kien involut mill-qrib mal-Parlament, mal-Kunsill, mal-Kummissjoni, mal-BĊE u mal-EBA biex jikkontribwixxi għall-progress tat-temi regolatorji u ta' politika rilevanti. Kif previst fil-pjan ta' ħidma annwali tiegħu, l-SRB ipprovda l-għarfien espert tekniku tiegħu dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza komuni; proposta leġiżlattiva dwar "miżuri għal qafas robust ta' riżoluzzjoni u insolvenza tal-banek"; il-preparamenti għall-implimentazzjoni tal-qafas għall-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali (CCP); u l-kontributi għal leġiżlazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà għad-ditti finanzjarji.

Barra minn hekk, matul is-sena, l-SRB kien ikkollabora ma' istituzzjonijiet Ewropej dwar kwistjonijiet regolatorji oħra, żamm koordinazzjoni regolari mal-MSU, kif ukoll mal-Kummissjoni u mal-Parlament, u pparteċipa regolarment, fuq stedina, fid-diversi kumitati tal-Kunsill: il-Eurogroup, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, u l-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji. L-SRB għamel kuntatt ukoll mal-assistenti biex jorganizza laqgħat għall-Membri tal-Parlament Ewropew ħalli jaġġornahom dwar suġġetti tal-Unjoni Bankarja. L-SRB ikkollabora wkoll mill-qrib mal-BĊE, mal-EBA u mal-BERS.

#### Garanzija ta' kontinġenza komuni

Peress li l-Eurogroup qabel dwar l-introduzzjoni bikrija tal-garanzija ta' kontinġenza komuni f'Novembru 2020, il-biċċa l-kbira tal-ħidma tal-SRB f'dan il-qasam matul l-2021 kienet immirata lejn l-operazzjonalizzazzjoni sal-bidu tal-2022 (għal aktar dettalji tekniċi, ara t-taqsima 1.6.3). L-SRB ipparteċipa b'mod proattiv fit-Task Force dwar Azzjoni Koordinata, grupp tekniku ta' esperti ta' livell għoli tal-Grupp ta' Ħidma tal-Eurogroup, sabiex jipproċedi bl-emendi għad-dokumentazzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza. Matul is-sena, il-laqgħat tat-Task Force dwar Azzjoni Koordinata koprew kwistjonijiet li jikkonċernaw il-likwidità fir-riżoluzzjoni,

[48] L-għadd totali ta' pjanijiet ivvalutati jista' jvarja mill-għadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati mill-SRB minħabba li xi entitajiet għandhom Punt ta' Dħul Multiplu, fejn hemm diversi abbozzi ta' pjanijiet biex jiġu vvalutati għal kull grupp, iżda jiġu adottati bħala wieħed.

it-terminazzjoni tal-ftehimiet bilaterali dwar faċilità ta' self (LFAs) bejn l-SRB u l-Istati Membri, is-sistema ta' twissija bikrija tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), il-politika kollaterali tal-SRB, u diskussjonijiet relatati mal-użu tal-garanziji. L-Istati Membri approvaw il-pakkett għall-garanzija ta' kontinġenza komuni f'Ottubru 2021, filwaqt li appoġġaw l-introduzzjoni tiegħu fil-bidu tal-2022.

B'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja globali, l-UE ħadet azzjoni deċiżiva biex toħloq settur finanzjarju aktar sikur għas-suq uniku tal-UE, ittejjeb il-**Ġabra Unika tar-Regoli** għall-atturi finanzjarji kollha, li tinkludi rekwiżiti prudenzjali aktar b'saħħithom għall-banek, protezzjoni mtejba għad-depożitanti u regoli għall-ġestjoni tal-banek li qed ifallu. Inħolqu l-ewwel żewġ pilastri tal-Unjoni Bankarja – il-mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU) u l-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni (SRM). It-tielet pilastru tal-Unjoni Bankarja, skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti, għadu ma nħoloqx.

Il-qafas tal-UE għall-**ġestjoni tal-kriżijiet** bankarji u l-assigurazzjoni tad-depożiti jistabbilixxi r-regoli għall-immaniġġjar tal-fallimenti tal-banek filwaqt li jipproteġi lid-depożitanti. Dan jikkonsisti fi tliet testi leġiżlattivi tal-UE li jaġixxu flimkien mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti: Id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD – id-Direttiva 2014/59/UE), ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR – ir-Regolament (UE) 806/2014), u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD – id-Direttiva 2014/49/UE), kif ukoll regolament ieħor li fih dispożizzjonijiet komplementari.

### Proposta leġiżlattiva dwar ir-reviżjoni tal-qafas tal-Immaniġġjar tal-Kriżijiet u tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti

L-SRB ipparteċipa fil-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI), bil-għan li jinforma t-tħejjija ta' proposta leġiżlattiva għar-rieżami tal-BRRD, tal-SRMR u tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD)[49]. Is-sottomissjoni tal-SRB[50] ħeġġet l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja bl-istabbiliment tat-tielet pilastru tagħha, l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) u identifikat titjib possibbli biex ikompli jissaħħaħ il-qafas tas-CMDI, b'mod partikolari fir-rigward ta' banek ta' daqs medju[51]. Barra minn hekk, matul is-sena ta' rapportar, l-SRB ipparteċipa b'mod attiv fil-fora politiċi u tekniċi li ddiskutew it-tlestija tal-Unjoni Bankarja u t-tħejjija ta' pjan ta' ħidma gradwali għal din il-kompletezza. Il-kontributi se jkomplu fl-2022 meta l-proposta leġiżlattiva dwar ir-reviżjoni tal-qafas tas-CMDI hija mistennija li tiġi adottata.

### Qafas għall-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali

Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCP f'Jannar 2021, l-Artikoli rigward l-irkupru u r-riżoluzzjoni daħlu fis-seħħ jew se jidħlu fis-seħħ fi Frar u f'Awwissu tal-2022 rispettivament. Fl-2021, l-SRB beda miexi biex jassumi r-rwol tiegħu f'dan il-proċess fl-2022. L-SRB imbagħad se jsir membru tal-Kumitat tar-Riżoluzzjoni tas-CCP tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u membru votanti fil-kulleġġi tar-riżoluzzjoni tas-CCP bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-membri tal-ikklirjar bl-akbar kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza

---

49 Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A32014L0049

50 Dokument sħiħ hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/en/content/srb-responses-european-commission-targeted-consultation-review-crisis-management-and

51 Dokument sħiħ hawnhekk: Pjan ta' azzjoni tal-SRB għar-rieżami tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI) https://www.srb.europa.eu/en/content/srb-publishes-blueprint-crisis-management-and-deposit-insurance-cmdi-framework-review

tas-CCP. L-NRAs tas-CCP se jkunu direttament responsabbli għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni tas-CCPs.

Il-miżuri ta' tħejjija kienu jinkludu l-istabbiliment ta' tim biex jikkoordina l-kwistjonijiet relatati mas-CCP, l-iffurmar ta' network intern ta' esperti tas-CCP, diskussjonijiet dwar il-proċessi interni meħtieġa biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni effettiva fil-Kulleġġi tar-Riżoluzzjoni tas-CCP, u l-kollaborazzjoni mal-ESMA dwar linji gwida u regoli tekniċi. L-SRB wettaq ukoll sforzi addizzjonali dwar in-negozjar ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni multilaterali bħala parteċipant fis-CMGs tas-CCP, li huma stabbiliti għal CCPs li huma sistemikament importanti f'aktar minn ġuriżdizzjoni waħda. Għalhekk, fl-2021, l-SRB ipparteċipa fi tmien Gruppi għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet tas-CCP, u kompla l-kontributi tiegħu għall-ħidma tal-FSB fi kwistjonijiet tas-CCP (ara l-aħħar sottotaqsima f'din it-taqsima).

### Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali

Il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett dwar il-Finanzi Diġitali tagħha f'Settembru 2020, inkluża proposta leġiżlattiva dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali (DORA). Ir-raġunament wara l-proposta tad-DORA huwa l-użu dejjem akbar tal-ICT mis-settur finanzjarju, li jimplika riskju ogħla ta' attakki ċibernetiċi. Matul l-2021, l-SRB segwa mill-qrib il-progress tal-proposta u kkontribwixxa biex jiżgura l-konsistenza bejn id-DORA u l-qafas ta' riżoluzzjoni f'termini ta' proċessi, kif ukoll rekwiżiti għall-banek, u biex jiżgura li inċidenti kbar tal-ICT jitqiesu b'mod xieraq biex tiġi żgurata t-tlestija għall-kriżijiet.

### Rieżami tar-regoli bankarji tal-UE u suġġetti oħra

F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat rieżami tar-regoli bankarji tal-UE: ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR[52]), id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD[53]) u proposta leġiżlattiva separata biex jiġi emendat is-CRR fil-qasam tar-riżoluzzjoni[54]. Ir-rieżami għandu l-għan li jsaħħaħ ir-reżiljenza għax-xokkijiet ekonomiċi, jikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekoloġika u jiżgura mmaniġġjar sod tal-banek tal-UE, u b'hekk jipproteġi aħjar l-istabbiltà finanzjarja bis-saħħa ta' superviżjoni msaħħa. B'mod partikolari, il-proposta għal emenda tas-CRR għandha l-għan li taġġusta r-regoli relatati mar-riżoluzzjoni: l-inkorporazzjoni ta' trattament iddedikat għas-sottoskrizzjoni indiretta ta' strumenti eliġibbli għal MREL intern; l-allinjament ulterjuri tat-trattament tal-gruppi G-SIII bi strateġija ta' riżoluzzjoni b'punt ta' dħul multiplu bl-istandard tat-TLAC; u kjarifika tal-eliġibbiltà tal-istrumenti maħruġa fil-kuntest tat-TLAC interna. Matul l-2021, l-SRB immonitorja millqrib il-progress tal-fajl, peress li se jibdel il-kalkolu u l-kalibrazzjoni tal-MREL għal xi entitajiet.

B'mod parallel, matul is-sena kollha, l-SRB immonitorja wkoll il-bidliet regolatorji relatati mad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li jeskludu temporanjament ċerti skoperturi għall-banek ċentrali mill-kalkolu tal-kejl tal-iskopertura totali ta' istituzzjoni. Il-miżura, adottata mill-BĊE biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tiegħu matul il-pandemija tal-COVID-19, tista' tinfluwenza l-kalibrazzjoni tal-miri finali tal-MREL u l-konformità tal-banek mar-rekwiżiti sal-1 ta' Jannar 2024[55].

[52] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32013R0575

[53] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32013L0036

[54] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021PC0663, magħruf ukoll bħala l-"proposta daisy chain".

[55] Fl-10 ta' Frar 2022, il-BĊE kkonferma li l-miżura ta' salvataġġ mhux se tiġi estiża wara l-aħħar ta' Marzu 2022, u għalhekk il-miri finali tal-MREL se jiġu kkalibrati mill-ġdid fiċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-2022. Għal aktar informazzjoni ara l-istqarrija għall-istampa: https://www.srb.europa.eu/en/content/update-srb-approach-crr-discretion-leverage-and-mrel-calibration

F'Mejju, l-SRB ikkontribwixxa għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu (DFS), li tfassal sistemi użati mill-parteċipanti għat-trasferiment ta' strumenti finanzjarji u pagamenti.

### Il-kollaborazzjoni ma' Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra tal-Unjoni Ewropea

L-SRB ipprovda kontributi konsiderevoli għall-ħidma tal-EBA dwar kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni bil-parteċipazzjoni f'kumitati differenti tal-EBA. Il-Bord tas-Superviżuri huwa l-korp ewlieni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-EBA, fejn l-SRB huwa osservatur. Barra minn hekk, rappreżentant tal-SRB jippresjedi l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni u jipparteċipa bħala membru f'dan il-kumitat permanenti li jittratta deċiżjonijiet relatati mal-kompiti mogħtija lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-BRRD. Fil-livell tekniku, l-SRB huwa wkoll membru attiv ta' żewġ sottogruppi tal-EBA, li jkopru l-qasam tal-eżekuzzjoni tar-riżoluzzjoni (Sottogrupp dwar l-Eżekuzzjoni tar-Riżoluzzjoni) u l-ippjanar tar-riżoluzzjoni (Sottogrupp dwar it-Tħejjija għall-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni). Għalhekk, fost suġġetti oħra, matul l-2021, l-SRB ikkontribwixxa għall-ħidma fuq il-monitoraġġ kwantitattiv tal-MREL, l-aġġornament tal-istandard tekniku ta' implimentazzjoni (ITS) dwar ir-rapportar tar-riżoluzzjoni kif ukoll il-linji gwida tar-riżolvibbiltà tal-EBA għall-istituzzjonijiet u għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni dwar it-titjib tar-riżolvibbiltà tal-banek. Barra minn hekk, l-SRB kellu wkoll rwol importanti fi proġetti oħra relatati mal-qafas ta' konverġenza tar-riżoluzzjoni u l-monitoraġġ tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. L-SRB se jissieħeb ukoll fis-Sottogrupp tal-Fondi Proprji bħala t-tieni reviżur tal-ħruġ tal-MREL/TLAC fiż-żona tal-euro fl-2022.

**Illustrazzjoni 7:** Bord u kumitati tal-Awtorità Bankarja Ewropea, u l-involviment tal-SRB




Matul l-2021, l-SRB ikkollabora mill-qrib ukoll mal-konfigurazzjonijiet ewlenin tal-BERS, bħall-Bord Ġenerali, il-Kumitati Tekniċi Konsultattivi u l-gruppi ta' ħidma analitiċi relatati. Din il-kollaborazzjoni avvanzat fuq diversi linji ta' ħidma, inkluża l-parteċipazzjoni f'diversi proċeduri bil-miktub li jittrattaw suġġetti relatati mal-SRB. Dawn il-flussi ta' ħidma kienu jinkludu, pereżempju, id-diskussjoni makroprudenzjali dwar l-użu tal-qafas għall-immaniġġjar tal-kriżijiet għall-banek fi kriżi sistemika tal-UE, id-diskussjoni dwar

id-duplikazzjoni bejn ir-rekwiżiti minimi mikroprudenzjali, inkluż l-MREL, u buffers makroprudenzjali, ir-rieżami tal-qafas ċentrali tal-ikklirjar fl-UE u r-rieżami dwar il-politika makroprudenzjali fir-rigward tal-qafas ta' riżoluzzjoni.

Matul l-2021, l-SRB beda jaħdem ukoll mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) bil-għan li jtejjeb is-sett ta' għodod tal-PIA tiegħu b'analiżi ta' kontaġju lejn is-settur tal-assigurazzjoni. L-ewwel riżultati tal-kooperazzjoni nġabru fil-qosor f'waħda mit-temi speċjali fir-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja ta' Diċembru 2021[56] tal-EIOPA.

Il-BĊE u l-SRB qed jaħdmu mill-qrib biex itejbu l-aċċess tal-SRB għad-*data* kollha neċessarja biex jissodisfaw il-mandat ta' riżoluzzjoni tiegħu. Il-BĊE, fil-qafas tal-Memorandum ta' qbil tal-BĊE-SRB[57], diġà kkondivida b'mod regolari d-*data* superviżorja għal istituzzjonijiet sinifikanti u LSIs transfruntiera mal-SRB, għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u għall-analiżi tal-istabbiltà finanzjarja. Fl-2021, dan l-iskambju tad-data ġie estiż ukoll biex ikopri l-LSIs kollha, liema *data* waslet mill-SRB, u b'hekk saħħaħ ir-riżolvibbiltà tal-banek kollha fl-Unjoni Bankarja. Matul l-2021, l-SRB u l-BĊE nnegozjaw ftehim komplementari biex jifformalizzaw il-kondiviżjoni tad-*data* li l-BĊE jiġbor għal finijiet ta' politika monetarja u li huma rilevanti għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB[58]. Din id-*data*, li hija kruċjali biex jittejbu l-analiżijiet tal-istabbiltà finanzjarja mwettqa mill-SRB, bħalissa hija kondiviża fil-kuntest tal-kriżijiet, u huwa mistenni li l-konklużjoni ta' dan il-ftehim se twassal għal kondiviżjoni regolari tad-*data* qabel il-kriżijiet. L-SRB ikkoordina wkoll mill-qrib mal-BĊE, mal-EBA u mal-Kummissjoni dwar Inizjattivi Integrati ta' Rapportar li jikkontribwixxu għaċ-ċentralizzazzjoni tal-attributi tar-rapportar tal-banek (ara t-taqsimiet 1.3.1 u 2.3.2), bħala l-ewwel pass għat-tnaqqis tal-piż tar-rapportar lill-banek u għat-titjib tal-aċċess għal *data* prudenzjali, statistika u ta' riżoluzzjoni fost is-superviżuri.

### 1.4.4 KOOPERAZZJONI U RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Il-kooperazzjoni internazzjonali saret saħansitra aktar essenzjali għall-ilħuq tal-għanijiet tal-SRB, u matul l-2021, kienet ikkaratterizzata mix-xogħol remot u minn modi ġodda ta' ħidma.

#### Arranġamenti ta' kooperazzjoni

L-SRB irnexxielu jiffinalizza diversi negozjati matul l-2021, u b'hekk żied l-għadd ta' ġuriżdizzjonijiet u ta' banek tal-SRB koperti. Fl-1 ta' Jannar, daħal fis-seħħ l-arranġament ta' kooperazzjoni bilaterali bejn l-SRB u l-Bank tal-Ingilterra, iffirmat fl-2020. F'Ottubru, l-SRB ikkonkluda arranġament ta' kooperazzjoni bilaterali mal-Awtorità Superviżorja Żvizzera tas-Swieq Finanzjarji, bil-għan li tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni tal-banek preżenti fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi, filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni Ewropea u fl-Iżvizzera. Bl-iffirmar ta' dan l-arranġament, l-għadd attwali ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni huwa għaxra[59], li jkopru l-biċċa l-kbira tal-ġuriżdizzjonijiet li fihom huma preżenti l-entitajiet tal-Unjoni Bankarja.

Barra minn hekk, l-SRB iffinalizza l-adeżjoni mal-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni (COAGs) speċifiċi għall-istituzzjoni għas-CMGs fir-rigward tal-G-SIBs tal-Istati Uniti. L-SRB issa huwa firmatarju

[56] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.eiopa.europa.eu/media/news/eiopa-highlights-key-risks-insurance-and-pension-sectors_en

[57] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/mou_with_the_single_resolution_board_on_cooperation_and_information_exchange_2018_.pdf

[58] Jiġifieri l-Istatistika taż-Żamma tat-Titoli, il-Bażi tad-*Data* Ċentralizzata tat-Titoli u d-*Data* ta' AnaCredit

[59] Ftehimiet attwali ffirmati mill-SRB: Il-Bank tal-Albanija, il-Bank tal-Ingilterra, il-Bank tal-Ġappun, il-Korporazzjoni għall-Assigurazzjoni tad-Depożiti tal-Kanada, il-Bank Ċentrali tal-Brażil, il-Korporazzjoni Federali għall-Assigurazzjoni tad-Depożiti, l-Aġenzija tas-Servizzi Finanzjarji tal-Ġappun, l-Istitut tal-Messiku għall-Protezzjoni tat-Tfaddil Bankarju (IPAB), il-Bank Nazzjonali tas-Serbja, l-Awtorità Superviżorja Żvizzera tas-Swieq Finanzjarji

tal-biċċa l-kbira tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni għas-CMGs li fihom jipparteċipa bħala awtorità tal-pajjiż ta' oriġini jew ospitanti. Matul is-sena, l-SRB emenda wkoll il-ftehimiet ta' kooperazzjoni speċifiċi għall-banek ta' diversi banek biex jinkludu lill-Bank tal-Ingilterra u lill-Awtorità tar-Regolamentazzjoni Prudenzjali.

L-SRB ikompli wkoll skambji tekniċi ma' Stati Membri barra mill-Unjoni Bankarja, bħad-Danimarka, li fi Frar 2021 l-awtorità superviżorja finanzjarja tagħha ppparteċipat f'laqgħa bilaterali biex tiddiskuti l-għodod għall-istabbiltà finanzjarja li jappoġġaw lill-PIA.

**Illustrazzjoni 8:** L-Unjoni bankarja u ġuriżdizzjonijiet oħra koperti minn arranġamenti ta' kooperazzjoni

**Il-Kooperazzjoni tal-SRB**

L-SRMR jagħti mandat lill-SRB biex jikkonkludi arranġamenti ta' kooperazzjoni mhux vinkolanti biex jiffaċilita u jsostni l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Dawn jieħdu l-forma ta':

- ftehimiet ta' kooperazzjoni, għal Gruppi speċifiċi tal-Immaniġġjar tal-Kriżijiet;
- arranġamenti ta' kooperazzjoni, li jkopru l-banek tal-SRB u l-LSIs kollha f'pajjiż terz;
- Memoranda ta' Qbil li jkopru l-banek tal-SRB u l-LSIs fl-Istati Membri li mhumiex parti mill-Unjoni Bankarja.





**Unjoni Bankarja** **Ġuriżdizzjonijiet koperti minn ftehimiet ta' kooperazzjoni**

## Kooperazzjoni internazzjonali

Matul is-sena ta' rapportar, l-SRB għamel ħiltu biex isaħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu ma' pajjiżi terzi, u jkopri firxa usa' ta' suġġetti ta' kollaborazzjoni. Din il-kooperazzjoni għandha l-għan li tippromwovi l-istabbiliment ta' standards u prattiki internazzjonali f'riżoluzzjoni; iġġib it-tagħlimiet meħuda minn ġuriżdizzjonijiet oħra fil-qafas ta' riżoluzzjoni Ewropew, fejn rilevanti; kif ukoll tipprovdi pariri tekniċi lill-NRAs ta' pajjiżi terzi fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Bankarja għandhom preżenza, u lil hinn.

L-SRB iżomm kooperazzjoni proattiva u komunikazzjonijiet frekwenti kemm mal-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti tal-Istati Uniti kif ukoll mal-Bank tal-Ingilterra (ara s-sottotaqsima preċedenti). Dan talaħħar kien partikolarment importanti wara l-Brexit, li kien jirrikjedi adattamenti għal xi oqsma tal-politika ta' riżoluzzjoni u suġġetti oħra rilevanti għall-SRB, bħall-MREL irregolat mil-liġi tar-Renju Unit, mir-rikonoxximent tar-rikapitalizzazzjoni interna u mill-iżviluppi leġiżlattivi. L-SRB organizza wkoll skambji tekniċi mal-Bank tal-Ingilterra dwar il-Qafas ta' Valutazzjoni tar-Riżolvibbiltà tiegħu, ippubblikat fl-2021, li ħafna minnu huwa konformi mal-ħidma tal-SRB f'dan il-qasam. F'Marzu, l-SRB ipparteċipa fil-Forum Regolatorju Konġunt bejn l-Istati Uniti u l-UE biex jissottolinja l-kooperazzjoni relatata mar-riżoluzzjoni.

Barra minn hekk, l-SRB jikkoopera mar-Renju Unit u mal-Istati Uniti permezz tal-Eżerċizzju Trilaterali fil-Livell Eżekuttiv. F'Novembru 2020 seħħet simulazzjoni ta' għaxart ijiem tar-riżoluzzjoni ta' G-SIB. F'April 2021, l-SRB ipparteċipa f'diskussjoni dwar it-tagħlimiet meħuda minn din is-simulazzjoni, sabiex jiġu identifikati l-isfidi li fadal għat-tfassil ta' programm ta' ħidma ġdid[60].

Fl-2021, l-SRB kompla wkoll approċċ ta' sensibilizzazzjoni aktar attiv għall-kooperazzjoni ma' ġuriżdizzjonijiet oħra, filwaqt li għamel kuntatt ma' Hong Kong, mal-Awstralja, mal-Brażil u mal-Kanada dwar suġġetti ta' riżoluzzjoni, u mal-Iżvizzera, li magħha, b'mod parallel mal-iffirmar ta' ftehim, l-SRB skambja informazzjoni dwar il-progress ta' diversi kwistjonijiet regolatorji. Fi Frar 2021, l-SRB organizza t-tieni Workshop dwar ir-Riżoluzzjoni bejn l-UE u l-Ġappun, sabiex japprofondixxi l-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ ġuriżdizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-G-SIBs, biex itejjeb il-fehim reċiproku tal-oqfsa ta' riżoluzzjoni, u biex jiskambja informazzjoni dwar l-iżviluppi regolatorji u l-proċessi ta' politika li għaddejjin fiż-żewġ ġuriżdizzjonijiet.

L-SRB organizza wkoll laqgħat tekniċi u workshops ma' diversi ġuriżdizzjonijiet, li huma interessati fit-tfassil jew fit-tisħiħ tal-oqfsa ta' riżoluzzjoni tagħhom, u li għalihom l-SRB jista' jipprovdi pariri tekniċi, tagħlimiet meħuda u informazzjoni dwar il-qafas ta' riżoluzzjoni Ewropew. Tali impenji seħħew mal-Korea t'Isfel u mal-Malażja, fuq suġġetti speċifiċi bħall-ippjanar tar-riżoluzzjoni, l-ICT u l-ġestjoni tad-*data*. F'Mejju, l-SRB ipparteċipa fi Programm ta' Taħriġ Virtwali dwar il-Bini tal-Pedamenti tar-Regolament Finanzjarju Modern fl-Indoneżja. Saru skambji tekniċi simili mal-NRA tal-Messiku, li magħha ġew ippjanati serje ta' workshops fl-2022 sabiex tiġi skambjata informazzjoni dwar l-oqfsa ta' riżoluzzjoni fl-Unjoni Bankarja u fil-Messiku. L-SRB ipparteċipa wkoll f'diskussjonijiet reġjonali rigward ir-riżoluzzjoni u kwistjonijiet finanzjarji oħra permezz tal-Bank Dinji li jkopri l-Ewropa tax-Xlokk, u wara li ffirma ftehimiet mal-NRAs tal-Albanija u tas-Serbja, l-SRB se jżid l-involviment tiegħu fil-pajjiżi kollha fir-reġjun fl-2022.

### Bord għall-Istabilità Finanzjarja

Matul l-2021, l-SRB ikkontribwixxa b'mod proattiv għall-ħidma tal-FSB bil-għan li jiġu stabbiliti standards internazzjonali sodi għall-qafas ta' riżoluzzjoni. Matul l-2021, l-SRB ipparteċipa fl-erba' laqgħat kollha tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżoluzzjoni, u kkontribwixxa għal diskussjonijiet dwar il-progress li sar f'ġuriżdizzjonijiet differenti dwar ir-regolamentazzjoni tar-riżoluzzjoni, approva dokumenti tekniċi maħruġa mill-gruppi u l-flussi ta' ħidma differenti u identifika prijoritajiet ġodda għall-ħidma

[60] Il-programm ta' ħidma ġie sussegwentement imfassal bi tliet flussi ta' ħidma ewlenin immexxija mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni: (i) il-Kondiviżjoni tal-informazzjoni (immexxija mill-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti), (ii) it-TLAC (immexxija mill-Bank tal-Ingilterra), (iii) il-Finanzjament (immexxi mill-SRB).

tal-FSB. Taħt id-direzzjoni ġenerali tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżoluzzjoni, l-SRB (irrappreżentat mill-membru tal-Bord Eżekuttiv tal-SRB Boštjan Jazebec) ilu jmexxi l-Grupp ta' Ġestjoni tal-Kriżijiet Transfruntiera tal-Bank mill-2018, u huwa membru tal-Grupp ta' Ġestjoni tal-Kriżijiet Transfruntiera għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji (FMIs).

**Illustrazzjoni 9:** Bord għall-Istabilità Finanzjarja u l-involviment tal-SRB




Il-**Grupp Bankarju għall-Immaniġġjar tal-Kriżijiet Transfruntiera** għamel progress fl-objettivi tiegħu għall-2021:

- Il-fluss ta' ħidma dwar l-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna ħejja rapport dwar il-prattiki attwali[61], ippubblikat f'Diċembru, li fih l-SRB ikkontribwixxa bit-taqsimiet li jiddeskrivu l-proċessi applikati mid-depożitorji tat-titoli ċentrali, abbażi tar-rispons li wasal mingħand id-depożitorji tat-titoli ċentrali internazzjonali rilevanti, kumpaniji elenkati fil-borża u l-awtoritajiet tas-suq.
- Taħt il-fluss ta' ħidma dwar it-TLAC mhux allokata, l-SRB ikkumpila l-feedback tal-Unjoni Bankarja dwar l-applikazzjoni tal-formuli għall-kalkolu tat-TLAC żejda/mhux allokati. Dawn ir-riżultati, flimkien ma' dawk ta' awtoritajiet oħra, se jappoġġaw aktar il-ħidma fl-2022, b'enfasi fuq il-kjarifika tal-aspetti tekniċi tal-kalkoli, u aspetti oħra relatati mal-forma, il-post u/jew l-impedimenti biex jintużaw ir-riżorsi tat-TLAC mhux allokati.
- Il-fluss ta' ħidma dwar il-kontinwità tal-aċċess tal-FMI ffoka fuq l-abbozzar ta' qafas għall-ġbir tal-informazzjoni mill-intermedjarji tal-FMI, ippubblikat f'Awwissu[62], kwestjonarju rivedut għall-FMI, u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni organizzati mal-industrija. Bħala l-kontribut tiegħu għal dan il-fluss ta' ħidma, l-SRB ippubblika ħarsa ġenerali qasira lejn l-għodod ta' riżoluzzjoni u l-impatt tagħhom fuq il-kapaċità ta' bank li jżomm il-kontinwità tal-aċċess għas-servizzi tal-FMI f'riżoluzzjoni.

[61] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.fsb.org/wp-content/uploads/P131221-2.pdf

[62] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.fsb.org/2021/08/continuity-of-access-to-fmi-services-fmi-intermediaries-for-firms-in-resolution-framework-for-information-from-fmi-intermediaries-to-support-resolution-planning/

- Il-fluss ta' ħidma dwar il-prattiki tajbin tas-CMG ikkonkluda l-ħidma tiegħu bil-pubblikazzjoni ta' rapport, f'Novembru[63], li fih l-SRB kellu rwol ewlieni bħala membru tat-tim tal-abbozzar.
- Il-Grupp bankarju tal-Immaniġġjar tal-Kriżijiet Transfruntiera ħoloq fluss ta' ħidma addizzjonali dwar ir-riżoluzzjoni mhux tal-G-SIBs, wara l-laqgħa tiegħu f'Ġunju, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni għal dawk li mhumiex G-SIBs li huma ta' natura sistemika. L-ewwel prodott tal-fluss ta' ħidma se jkun nota tal-kwistjonijiet dwar ir-riżolvibbiltà ta' dawk mhux G-SIBs miġbura f'erba' kategoriji: kooperattivi finanzjarji, banek pubbliċi, konglomerati finanzjarji u strutturi oħra ta' sjieda. In-nota se tkun ikkoordinata wkoll mal-ħidma li għaddejja mill-Bank Dinji dwar il-banek tal-Istat, u mill-IADI dwar il-banek kooperattivi.

L-SRB ikkollabora wkoll fil-Proċess annwali ta' Valutazzjoni tar-Riżolvibbiltà 2021 biex jippromwovi rapportar adegwat u konsistenti dwar ir-riżolvibbiltà tal-G-SIBS u l-istatus ġenerali tal-proċessi ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni.

Il-**Grupp għall-Immaniġġjar tal-Kriżijiet Transfruntiera għall-FMIs** iffoka fuq l-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCP, billi beda jistabbilixxi fehim konġunt tas-suġġetti ta' rkupru u riżoluzzjoni tas-CCP. Għal dan, l-FSB, mal-Kumitat dwar il-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Suq (CPMI), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) u l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BSBC) organizza serje ta' ħames workshops dwar l-impatt potenzjali fuq l-istabilità finanzjarja tal-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCP, li saru minn Diċembru 2020 sa Ġunju 2021. L-SRB ipparteċipa bħala kelliem fir-raba' workshop li kien iffukat fuq ir-riskji sistemiċi, l-impatti u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni. Il-grupp, li kien jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tal-NRAs, ħejja wkoll rapport dwar l-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji għas-CCPs li se jinforma aktar il-ħidma f'dan il-qasam fl-2022.

### Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Matul l-2021, l-SRB ikkollabora wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Bank Dinji fir-rigward ta' suġġetti ta' interess reċiproku. Il-ħidma fl-2021 iffokat fuq l-għoti ta' korsijiet ta' informazzjoni u taħriġ dwar il-ħidma tal-SRB lil pajjiżi tal-Bank Dinji, bħall-Indoneżja u l-Albanija, prinċipalment dwar is-suġġetti ta' koordinazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-valutazzjoni. L-SRB ipparteċipa wkoll f'webinar organizzat mill-Bank Dinji dwar ir-rwol tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni fl-identifikazzjoni ta' self improduttiv, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19.

Barra minn hekk, l-SRB ipparteċipa bħala osservatur fil-Kwistjonijiet ta' Riżoluzzjoni tal-IADI għall-Kumitat Tekniku tal-Kooperattivi Finanzjarji, u pprovda kontribut għad-diversi diskussjonijiet li saru matul is-sena rigward ir-riżoluzzjoni tal-kooperattivi finanzjarji.

# 1.5. It-tħejjija u t-twettiq tal-immaniġġjar ta' kriżijiet

[63] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.fsb.org/2021/11/good-practices-for-crisis-management-groups-cmgs-2/

Matul l-2021, l-SRB kompla jiżviluppa l-proċeduri, l-għodod, il-mudelli u s-soluzzjonijiet speċifiċi tal-ICT għall-kriżijiet, kif ukoll jorganizza eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika u jtejjeb il-proċessi interni u esterni tal-immaniġġjar tal-kriżijiet. L-SRB ma ħa l-ebda deċiżjoni ta' riżoluzzjoni matul is-sena.

**Illustrazzjoni 10:** Il-fażijiet ewlenin fil-proċess ta' riżoluzzjoni




## 1.5.1 TĦEJJIJA GĦALL-KRIŻIJIET

L-attivitajiet tal-SRB fit-tħejjija għall-kriżijiet huma kkoordinati minn struttura orizzontali, it-Tim Tattiku ta' Riżoluzzjoni, li jaħdem f'kooperazzjoni ma' esperti tal-unitajiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-SRB, it-timijiet orizzontali u l-NRAs. Barra minn hekk, kumitat ta' tmexxija intern, jissorvelja l-progress tal-proġetti relatati mat-tħejjija għall-kriżijiet, jiżgura l-effettività operazzjonali fil-kriżi, jappoġġa l-ġbir ta' prattiki tajbin u tagħlimiet meħuda minn sessjonijiet ta' prattika u każijiet. B'din il-funzjoni ta' koordinazzjoni, l-SRB jiżgura li t-tħejjija għall-kriżijiet tkun inkorporata fl-attivitajiet ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni. Matul l-2021, l-SRB tejjeb it-tħejjija tiegħu kif deskritt hawn taħt.

### Proċeduri, għodod u mudelli

F'April, l-SRB lesta l-aġġornament tal-Manwal dwar il-Governanza tal-Kriżijiet, il-manwal intern li jiġbor fil-qosor il-proċeduri tal-SRB f'każ ta' kriżi, u kkondividih mal-NRAs. Flimkien mal-Manwal, l-SRB iżomm sett ta' mudelli ta' dokumenti lesti biex jintużaw fi kriżijiet u li jiżguraw li l-proċessi jiġu segwiti bl-aktar mod effettiv u effiċjenti, minħabba li azzjoni rapida hija kruċjali għall-protezzjoni tal-kontribwenti, għall-istabbiltà finanzjarja u għar-riżorsi pubbliċi. L-SRB jaġġorna perjodikament il-Manwal u l-materjali relatati kollha biex jinkorpora t-tagħlimiet meħuda minn sessjonijiet ta' prattika u żviluppi ta' politika jew regolatorji, kif ukoll minn każijiet ta' kriżi preċedenti. Matul l-2021, l-aġġornament kien jinvolvi t-titjib tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna bħala parti mill-istrateġija ta' riżoluzzjoni, u saħħaħ il-materjali kollha relatati ma' għodod ta' riżoluzzjoni minbarra r-rikapitalizzazzjoni interna, jiġifieri, il-bejgħ tan-negozju, l-istituzzjoni tranżitorja u l-għodod ta' separazzjoni tal-assi. L-iżvilupp ta' materjali relatati ma' għodod ta' riżoluzzjoni minbarra

r-rikapitalizzazzjoni interna se jkompli fl-2022.

Il-Qafas tal-**Protokoll ta' Segretezza tal-SRB** jirregola l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali f'każ ta' azzjoni potenzjali ta' riżoluzzjoni. Il-Protokoll ta' Segretezza għandu jiġi ffirmat mill-membri tal-persunal qabel ma jkunu jistgħu jiġu involuti fil-ġestjoni ta' każ ta' kriżi. Għalhekk, dan jiggarantixxi l-kunfidenzjalità meta jiġu segwiti l-objettivi ta' riżoluzzjoni tal-SRB relatati ma' kwalunkwe każ ta' kriżi jew relatati mal-istabbiltà finanzjarja ġenerali.

Matul is-sena, l-SRB qassar il-proċedura biex jiġi attivat il-Protokoll ta' Segretezza, li huwa element ewlieni biex tiġi ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità fl-immaniġġjar tal-kriżijiet. L-SRB iffinalizza wkoll il-Linji Gwida dwar il-Ġestjoni Speċjali, li għandhom l-għan li jiżguraw standards xierqa u effettivi għall-proċess tal-għażla u l-ħatra ta' maniġers speċjali[64].

Matul l-2021, l-SRB wettaq analiżi tal-lakuni bejn il-verżjoni eżistenti tal-kalkulatur tar-rikapitalizzazzjoni interna tal-SRB u għodod simili oħrajn użati mill-NRAs, sabiex jidentifika d-*data* minima tar-rikapitalizzazzjoni interna meħtieġa għall-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna matul perjodi ta' kriżi. Wara li kkonkluda dan l-eżerċizzju, l-SRB se jkompli jaħdem fuq verżjoni mtejba tal-kalkulatur fl-2022.

### Lesti għall-Kriżi (R4C)

L-SRB kompla jiżviluppa l-għodda tal-ICT għall-immaniġġjar tal-kriżijiet, Lesti għall-Kriżi (R4C), il-pjattaforma li tappoġġa t-Timijiet għall-Immaniġġjar tal-Kriżijiet (CMTs) matul il-kriżijiet u li tippermetti l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, sabiex jiġi standardizzat u ssimplifikat il-proċess ta' riżoluzzjoni. Il-verżjoni 1.2 tal-pjattaforma nħarġet fi Frar 2021 u kienet tinkludi karatteristiċi mtejba ta' komunikazzjoni u monitoraġġ meta mqabbla ma' verżjonijiet preċedenti. B'mod parallel, il-ħidma fuq il-verżjoni 2.0 tal-R4C kienet bdiet f'Jannar 2021, biex jiġu żviluppati funzjonalitajiet imtejba għall-ġestjoni tad-dokumenti, għodod addizzjonali għall-ġestjoni tal-proġetti u l-integrazzjoni ma' applikazzjonijiet oħra tal-ICT tal-SRB. Ix-xogħol mexa kif skedat matul is-sena u l-ħruġ tal-verżjoni l-ġdida huwa ppjanat għall-ewwel trimestru tal-2022 (ara aktar dettalji fit-taqsima 2.3.2). Fl-2021, il-pjattaforma ġiet ittestjata wkoll mal-NRAs, mal-Kummissjoni, mal-BĊE u mal-EBA matul eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika.

### Manwali Nazzjonali

Fl-2021, l-SRB kompla jassisti lill-NRAs fit-tlestija tal-Manwali Nazzjonali tagħhom, li huma manwali ta' proċedura tal-NRAs għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-SRB fil-livell nazzjonali. B'mod aktar preċiż, il-Manwali Nazzjonali huma dokumenti "ħajjin" li huma proprjetà tal-NRAs u li jiġu aġġornati kontinwament minnhom, u li jispjegaw fid-dettall il-passi operazzjonali, il-proċeduri nazzjonali, il-proċessi interni tal-NRA, kif ukoll id-dokumentazzjoni u l-għodod li għandhom jintużaw fl-immaniġġjar tal-kriżijiet. Dawn il-Manwali jipprovdu informazzjoni ewlenija lill-SRB għall-fini ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni, it-tħejjija għall-kriżijiet u l-ippjanar għar-riżoluzzjoni.

Minbarra l-Manwali Nazzjonali "kompluti", il-persunal tal-SRB ikkoordina mal-NRAs, l-iżvilupp tad-Dokumenti tal-Passi Operazzjonali dwar

[64] Wieħed mill-prinċipji ġenerali tar-riżoluzzjoni huwa li l-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fil-prinċipju jitneħħew jew jiġu sostitwiti. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teżerċita l-kontroll tal-istituzzjoni direttament jew indirettament. Wieħed mill-modi li bihom l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teżerċita kontroll indirettament huwa permezz tal-ħatra ta' maniġer speċjali. L-Artikolu 23(5) tal-SRMR2 jipprevedi li l-NRA tista' taħtar maniġer speċjali f'konformità mal-Artikolu 35 tal-BRRD, meta l-iskema ta' riżoluzzjoni tal-SRB tipprevedi tali ħatra. Għal dan il-għan, skont l-Artikolu 29(1) tal-SRMR, l-NRAs għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jimplimentaw id-deċiżjonijiet imsemmija fl-SRMR, b'mod partikolari billi jieħdu l-miżuri meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 35 tal-BRRD.

l-implimentazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni. Id-Dokumenti dwar il-Passi Operazzjonali jagħtu dettalji dwar is-sekwenza tal-avvenimenti f'każ tipiku ta' riżoluzzjoni, li jibda mill-istadju preparatorju sal-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' riżoluzzjoni u azzjonijiet ta' wara r-riżoluzzjoni. L-NRAs komplew il-ħidma għat-tħejjija tal-Mudelli tal-Ordnijiet ta' Implimentazzjoni, li għandhom jiġu adattati għall-għodod ta' riżoluzzjoni differenti, abbażi tal-mudelli għall-iskemi ta' riżoluzzjoni żviluppati mill-SRB, u għall-Proċedimenti Nazzjonali ta' Insolvenza.

F'dawn l-aħħar snin, l-SRB żviluppa gwida dwar il-mudelli li għandhom jimtlew mill-NRAs kollha li jagħtu dettalji dwar il-kontenut minimu li għandu jiġi inkluż fil-Manwali Nazzjonali. B'mod partikolari, fl-2021 l-NRAs ipprovdew awtovalutazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali tad-dokumentazzjoni relatata mal-Manwali Nazzjonali, li mbagħad ġew kondiviżi f'laqgħa mal-NRAs kollha, b'enfasi fuq il-progress u l-aġġornamenti għall-proġett. Matul il-laqgħa, l-SRB ippreżenta proposta biex jappoġġa lill-NRAs fl-aġġornament tal-kapitolu tal-Manwal Nazzjonali dwar ir-rikapitalizzazzjoni interna, filwaqt li kkondivida gwida dettaljata u l-mudell il-ġdid dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna, kif emendat wara bidliet leġiżlattivi.

Matul l-2021, l-SRB għen ukoll liż-żewġ pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Bankarja fl-2020 jiżviluppaw il-manwali tagħhom, billi pprovda materjali ta' sfond u organizza laqgħat biex jiġi diskuss il-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol u l-iskedi ta' żmien.

**Illustrazzjoni 11:** Skeda taż-żmien tas-sessjoni ta' prattika tal-Kulleġġ ta' Riżoluzzjoni




## Sessjonijiet ta' prattika

F'April, l-SRB organizza eżerċizzju kkoordinat ta' sessjoni ta' prattika li jissimula kriżi bankarja b'Kulleġġ ta' Riżoluzzjoni. Il-grupp fittizju kellu l-kumpanija prinċipali tiegħu fl-Unjoni Bankarja u kellu tliet sussidjarji fl-Istati Membri li mhumiex parti mill-Unjoni Bankarja. L-eżerċizzju kellu l-għan li jittestja l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet li jipparteċipaw f'Kulleġġ ta' Riżoluzzjoni, inklużi l-passi meħtieġa u l-bażi ġuridika għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi jittieħed approċċ ta' Punt Uniku ta' dħul, kif ukoll billi tiġi vvalutata d-dokumentazzjoni legali u ta' komunikazzjoni. L-SRB, l-awtoritajiet nazzjonali, il-BĊE, il-Kummissjoni, u l-EBA ppparteċipaw fl-eżerċizzju, li kien jinkludi żewġ sessjonijiet simulati ta' teħid ta' deċiżjonijiet: Laqgħa tal-Kulleġġ ta' Riżoluzzjoni u Sessjoni Eżekuttiva Estiża. Is-simulazzjoni involviet ukoll il-ħolqien ta' xenarju fittizju b'kundizzjonijiet reali għad-deterjorament tal-profil tal-bank simulat, flimkien mal-valutazzjoni fil-ħin tar-riżoluzzjoni u ta' wara r-riżoluzzjoni.

L-eżerċizzju kien ta' suċċess fl-ittestjar tal-proċeduri ta' kriżi u l-kooperazzjoni istituzzjonali eżistenti, inkluż il-Memorandum ta' Qbil mal-BĊE u mal-Kummissjoni, u fl-użu tal-pjattaforma tal-R4C. Dan għen biex jiġu identifikati suġġetti li jeħtieġu titjib fil-politika, proċedurali u operazzjonali. It-Tim Tattiku ta' Riżoluzzjoni ġabar il-konklużjonijiet u l-feedback ewlenin mill-parteċipanti f'rapport dwar it-tagħlimiet meħuda. Fost serje ta' punti ewlenin, l-eżerċizzju kkonkluda li l-koordinazzjoni bikrija fost l-awtoritajiet hija kruċjali għal

sitwazzjonijiet li fihom "tfalli jew x'aktarx tfalli" tiġi ddikjarata fil-livelli prinċipali u sussidjarji. Dan enfasizza l-importanza estrema tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qafas tar-riżoluzzjoni biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bla xkiel matul il-fażijiet kollha tal-kriżi, mill-komunikazzjoni bikrija tal-BĊE dwar l-analiżi tal-falliment jew tal-probabbiltà tal-falliment lill-SRB sal-validazzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-SRB mill-Kummissjoni. L-eżerċizzju ġibed ukoll l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu deskritti aktar l-istrateġiji tal-Punt Uniku ta' Dħul fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni bil-għan li jitħejjew skemi ta' riżoluzzjoni tal-grupp u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet ospitanti. Dawn it-tagħlimiet wasslu għal titjib fil-governanza interna għall-kriżi.

F'Ġunju 2021, l-SRB ipparteċipa wkoll f'żewġ eżerċizzji ta' simulazzjoni organizzati mill-Kummissjoni ma' żewġ NRAs tal-Unjoni Bankarja, u f'Lulju, organizza s-sessjoni ta' prattika tal-SRB-MES 2021 biex jittestja l-operazzjonalizzazzjoni tal-metodoloġija u l-mudell tal-kapaċità ta' rkupru tal-SRF.

L-SRB ġabar ukoll it-tagħlimiet interni tiegħu meħuda mill-Eżerċizzju Trilaterali fil-Livell Eżekuttiv li seħħ fl-aħħar tal-2020 (ara t-taqsima preċedenti), bil-għan li jiġu identifikati oqsma ta' titjib ulterjuri. B'mod partikolari, l-SRB identifika sett ta' azzjonijiet fir-rigward tal-proċessi, il-mudelli, id-dokumentazzjoni, u l-elementi ta' politika dwar it-TLAC u l-likwidità fir-riżoluzzjoni, il-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u s-simulazzjonijiet futuri possibbli.

Matul l-2021, l-SRB ikkomunika lill-banek il-ħtieġa kontinwa li jittestjaw il-kapaċitajiet tal-forniment tad-*data* tagħhom u jipprevedi l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji *ad hoc* li għandhom jitwettqu matul l-2022.

### Kapaċità ta' rispons

Matul is-sena, l-SRB organizza korsijiet ta' taħriġ għall-persunal tal-SRB u tal-NRAs, li varjaw minn sessjonijiet ta' induzzjoni dwar l-immaniġġjar tal-kriżijiet għal korsijiet ta' taħriġ speċjalizzati dwar l-R4C, proċessi dettaljati ta' rispons għall-kriżijiet u l-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda mill-eżerċizzji tal-2021 u dawk preċedenti. L-SRB tejjeb ukoll l-aċċess tal-persunal għall-materjali ta' tħejjija għall-kriżijiet bil-ħolqien ta' spazju tal-intranet dedikat. Barra minn hekk, l-SRB iżomm bażi tad-*data* interna tal-persunal li jista' jissieħeb ma' timijiet ta' kriżi abbażi tal-ħiliet tagħhom.

## 1.5.2 RISPONS GĦALL-KRIŻIJIET

Matul l-2021, u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-MES, l-MSU u l-NRAs, l-SRB immonitorja lill-istituzzjonijiet taħt il-mandat tal-SRB u l-LSIs, u fassal regolarment rapporti interni u aġġornamenti dwar il-banek f'sitwazzjoni kritika (inklużi każijiet ta' kriżi attivi).

Ma kien hemm l-ebda każ ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet sinifikanti matul is-sena. Madankollu, l-attivitajiet ta' rispons għall-kriżijiet kienu jinkludu l-istabbiliment ta' Timijiet għall-Immaniġġjar tal-Kriżijiet, l-iffirmar ta' Protokolli ta' Segretezza, l-użu tal-R4C, u l-għoti tal-assistenza meħtieġa dwar il-governanza fi kriżi.

F'termini tal-LSIs, kien hemm għadd ta' każijiet ta' kriżi matul il-perjodu ta' rapportar. L-SRB u l-NRAs rilevanti kkooperaw mill-qrib biex jiżguraw l-immaniġġjar effettiv tagħhom f'konformità mal-qafas legali applikabbli.

# 1.6. L-operazzjonalizzazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

Istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti ta' investiment fil-21 Stat Membru parteċipanti tal-Unjoni Bankarja jikkontribwixxu għall-SRF. L-SRF se jinbena gradwalment matul perjodu tranżitorju ta' tmien snin (2016–2023) u jrid jilħaq mill-inqas 1 % tal-ammont ta' depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-Istati Membri parteċipanti kollha fi tmiem il-perjodu tranżitorju. Matul l-2021, l-SRB kompla jżid il-kontribuzzjonijiet lill-SRF, u għamel progress kif ippjanat, mexxa l-investimenti u ffoka fuq il-ħidma preparatorja għall-introduzzjoni bikrija tal-garanzija ta' kontinġenza komuni.

### 1.6.1 KONTRIBUZZJONIJIET

Skont id-*data* li waslet mill-SGD: ir-rata tat-tkabbir tad-depożiti koperti fl-2020 (fuq bażi medja trimestrali) kienet stmata madwar 7 %. Abbażi ta' dan it-tkabbir, l-SRF huwa mistenni li fl-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni, jiġifieri fl-2024, ikun jammonta għal aktar minn EUR 75 biljun.

#### Il-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet

Minn Novembru 2020 sal-aħħar ta' Jannar 2021, l-SRB ġabar *data* mill-istituzzjonijiet sabiex ikun jista' jikkalkula l-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2021. Ladarba d-*data* riċevuta ġiet ivverifikata, l-SRB ipproċeda b'kalkoli preliminari u, għall-ewwel darba, introduċa fażi ta' konsultazzjoni speċifika mal-istituzzjonijiet. Għal dan il-għan, l-SRB fassal approċċ speċifiku għall-kondiviżjoni tad-*data* mal-istituzzjonijiet sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità tad-data speċifika għall-istituzzjoni filwaqt li tiġi mmassimizzata t-trasparenza dwar il-proċess tal-kalkolu. L-istituzzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni kellhom l-opportunità li jirrieżaminaw il-kalkoli preliminari tal-SRB qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, setgħu jikkummentaw dwar aspetti li qiesu pertinenti għall-eżerċizzju tal-kalkolu, u rċevew tweġibiet bil-miktub mill-SRB. Wara l-konsultazzjoni, li żgurat it-trasparenza tal-proċess, l-SRB ikkondivida r-riżultati tal-kalkoli preliminari għall-finijiet ta' konsultazzjoni mal-BĊE, mal-NCAs u mal-NRAs. L-SRB qies aktar minn 480 kumment mill-istituzzjonijiet fid-dokumenti tad-deċiżjoni finali li ġew approvati mis-Sessjoni Eżekuttiva tal-SRB f'April. L-SRB imbagħad ipprovda kalkoli lill-NRAs, li min-naħa tagħhom nnotifikaw lill-istituzzjonijiet fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom.

Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81[65], li jillimita l-mira għall-impenji ta' pagament irrevokabbli għal bejn 15 % u 30 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet annwali miġbura, is-sehem għall-2020 ġie stabbilit għal 15 % bi flus kontanti bħala kollateral.

L-ammont totali ta' imposti obbligatorji miġbura mill-SRB fl-2021 kien ta' EUR 10.4 biljun minn 3 018-il bank, li żiedu l-livell tal-SRF għal madwar EUR 52 biljun.

Skont il-Ftehim Intergovernattiv (IGA) dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet lill-SRF, il-kontribuzzjonijiet jappartjenu għal kompartimenti differenti li jikkorrispondu għal kull Stat Membru parteċipanti matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, u b'hekk jikkostitwixxu l-"kompartimenti nazzjonali". Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 8 snin, il-kontribuzzjonijiet nazzjonali se jingħaqdu biex jiffurmaw fond uniku

[65] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A32015R0081

u mutwalizzat bis-sħiħ. B'ammont ta' EUR 52 biljun miġbur u minħabba l-livell ta' mutwalizzazzjoni, l-SRB ikun jista' jitlob medja ta' EUR 44.6 biljun ta' fondi mutwalizzati għal każ ta' riżoluzzjoni potenzjali fi kwalunkwe Stat Membru.

Fit-tieni nofs tal-2021, l-SRB kompla t-tħejjija taċ-ċiklu ta' ġbir tal-kontribuzzjoni tal-2022, li beda f'Settembru. Il-ġbir tad-*data* mill-istituzzjonijiet beda f'Novembru 2021 u se jikkonkludi f'Jannar 2022. L-NRAs ipprovdew il-lista tal-2 896 istituzzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni għall-2022, u l-SRB beda ħidma preliminari fuq il-ġbir tad-*data* dwar id-depożiti koperti mill-iskemi ta' garanzija tad-depożiti. Il-ġbir tad-*data* relatat mad-dikjarazzjonijiet mill-ġdid tad-*data* taċ-ċikli preċedenti ntemm fil-31 ta' Diċembru 2021, li ppermetta lill-Bord jikkalkola mill-ġdid dawn il-kontribuzzjonijiet *ex ante* f'Jannar 2022.

### Eżerċizzji ta' verifika tad-*data*

L-SRF lesta l-eżerċizzju ta' verifika tad-*data* tal-2020 fi Frar 2021, beda l-eżerċizzju ta' verifika tad-*data* tal-2021 f'Settembru, u pparteċipa f'żewġ analiżijiet bir-reqqa tal-SRB (ara t-taqsima 1.2.1).

### Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fil-15 ta' Lulju 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-584/20P u C-621/20 P, *Il-Kummissjoni u l-SRB vs Landesbank Baden-Württemberg*, li biha l-Qorti annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020. L-aktar eżitu importanti tas-sentenza kien li l-Qorti ddikjarat li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63[66] huwa legalment sod. Is-sentenza ġabet ukoll aktar ċarezza fir-rigward tal-istandards tar-raġunament meħtieġa għal deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni *ex ante*, prinċipalment fil-livell ta' trasparenza tad-*data* sottostanti użata għall-kalkolu (li fiha data kunfidenzjali ta' istituzzjonijiet individwali). Wara l-ewwel valutazzjonijiet, u minħabba l-bidliet materjali li diġà ġew implimentati fiċ-ċiklu ta' kontribuzzjoni tal-2021, l-SRB se jkollu jintroduċi biss modifiki żgħar fiċ-ċiklu ta' kontribuzzjonijiet li jmiss fl-2022.

Fl-istess ħin, l-SRB adotta deċiżjoni ġdida dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2017 ta' Landesbank Baden-Württemberg, ferm fi ħdan il-perjodu ta' żmien impost mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-584/20P u C-621/20 P, il-Kummissjoni u l-SRB vs Landesbank Baden-Württemberg. L-SRB approva l-kalkoli preliminari f'Ottubru, u mbagħad issottomettihom lill-istituzzjoni f'Novembru għall-konsultazzjoni. L-SRB adotta d-deċiżjonijiet il-ġodda f'Diċembru 2021.

## 1.6.2 INVESTIMENTI

### Pjan ta' Investiment

Is-Sessjoni Plenarja tal-SRB irrieżaminat ir-rapport annwali dwar l-investiment għall-2020 f'Marzu 2021, li kien fih, fost elementi oħra, il-kompożizzjoni u l-karatteristiċi tar-riskju tal-SRF fi tmiem is-sena u l-perkors ta' implimentazzjoni tal-Allokazzjoni Strateġika tal-Assi kif stabbilit fil-Pjan ta' Investiment għall-2020.

Matul is-sena ta' rapportar, l-SRB implimenta l-Pjan ta' Investiment tal-2021, li kien ġie approvat mill-SRB fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu f'Diċembru 2020, kien ibbażat fuq l-Istrateġija ta' Investiment 2020, u inkluda l-Allokazzjoni Strateġika tal-Assi għall-2021. F'Ġunju 2021, is-Sessjoni Eżekuttiva tal-SRB approvat aġġornament għal dan il-Pjan ta' Investiment, li adatta kemxejn l-Allokazzjoni Strateġika tal-Assi qabel ma rċeviet il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2021.

Is-Sessjoni Plenarja tal-SRB adottat ir-rieżami tal-2021 tal-Istrateġija ta' Investiment f'Novembru u s-Sessjoni Eżekuttiva approvat il-Pjan ta' Investiment tal-2022 sussegwenti f'Diċembru, biex jiġi implimentat fl-2022.

### Servizzi esternalizzati

Matul is-sena, l-SRB ikkonkluda żewġ kuntratti ta' esternalizzazzjoni għall-investimenti tal-SRF. Il-kuntratt għat-tieni

[66] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32015R0063

istituzzjoni pubblika li tipprovdi servizzi ta' ġestjoni tal-investiment lill-SRB ġie konkluż u, wara li integra ruħu, dan il-maniġer beda operazzjonijiet ta' investiment f'Novembru. F'April, l-SRB lesta wkoll il-proċess ta' akkwist ta' fornitur ta' referenza ġdid, biex jissostitwixxi l-kuntratt li jiskadi fl-2021.

### Ġestjoni tad-*data*

Bil-fażi tal-bidu tal-investimenti li tlestiet, il-ħtieġa li tinbena infrastruttura aktar robusta għall-ħżin tad-*data*, ir-rapportar u l-finijiet analitiċi saret prijorità ewlenija. Għal dan il-għan, l-SRB beda proġett kbir biex jibni bażi tad-*data* għad-*data* kollha relatata mal-investiment tal-SRF. L-ewwel verżjoni ta' dan il-proġett bdiet topera f'Ġunju 2021, u t-tielet waħda bdiet topera f'Ottubru 2021, fil-ħin biex tintegra d-*data* li waslet mingħand il-maniġer tal-investiment il-ġdid li beda l-investimenti f'Novembru. B'mod parallel, l-SRB żviluppa għodod ta' rapportar u analitika tal-investiment permezz tal-bażi tad-*data*, li bdiet topera f'Ġunju 2021, u fassal rapporti *interim* ta' investiment (ara aktar dettalji fit-taqsima 2.3.2). Dan it-titjib indirizza wkoll xi wħud mill-osservazzjonijiet tal-QEA għar-rapport annwali 2020 (għal aktar dettalji, ara t-taqsima 2.7.2)

## 1.6.3 FINANZJAMENT

B'mod simili għas-snin preċedenti, f'Lulju, l-SRB bagħat il-komunikazzjoni annwali lill-Istati Membri dwar il-kapaċità ta' finanzjament disponibbli fl-ambitu tal-LFAs, flimkien ma' informazzjoni supplimentari tal-ammont disponibbli ipotetiku li jista' jappoġġa t-tħejjija tal-Mutwanti għall-iżborżi possibbli fl-ambitu tal-LFA, u l-ġestjoni tarriżorsi baġitarji. Il-fondi miġbura sena b'sena fil-kompartimenti nazzjonali tal-SRF huma mutwalizzati b'mod progressiv; fit-tielet trimestru tal-2021, 85 % tal-fondi kienu diġà ġew mutwalizzati.

Wara l-ftehim tal-Grupp tal-Euro biex jiġi avvanzat id-dħul fis-seħħ tal-garanzija ta' kontinġenza komuni, l-SRB, f'koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tiegħu, ħadem matul l-2021 biex jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu sal-bidu tal-2022 (ara t-taqsima 1.4.3). Il-passi ewlenin huma stabbiliti hawn taħt.

- L-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Politika dwar il-Kollateral skont il-prinċipji ta' flessibbiltà biex jiġu koperti ċirkostanzi differenti fir-riżoluzzjoni, u l-proporzjonalità, biex jinġabar kemm jista' jkun kollateral. Il-politika tinkludi l-matriċi ta' eliġibbiltà tal-SRB, id-definizzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni għal kull kategorija ta' assi, l-iżvilupp ta' qafas ta' riskju u l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-assi (żviluppati aktar fil-Playbooks Nazzjonali). Il-Politika ġiet ippreżentata lill-Bord tad-Diretturi tal-MES u lis-Sessjoni Eżekuttiva tal-SRB f'Diċembru 2021, fejn ġiet approvata. Il-ħidma teknika se tkompli tlesti l-operazzjonalizzazzjoni tal-politika fil-bidu tal-2022.
- It-tfassil tal-Valutazzjoni tal-Kapaċità tal-Irkupru/tar-Ripagament, il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-SRB biex jiġi żgurat ir-ripagament sħiħ u f'waqtu tal-ammonti mislufa taħt il-linja ta' kreditu tal-MES filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità fiskali.
- L-organizzazzjoni ta' żewġ eżerċizzji ta' sessjoni ta' prattika qabel id-dħul fis-seħħ tal-garanzija ta' kontinġenza komuni sabiex jiġi vvalutat il-proċess u r-reżiljenza tiegħu f'kundizzjonijiet realistiċi, li seħħew f'Ġunju u f'Novembru u li rriżultaw f'tagħlimiet siewja għall-ħidma li għaddejja.
- L-istabbiliment tal-Ftehim dwar il-Faċilità ta' Garanzija ta' Kontinġenza Parallela maħsub għall-Istati Membri parteċipanti mhux fiż-żona tal-euro.

Il-pakkett ta' dokumenti, li kien jikkonsisti minn: il-Ftehim dwar il-Faċilità ta' Garanzija ta' Kontinġenza bejn l-SRB u l-MES; il-Ftehimiet dwar il-Faċilità ta' Garanzija ta' Kontinġenza Parallela bejn l-SRB u l-Istati Membri parteċipanti mhux fiż-żona tal-euro; u l-LFAs; ġie miftiehem mill-Istati Membri f'Ottubru 2021, u s-Sessjoni Eżekuttiva tal-SRB f'Novembru.



# Manigment



# 2.1. Introduzzjoni

Il-Programm Pluriennali 2021-2023 tal-SRB jiddeskrivi t-tisħiħ tal-SRB bħala organizzazzjoni bħala l-ħames qasam ta' prijorità. Dan iwieġeb għall-fatt li l-SRB huwa organizzazzjoni li ma tantx ilha, li fl-2021 kien ilu seba' snin stabbilit bħala aġenzija indipendenti, u għalhekk qed ilesti l-konsolidazzjoni tiegħu. Il-pandemija tal-COVID-19, li damet kważi sentejn, ovvjament affettwat il-pass li biha żviluppaw xi wħud mill-funzjonijiet. Madankollu, b'mod ġenerali, l-2021 kienet għadha sena ta' konsolidazzjoni, li fiha xi wħud mill-funzjonijiet ta' appoġġ orizzontali għamlu progress tajjeb, b'mod partikolari f'termini ta' proċessi ta' simplifikazzjoni, xprunati mill-ħtieġa li titkompla l-ħidma mill-bogħod. Ir-restrizzjonijiet ewlenin għall-ilħuq ta' xi objettivi orizzontali kienu d-diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' xi profili speċjalizzati, bħal profili tal-ICT, u l-fatturat għoli mhux mistenni tal-persunal, li ż-żewġ kwistjonijiet huma indirettament relatati mal-impatti tal-COVID-19. L-inċertezza kkawżata mill-pandemija u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol li qed jinbidlu, kif ukoll l-arranġamenti tax-xogħol remot, li ilhom stabbiliti mill-2020, affettwat xi ftit mix-xogħol li għaddej b'diversi modi.

# 2.2. It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-SRB

Skont l-SRMR, id-deċiżjonijiet tal-SRB jittieħdu jew mill-President tal-SRB jew mill-Bord fis-Sessjonijiet Eżekuttivi jew Plenarji tiegħu. Fl-2021, l-SRB organizza ħames laqgħat tal-Bord bil-preżenza fiżika tal-membri fis-Sessjoni Plenarja tiegħu, 12-il laqgħa bil-preżenza fiżika tal-membri tal-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva Ristretta tiegħu u 19-il laqgħa bil-preżenza fiżika tal-membri tal-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva Estiża tiegħu. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-biċċa l-kbira tal-laqgħat bil-preżenza fiżika tal-membri saru wkoll b'parteċipazzjoni remota. Barra minn hekk, ġew organizzati 16-il proċedura bil-miktub mas-Sessjoni Plenarja, 66 proċedura bil-miktub mas-Sessjoni Eżekuttiv Ristretta u 268 proċedura bil-miktub mas-Sessjoni Eżekuttiva Estiża, prinċipalment relatati mal-RPCs tal-2020 u l-2021.

**Illustrazzjoni 12:** It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-SRB

## Il-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB

### Sessjoni Plenarja

| Magħmula minn | Kompitu |
|---|---|
| • President<br>• Membri Permanenti tal-Bord<br>• Ir-Rappreżentanti kollha tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRA) | Jiddelibera u jiddeċiedi dwar kwistjonijiet strateġiċi għall-SRB jew għal Mekkaniżmu Uniku. |

### Sessjoni Eżekuttiva

R I S T R E T T A

| Magħmula minn | Kompitu |
|---|---|
| • President<br>• Membri Permanenti tal-Bord | Iħejji l-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet tas-Sessjoni Plenarja. |

E S T I Ż A

| Magħmula minn | Kompitu |
|---|---|
| • President<br>• Membri Permanenti tal-Bord<br>• Ir-Rappreżentanti kkonċernati tal-NRA | Iħejji d-deċiżjonijiet tas-Sessjoni Plenarja u jieħu d-deċiżjonijet kollha biex jimplimenta r-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR) |

### President

- Deċiżjonijiet kif deskritti fl-Artikolu 56 tal-SRMR, relatati mal-immaniġġjar ta' kuljum tal-SRB.

### Viċi President

- Membru mingħajr vot ħlief f'każ ta' nuqqas tal-President.

### Osservaturi

- Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom status ta' osservatur permanenti fil-laqgħat kollha tas-Sessjonijiet Eżekuttivi u Plenarji;
- Fejn rilevanti, jistgħu jiġu mistiedna osservaturi oħra fuq bażi ad hoc għas-Sessjonijiet Eżekuttivi u Plenarji;
- Meta jkunu qed jiddeliberaw fuq grupp li jkollu sussidjarji jew fergħat sinifikanti fi Stati Membri mhux parteċipanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' dawk l-istati membri mhux parteċipanti huma mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħa tas-Sessjonijiet Estiżi.

# 2.3. Żviluppi kbar

Is-sottotaqsimiet li ġejjin jippreżentaw l-istadji importanti miksuba mill-funzjonijiet orizzontali tal-SRB fl-2021.

### 2.3.1 SEGRETARJAT TAL-SRB

Is-Segretarjat tal-SRB kompla jsaħħaħ il-governanza tal-SRB u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari billi fassal gwida interna dwar il-prattiki ta' ħidma tiegħu. Huwa ċċara l-proċess għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-President, u r-rieżami u s-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni lill-Bord fid-diversi kompożizzjonijiet tiegħu. F'Jannar 2021, l-SRB nieda l-għodda FORA awtomatizzata, li tintuża għall-proċeduri bil-miktub tal-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva Ristretta tiegħu. L-SRB ilu minn Lulju juża l-għodda għall-proċeduri kollha bil-miktub għall-kompożizzjonijiet kollha tal-Bord, u żied ħafna l-effiċjenza u t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB (ara t-taqsima 2.3.2).

Is-Segretarjat tal-SRB appoġġa l-RPC u l-proċessi relatati tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluża ż-żamma ta' kuntatt mill-qrib mal-NRAs u ma' istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB. Dan żviluppa gwida proċedurali interna għall-IRTs biex joperaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' notifiki ta' imprattikabbiltà skont l-Artikolu 55(2) tal-BRRD, applikazzjonijiet għall-permessi skont l-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (CRR), l-impożizzjoni ta' Ammont Massimu Distribwibbli relatat mal-MREL, restrizzjonijiet għall-banek, u l-proċess għat-tneħħija jew l-indirizzar ta' impedimenti sostantivi.

Fl-okkażjoni ta' eżerċizzju ta' mobbiltà interna f'Marzu 2021, l-Uffiċċju tal-Ġestjoni tad-Dokumenti introduċa għadd ta' elementi ta' titjib fil-ġestjoni tad-dokumenti tal-SRB, b'mod partikolari r-reviżjoni tal-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għal għodod interni u esterni għall-ġestjoni tad-dokumenti għall-persunal kollu. Matul l-2021, l-SRB lesta wkoll l-integrazzjoni sħiħa ta' Firma Elettronika Kwalifikata u Siġill Elettroniku Kwalifikat fl-applikazzjoni ARES. Dan kien pass ieħor lejn flussi ta' ħidma mingħajr karti u żamma tar-rekords u arkivjar awtomatizzati. Ġie stabbilit network ta' Promoturi għall-Ġestjoni tad-Dokumenti fi ħdan id-Direttorati kollha biex tiġi ffaċilitata l-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-ġestjoni u tal-arkivjar tad-dokumenti, u biex jiġi żgurat l-arkivjar xieraq ta' fajls storiċi (stampati u b'mod elettroniku). L-Uffiċċju tal-Ġestjoni tad-Data organizza wkoll korsijiet ta' taħriġ dwar il-ġestjoni ġenerali tad-*data* u l-kunfidenzjalità kif ukoll dwar għodod speċifiċi tal-ICT.

Fl-2021, l-Uffiċċju tal-Kontinwità tal-Operat ġie integrat fis-Segretarjat tal-SRB, u dan ippermettielu jibbenefika minn sinerġiji mal-funzjonijiet l-oħra tas-Segretarjat tal-SRB.

### 2.3.2 TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI

Matul l-2021, u bħala t-tieni sena li fiha l-biċċa l-kbira tax-xogħol twettaq mill-bogħod, l-ICT ipprovdiet servizzi essenzjali għall-operat tal-SRB, filwaqt li żgurat id-disponibbiltà sħiħa tas-servizzi tal-ICT. Biex jinkiseb dan, l-ICT saħħet l-għodod ta' komunikazzjoni tagħha, organizzat sessjonijiet ta' taħriġ regolari mal-utenti tal-SRB, u saħħet is-Service Desk tal-ICT tagħha. B'mod partikolari, l-SRB: uża madwar 100 post tax-xogħol virtwali sikur għal aktar minn 1 000 utent estern; wettaq mingħajr l-ebda tfixkil eżerċizzju ta' rotazzjoni għad-Direttorati ta' Riżoluzzjoni; awtomatizza għadd ta' servizzi tal-ICT; u implimenta pjattaforma ġdida ta' maniġer

tal-identità għal żewġ servizzi tal-ICT (FORA u R4C), filwaqt li servizzi oħrajn se jiġu integrati b'mod progressiv fiha.

Minħabba l-kontinwazzjoni tax-xogħol remot, l-ICT saħħet is-**Service desk**, b'appoġġ dedikat għall-Bord tal-Appell u għall-Membri tal-Bord u bi rwol ta' koordinatur biex tiġi żgurata l-konsistenza. Fl-2021, l-ICT immaniġġjat 4 650 biljett, b'96.27 % minnhom f'konformità mal-limiti tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz. Fl-2021, l-ICT ġestiet ukoll 577 talba għal tibdil b'punteġġ ta' sodisfazzjon ta' 4.4/5.

L-SRB żviluppa l-istrateġija tal-ICT tiegħu għall-2022-2024 flimkien mal-qafas tiegħu għall-akkwist tal-ICT. L-istrateġija, ippreżentata lis-Sessjoni Plenarja tal-SRB f'Novembru, tidentifika erba' settijiet ta' xprunaturi ewlenin: Ix-xejriet tal-ICT, il-prijoritajiet tal-SRB mill-Programm Pluriennali tiegħu, l-isfidi tal-ICT identifikati minn kumitat ta' tmexxija intern, u l-faċilitaturi u l-ostakli interni. Abbażi ta' dawn l-ixprunaturi, l-istrateġija tiddefinixxi sitt għanijiet strateġiċi implimentati f'settijiet ta' programmi tal-ICT li jqisu s-servizzi, l-utenti, il-politiki u l-ambjenti tal-ICT u li għandhom skedi ta' żmien konkreti u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

Minħabba l-importanza dejjem akbar taċ-ċibersigurtà, kif ukoll in-natura sensittiva tal-mandat tal-organizzazzjoni, l-SRB irdoppja l-isforzi tiegħu f'dan il-qasam matul l-2021, billi pprovda protezzjoni kontinwa tal-infrastruttura tal-ICT, kooperazzjoni mill-qrib u stretta mal-istituzzjonijiet tal-UE, ħolqien ta' sensibilizzazzjoni fost il-persunal u ġestjoni dettaljata tat-theddid u l-vulnerabbiltajiet.

Minbarra l-operazzjonijiet regolari, l-SRB kompla jaħdem u wettaq għadd ta' proġetti biex itejjeb l-effiċjenza tal-proċessi interni u esterni fl-2021 li huma spjegati fil-paragrafi li ġejjin:

### Ġbir tad-*data*

Fl-2021, l-SRB żied tliet ġabriet ġodda ta' *data* mal-kapaċitajiet tiegħu, u ġabar aktar minn 30 gigabyte ta' *data* ta' riżoluzzjoni, u aktar minn 3 000 fajl tal-SRF. Is-sistemi tal-SRB issa huma konnessi mal-fornituri tad-*data* tas-suq u mal-maniġers tal-portafoll għall-SRF (ara t-taqsima 1.6.2). L-SRB stabbilixxa wkoll kapaċitajiet ta' skambju tad-*data* robusti u siguri mal-EBA u l-BĊE għad-*data* ta' riżoluzzjoni u superviżorja (ara t-taqsima 1.4.3).

### FORA

FORA hija l-applikazzjoni tal-ICT li tippermetti lis-Segretarjat tal-SRB jimmaniġġja l-proċeduri bil-miktub tal-Bord fis-sessjonijiet Eżekuttivi u Plenarji ristretti u estiżi tiegħu. L-applikazzjoni hija disponibbli għall-partijiet ikkonċernati interni (il-President, il-Viċi President, il-Membri tal-Bord) kif ukoll għal dawk esterni (l-NRA, il-BĊE, il-Kummissjoni, l-EBA) u toffrilhom il-possibbiltà li jipprovdu l-feedback tagħhom (vot jew kumment) direttament fis-sistema. FORA 1.0 inħarġet f'Novembru 2020, biex tappoġġa s-sessjonijiet Eżekuttivi. Matul l-2021, l-SRB żviluppa u ħareġ żewġ verżjonijiet oħrajn tal-applikazzjoni, FORA 2.1 u FORA 3.0, li mmaniġġjaw Sessjonijiet Plenarji minn Lulju 2021 'il quddiem, u appoġġa proċeduri bil-miktub minn Ottubru 2021. Ġew ipprovduti korsijiet ta' taħriġ regolari lill-utenti kollha matul is-sena, anki fil-funzjonalitajiet il-ġodda tal-applikazzjoni (ara s-sottotaqsima preċedenti)

### Lesti għall-Kriżi

Lesti għall-Kriżi (R4C) hija l-pjattaforma żviluppata mill-SRB għall-iskambju ta' informazzjoni matul kriżi (ara t-taqsima 1.5.1). L-R4C 1.2 inħarġet fi Frar 2021, b'mod parallel mal-iżvilupp tal-RC4 2.0, b'enfasi fuq funzjonalitajiet imtejba għall-ħidma bid-dokumenti u l-ġestjoni tal-proġetti; rapportar imtejjeb, protokoll ta' segretezza u notifiki; u l-integrazzjoni ma' RDF u FORA. L-applikazzjoni

R4C ibbenefikat ukoll mit-tagħlimiet meħuda matul l-eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika. L-iżvilupp tal-verżjoni 2.0 għamel progress kif skedat matul l-2021 u huwa mistenni li jiġi rilaxxat fl-ewwel trimestru tal-2022. L-ICT ipprovdiet għadd ta' korsijiet ta' taħriġ lill-persunal tal-SRB matul is-sena.

### Maħżen tad-*Data*

Il-Maħżen tad-*Data* tal-SRB (DWH) fih *data* affidabbli, aċċessibbli, u kompluta li tippermetti ppjanar konsistenti tar-riżoluzzjoni u tippermetti proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet risponsiv u aġli. Il-verżjoni l-ġdida tad-DWH tinkludi dashboard għar-rapportar tal-awtoservizz. L-utenti se jkunu jistgħu janalizzaw ukoll id-*data* storika biex iwettqu analiżijiet addizzjonali (eż. abbażi ta' serje ta' żmien) fil-bidu tal-2022 (ara t-taqsima 1.4.1)

### Gateway taċ-Ċertifikazzjoni tad-*Data*

Il-Gateway taċ-Ċertifikazzjoni tad-*Data* (DCG) tiżgura li l-kwalità tad-data riċevuta mill-banek tkun xierqa qabel ma s-sid tad-*data* jippromwoviha fid-DWH. L-SRB iwettaq erba' livelli ta' kontrolli. L-ewwel żewġ livelli ta' kontrolli huma fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema tal-ġbir tad-*data*. It-tielet livell ta' kontrolli huwa fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DCG. Ir-raba' livell ta' kontrolli huwa manwali u huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-DCG. Fl-2021, ġiet rilaxxata l-verżjoni 2.6 tal-applikazzjoni, b'titjib kbir relatat mal-awtomatizzazzjoni tar-rapporti u l-kontrolli tal-kwalità tad-*data* (ara t-taqsima 1.3.1). L-ICT ipprovdiet taħriġ regolari għat-timijiet ta' riżoluzzjoni u għall-persunal tal-SRB. Il-ħidma rigward titjib ulterjuri se tkompli fl-2022.

### Fabbrika tad-*Data* ta' Referenza

Il-Fabbrika tad-*Data* ta' Referenza (RDF) hija s-sors uniku ta' verità[67] għad-*data* ewlenija tal-bank tal-SRB, b'mod partikolari fir-rigward tal-lista ta' istituzzjonijiet, kemm għall-utenti tal-SRB kif ukoll għall-applikazzjonijiet. L-ambitu inizjali tal-RDF kien il-forniment ta' *data* ta' referenza għall-Maħżen tad-*Data* iżda progressivament kiseb rwol ċentrali għall-ekosistema kollha tal-informazzjoni tal-SRB. F'Ottubru 2021, kien hemm rilaxx tal-pjattaforma, b'interfaċċa ġdida u bi flussi tax-xogħol imtejba, u fl-2022 huma mistennija verżjonijiet ġodda. It-tim tal-ICT tal-SRB ħarreġ aktar minn 80 membru tal-persunal ta' riżoluzzjoni matul is-sena u ppjana korsijiet ta' taħriġ kull xahar fil-futur (ara t-taqsima 1.3.1).

## 2.3.3 FAĊILITAJIET

Is-sena ta' rapportar kienet waħda ta' sfida minħabba l-kundizzjonijiet dejjem jinbidlu fix-xogħol remot matul il-mewġiet varji tal-pandemija tal-COVID-19, segwita mir-ritorn ippjanat fl-uffiċċju, li kien jirrikjedi tħejjija intensiva iżda li mbagħad seħħ biss parzjalment. F'dan il-kuntest, minbarra s-servizzi tal-ICT, il-ġestjoni tal-faċilitajiet għamlet sforzi biex tipprovdi servizzi regolari u tiżgura s-sikurezza tal-persunal li jaħdem fl-uffiċċju bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-COVID-19.

Dawn l-attivitajiet kienu r-riżultat ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-SRB u s-servizzi tal-Kummissjoni, li tiddependi minn diversi timijiet ta' fornituri esterni. L-SRB implimenta dawn il-kompiti u naqqas għal minimu r-riskju ta' tfixkil għall-attività ewlenija tiegħu, b'enfasi fuq l-ambjent u stinka biex joffri kontinwità u servizz eċċellenti fil-konfront tal-persunal tiegħu. L-SRB identifika lista ta' azzjonijiet għat-titjib kontinwu fil-forniment u l-monitoraġġ tal-faċilitajiet u tas-servizzi tas-sigurtà.

Barra minn hekk, l-SRB ħa wkoll xi inizjattivi biex itejjeb l-impronta ambjentali tiegħu, bħall-ħolqien ta' spazji ekoloġiċi ġodda għall-parkeġġ għall-vetturi elettriċi bi stazzjonijiet

[67] Sors uniku tal-verità jirreferi għall-prattika tal-aggregazzjoni tad-*data* minn diversi sistemi fi ħdan organizzazzjoni f'post wieħed li jservi bħala referenza.

tal-iċċarġjar (li jammontaw għal total ta' erbgħa), u l-iffaċilitar tal-ħżin u l-iċċarġjar ta' scooters elettriċi u ta' trottinettes, bil-għan li jiġi promoss l-użu ta' trasport ekoloġiku u pubbliku għall-persunal. L-SRB installa wkoll funtani ta' ffrankar tal-ilma fil-bini tiegħu u pparteċipa f'kampanja tal-Kummissjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ billi ħeġġeġ lill-persunal juża modi alternattivi ta' trasport minflok il-karozza.

Fl-aħħar xhur tal-2021, l-SRB lesta l-akkwist ta' spazju ġdid għall-uffiċċji, li t-tħejjija tiegħu se ssir fl-2022, skont l-istess standards bħal fil-bini ewlieni.

### 2.3.4 SERVIZZ LEGALI TAL-SRB

Is-Servizz Legali tal-SRB għandu rwol doppju fl-organizzazzjoni: jipprovdi pariri legali interni, u jimmaniġġja l-proċedimenti ta' tilwim quddiem il-Bord tal-Appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u f'ġuriżdizzjonijiet nazzjonali fejn meħtieġ.

#### Parir legali intern

L-SRB jiffunzjona f'ambjent regolatorju kumpless u li qed jevolvi. Billi jipprovdi pariri fir-rigward ta' dan il-qafas legali kumpless u li qed jevolvi, is-Servizz Legali huwa strumentali għall-ilħuq tal-objettivi tal-SRB u għandu rwol ċentrali fl-appoġġ u fit-twettiq tal-mandat tal-SRB.

Fl-2021, is-Servizz Legali kompla jipprovdi pariri legali relatati maddritt tal-Unjoni u mal-liġi tal-Unjoni Bankarja b'enfasi partikolari fuq il-qafas ta' riżoluzzjoni tal-UE fl-oqsma ta', fost l-oħrajn, l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, id-determinazzjoni tal-MREL, l-azzjoni ta' riżoluzzjoni u kwistjonijiet rigward l-SRF, kif ukoll parir legali dwar diversi inizjattivi leġiżlattivi. L-għoti ta' pariri legali fid-diversi livelli tal-organizzazzjoni żgura l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas legali u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki tal-SRB. Total ta' 91 % tat-talbiet għal parir ġew indirizzati fil-ħin.

Matul is-sena, is-Servizz legali kkoordina n-Network Legali, forum ta' esperti legali mill-NRAs u mill-SRB. Dan in-Network kompla jsaħħaħ il-fehim komuni mal-NRAs, mal-Kummissjoni, mal-BĊE u mal-EBA dwar kwistjonijiet legali li jaffettwaw il-funzjonament tal-SRM, u b'hekk ġiet żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni tal-qafas ta' riżoluzzjoni tal-UE fi ħdan l-Unjoni Bankarja.

#### Proċeduri ta' tilwim

Is-Servizz Legali tal-SRB huwa l-uniku servizz li jista' jirrappreżenta lill-SRB quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja, u l-membri tiegħu normalment jinħatru bħala aġenti għall-SRB. L-SRB jimpjega wkoll konsulent estern biex jassistih fit-tilwim, fejn ikun meħtieġ. Fir-rwol tiegħu bħala r-rappreżentant tal-SRB filqorti, is-Servizz Legali jabbozza u jħejji d-dikjarazzjonijiet bil-miktub meħtieġa mill-Qorti tal-Ġustizzja, jew jissorvelja t-tħejjija tagħhom meta tali dokumenti jiġu abbozzati minn avukat estern, u jirrappreżenta wkoll lill-SRB fis-seduti orali relatati. Fir-rigward tat-tilwim pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2021, kien hemm 198 każ, li minnhom aktar minn nofs kienu jikkonċernaw deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español u 78 kienu jikkonċernaw kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-SRF.

Total ta' 117-il azzjoni legali rigward id-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español imressqa minn azzjonisti u kredituri preċedenti tal-bank fil-konfront tal-SRB, fost l-oħrajn, għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Aktar dettalji huma stabbiliti hawn taħt.

- Minn dawn, 101 każ jikkonċernaw id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-SRB. Il-Qorti Ġenerali identifikat u għażlet sitt każijiet pilota, ħamsa li jinvolvu lill-SRB bħala konvenut (u fis-sitt każ l-SRB qed jaġixxi bħala intervenjent),

biex tipproċedi għat-tieni fażi tal-proċedura bil-miktub u tas-seduta ta' smigħ orali. Il-95 kawża li jifdal ġew sospiżi sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti Ġenerali f'dawk is-sitt kawżi pilota. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat waħda mis-sitt kawżi pilota inammissibbli, u l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din is-sejba f'Marzu 2021[68]. Is-sentenza fil-ħames kawżi l-oħra hija mistennija li tinħareġ f'Ġunju 2022.

- Tliet kawżi jikkonċernaw id-deċiżjoni tal-SRB li ma jwettaqx Valutazzjoni 2 definittiva. Waħda minn dawn il-kawżi attwalment tinsab pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat iż-żewġ kawżi l-oħra inammissibbli, u l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din is-sejba f'Diċembru 2021[69].
- Seba' kawżi jikkonċernaw id-deċiżjoni tal-SRB li tiddetermina jekk jikkumpensax lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat kawża waħda inammissibbli u l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din is-sejba f'Settembru 2021[70]. Il-kawżi li jifdal bħalissa huma pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- Sitt kawżi jikkonċernaw id-deċiżjonijiet tal-SRB skont l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u/jew ir-reġim tal-aċċess għall-fajls skont l-SRMR u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001[71]. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat kawża waħda inammissibbli. Dawk li jifdal għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Barra minn hekk, tressqet kawża waħda mill-SRB kontra deċiżjoni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* li ssib li l-SRB kiser ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-proċess tad-"dritt li jiġi mismugħ" imwettaq bi tħejjija għad-deċiżjoni li tiddetermina jekk jikkumpensax lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati. Din il-kawża għadha pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Total ta' 78 azzjoni legali kienu jikkonċernaw kontribuzzjonijiet *ex ante* għad-deċiżjonijiet tal-SRF. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ressqet appell wieħed u l-SRB ippreżenta tliet appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali relatati mal-kontribuzzjonijiet *ex ante*. Id-dettalji huma stabbiliti hawn taħt.

- Ġew imressqa sittax-il azzjoni legali kontra d-deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2016. Waħda minnhom ġiet irtirata u tmien kawżi ġew miċħuda. Minn dawn it-tmien kawżi, tnejn ġew appellati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Appell minnhom ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-appell l-ieħor ġie kkonfermat, filwaqt li l-kawża ġiet riferuta lura lill-Qorti Ġenerali. Fi tliet kawżi, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni sa fejn kienet tikkonċerna lill-applikanti. L-SRB sussegwentement adotta deċiżjoni ġdida dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2016 għal dawn it-tliet applikanti. Huma reġgħu kkontestaw id-deċiżjoni l-ġdida ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2016 quddiem il-Qorti Ġenerali u t-tliet azzjonijiet legali kollha bħalissa huma pendenti.
- Ġew imressqa tliet azzjonijiet legali kontra d-deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2017. F'Settembru 2020, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni sa fejn tikkonċerna lill-applikanti minħabba nuqqasijiet proċedurali u ksur tad-dmir li jiddikjaraw

[68] Is-sentenza tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 2021, *Liaño Reig* vs *SRB*, il-Kawża C-947/19 P, EU:C:2021:172.

[69] Is-sentenzi tal-Qorti tal-21 ta' Diċembru 2021, *Aeris Invest* vs *SRB*, il-Kawża C-874/19 P, EU:C:2021:1040, u *Algebris (UK) u Anchorage Capital Group* vs *SRB*, C-934/19 P, EU:C:2021:1042.

[70] Ordni tal-Qorti tat-30 ta' Settembru 2021, *González Calvet* vs *SRB*, C-27/21 P, EU:C:2021:789.

[71] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/TXT/?uri=CELEX%3A32001R1049

ir-raġunijiet. Fil-Kawża T-411/17[72], il-Qorti Ġenerali sabet ukoll li partijiet mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 [73] huma illegali, peress li l-metodoloġija stabbilita fil-qafas legali eżistenti, minn naħa, tirrikjedi li l-SRB jibbaża fuq id-*data* kunfidenzjali tal-istituzzjonijiet u, min-naħa l-oħra, jipprevjeni lill-SRB milli jiżvela tali *data*. Il-Kummissjoni u l-SRB ressqu appelli kontra din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-SRB ippreżenta wkoll appell ukoll kontra ż-żewġ sentenzi l-oħra relatati mad-deċiżjonijiet tal-kontribuzzjoni *ex ante* tal-2017. Fit-tliet kawżi ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ksur tad-dmir li jiġu ddikjarati r-raġunijiet iżda ċaħdet is-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn sabet li partijiet mir-Regolament Delegat (UE) 2015/63 huma illegali u li d-deċiżjoni ma ġietx awtentikata kif xieraq.

- Ġew imressqa ħames azzjonijiet legali kontra d-deċiżjoni ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2018 u għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- Ġiet imressqa azzjoni waħda fir-rigward tar-rimborż ta' parti mill-kontribuzzjonijiet imħallsa fl-2018 u tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fl-2015. Il-kawża ġiet miċħuda mill-Qorti Ġenerali f'Jannar 2021 u bħalissa qed tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
- Ġew imressqa ħdax-il azzjoni legali kontra d-deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2019 u għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- Ġew imressqa dsatax-il azzjoni legali kontra d-deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2020 u għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- Ġew imressqa għoxrin azzjoni legali kontra d-deċiżjonijiet ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2021 u attwalment għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- Tressqet azzjoni waħda fir-rigward tar-rimborż tal-kollateral li jsostni l-IPC imdaħħal mill-istituzzjoni għas-snin mill-2015 sal-2021, mal-irtirar tal-liċenzja tiegħu. L-azzjoni hija attwalment pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Tliet azzjonijiet legali addizzjonali tressqu mill-banek kontra l-SRB fir-rigward tan-nuqqas ta' adozzjoni ta' skemi ta' riżoluzzjoni:

- Tressqu żewġ azzjonijiet legali kontra d-deċiżjoni tal-SRB li ma jadottax skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' ABLV Bank, AS, waħda mressqa mill-bank innifsu u l-oħra minn azzjonist preċedenti ta' dak il-bank. Din tal-aħħar ġiet iddikjarata inammissibbli mill-Qorti Ġenerali u ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja[74]. L-ewwel waħda għadha pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
- Tressqet azzjoni legali waħda minn PNB Banka u mill-azzjonisti tagħha kontra d-deċiżjoni tal-SRB li ma jadottax skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dak il-bank. F'Jannar 2022, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kienx għad hemm bżonn li tingħata deċiżjoni[75].

[72] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020, *Landesbank Baden-Württemberg* vs *Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*,, il-Kawża T-411/17, ECLI:EU:T:2015:435.

[73] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32015R0063

[74] Is-sentenza tal-Qorti tal-24 ta' Frar 2022, *Bernaris et* vs *SRB*, C-364/20 P, EU:C:2022:115.

[75] Ordni tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Jannar 2022, *PNB Banka et* vs *SRB*, CT–732/19, ECLI:EU:t:2022:8.

**Illustrazzjoni 13:** Perċentwal ta' kawżi ta' tilwim li għadhom għaddejjin skont is-suġġett

KAWŻI PENDENTI TA' TILWIM LI JIKKONĊERNAW KONTRIBUZZJONIJIET *EX ANTE*




KAWŻI PENDENTI TA' TILWIM DWAR IR-RIŻOLUZZJONI TA' BANCO POPULAR




## Rappreżentazzjoni tal-SRB fil-Bord tal-Appell

Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-rwol tiegħu li jirrappreżenta lill-SRB quddiem il-Bord tal-Appell tal-SRM, fl-2021 is-Servizz Legali rċieva avviż ta' tliet appelli ġodda kontra d-deċiżjonijiet tal-SRB, li wieħed minnhom jikkonċerna l-qasam tal-aċċess għad-dokumenti u t-tnejn l-oħra jikkonċernaw il-qasam tal-MREL[76] (ara t-taqsima 2.4 għal aktar dettalji).

[76] L-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-SRB fil-qasam tal-MREL huma xi ħaġa ġdida meta mqabbla mal-appelli sottomessi lill-Bord tal-Appell sal-lum, li kienu jikkonċernaw primarjament ir-rieżami tad-deċiżjonijiet ta' konferma tal-SRB fil-qasam tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

### 2.3.5 KOMUNIKAZZJONIJIET

Fl-2021, it-Tim tal-Komunikazzjonijiet tal-SRB kompla jippromwovi u jispjega l-ħidma tal-SRB u l-kompiti ewlenin tiegħu. F'nofs l-2021, l-SRB nieda identità viżwali ġdida u moderna, sit web faċli biex jintuża u attraenti u tejjeb il-komunikazzjonijiet interni tiegħu.

L-SRB ikkomunika b'mod proattiv lil firxa ta' udjenzi, billi fassal stqarrijiet għall-istampa, artikli u dikjarazzjonijiet tal-aħbarijiet, kif ukoll għadd ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-gwida politika u operazzjonali.

**Ċifri ewlenin tal-komunikazzjoni tal-SRB tal-2021**

- 27 % ta' żjarat fis-sit web meta mqabbla mal-2020
- Segwaċi ta' LinkedIn żieda ta' 15 % fis-segwaċi
- Segwaċi ta' Twitter żieda ta' 12 % fis-segwaċi
- 14,335 paġna tradotta

L-SRB kompla jxerred is-suġġetti ta' politika permezz tal-blogg tal-SRB u pproduċa infografika biex jispjega l-pożizzjonijiet u l-politiki tiegħu, u biex jinforma regolarment lill-media internazzjonali, jorganizza intervisti, avvenimenti tal-istampa u aġġornamenti tekniċi.

Iż-żjarat fis-sit web tal-SRB żdiedu b'27 % meta mqabbla mal-2020. L-istrateġija tal-media soċjali wasslet għal żieda fil-viżibbiltà, b'segwaċi dejjem akbar fuq Twitter u LinkedIn. Tħallsu wkoll kampanji speċifiċi dwar politiki u avvenimenti ewlenin.

L-SRB kompla janima l-Forum tal-Komunikazzjonijiet tal-SRM, bil-laqgħa annwali tiegħu li saret f'Ġunju 2021.

Il-Forum jgħaqqad flimkien timijiet ta' komunikazzjoni mill-NRAs biex jaqsmu l-esperjenzi, l-aħjar prattiki u l-ideat, u biex jiżviluppaw għodod u strateġiji ta' komunikazzjoni.

Bil-pandemija kontinwa tal-COVID-19, l-SRB żied il-ħidma fuq il-komunikazzjonijiet interni, tejjeb l-intranet tiegħu, fassal bullettin ta' kull xahar, ipprovda aġġornamenti regolari lill-persunal dwar l-arranġamenti ta' ħidma, il-miżuri ta' sikurezza u t-tilqim u organizza żewġ laqgħat f'livell muniċipali għall-persunal kollu. Fi tmiem l-2021, nieda stħarriġ tal-persunal dwar il-komunikazzjonijiet interni biex jinforma strateġija ġdida għall-2022.

**Konferenza Annwali tal-SRB tal-2021**

L-SRB organizza s-sitt Konferenza Annwali tiegħu fl-14 ta' Ottubru 2021. B'enfasi fuq kif ir-riżoluzzjoni bankarja tagħti stabbiltà finanzjarja, l-avveniment attira aktar minn 4 500 parteċipant u kien fih kelliema ta' livell għoli, li kienu jinkludu Mairead McGuinness, il-Kummissarju Ewropew għas-Servizzi Finanzjarji, l-Istabbiltà Finanzjarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, Paschal Donohoe, il-Ministru għall-Finanzi tal-Irlanda u l-President tal-Grupp tal-Euro u Christian Sewing, is-CEO ta' Deutsche Bank. Il-punti ewlenin tal-avveniment kienu disponibbli fis-sit web, Twitter, LinkedIn u l-kanali ta' YouTube tal-SRB permezz ta' #SRBresolution2021.

Kien hemm kopertura internazzjonali qawwija tal-media, u l-istrateġija tal-konferenza tal-media soċjali wasslet għal 965 000 impressjoni fi Twitter u 294 000 f'LinkedIn. Ir-reġistrazzjoni tal-konferenza ilha tiġi segwita minn kważi 2 000 persuna minn Ottubru.

**Illustrazzjoni 14:** Konferenza Annwali fil-qosor




Il-programm tal-avvenimenti ra erba' konferenzi kbar organizzati, inkluża Konferenza Annwali li attirat kważi 4 500 parteċipant. Il-prinċipali tal-SRB tkellmu wkoll fi kważi 100 avveniment. Il-punti ewlenin huma stabbiliti hawn taħt.

- L-SRB u l-Istitut Bankarju Ewropew (EBI) organizzaw it-tieni konferenza tal-SRB-EBI dwar ir-riżoluzzjoni bankarja fi Frar 2021, li attirat qrib 400 parteċipant.
- F'Ġunju 2021, l-SRB organizza t-12-il Djalogu mal-Industrija (ara t-taqsima 1.4.1).




- F'Novembru 2021, l-SRB, l-Iskola ta' Firenze tal-Banek u l-Finanzi (Istitut tal-Universitajiet Ewropej) u l-Istitut Leibniz għar-Riċerka finanzjarja (SAFE) organizzaw avveniment akkademiku interdixxiplinarju li indirizza kwistjonijiet bħar-riskji finanzjarji fis-settur bankarju, u l-isfidi tal-istrateġiji u l-finanzjament tar-riżoluzzjoni bankarja.
- F'Novembru wkoll, l-SRB organizza d-dibattiti tal-SRB dwar kwistjonijiet interni u ospitanti fis-settur bankarju, li attira aktar minn 350 viżitatur online.

# 2.4. Bord tal-appell

Skont l-Artikolu 85(3) tal-SRMR, uħud mid-deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-Bord tal-Appell tal-SRB[77]. Huwa possibbli li jiġu kkontestati deċiżjonijiet li jirreferu għall-oqsma tad-determinazzjoni tal-MREL, impedimenti għar-riżoluzzjoni, obbligi simplifikati għal xi istituzzjonijiet, tal-biet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord.

Matul l-2021, il-Bord tal-Appell irċieva total ta' erba' appelli: Appell wieħed relatat mal-aċċess għad-dokumenti użati fir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español. F'dan il-każ, wara s-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-appell għall-aċċess għad-dokumenti, il-Bord tal-Appell laħaq id-deċiżjoni finali tiegħu, li ġiet ikkomunikata lill-partijiet. Sussegwentement, verżjoni anonimizzata tad-deċiżjoni ġiet ippubblikata fuq il-paġna tal-Bord tal-Appell fuq is-sit web tal-SRB[78].

Kien hemm ukoll tliet appelli oħrajn li jikkontestaw id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord fl-istabbiliment tal-MREL ta' diversi istituzzjonijiet ta' kreditu. Minħabba l-kumplessità u l-implikazzjonijiet tal-ewwel appell li wasal, il-Bord tal-Appell qies li kien meħtieġ li jitlob liż-żewġ partijiet jagħmlu rappreżentanza orali quddiem il-Bord sabiex jipproċedu bid-deċiżjoni dwar l-appell. Is-seduta saret mill-bogħod fis-7 ta' Diċembru 2021 u d-deċiżjoni dwar dan il-każ ingħatat lill-partijiet f'Jannar 2022. Barra minn hekk, il-Bord irċieva żewġ appelli dwar l-istess kwistjoni fl-aħħar ta' Diċembru 2021 u għalhekk il-proċeduri taż-żewġ każijiet se jseħħu fl-2022. It-tliet każijiet kollha se jiġu ppubblikati fis-sit web tal-SRB fi żmien xieraq.

Wara li l-SRB ingħata immaġni ġdida, li kien jinkludi s-sit web pubbliku tiegħu, il-Bord tal-Appell ħa l-ewwel passi biex jimplimenta r-Reġistru Tematiku tal-Bord tal-Appell, bil-għan li jkollu l-verżjoni finali disponibbli fuq il-paġna web tal-Bord tal-Appell f'nofs l-2022. Ir-Reġistru Tematiku se jiġi stabbilit skont l-Artikolu 24(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bord tal-Appell[79] u huwa għodda maħsuba biex tiffaċilita u ttejjeb l-aċċess għad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għall-partijiet interessati, u fl-aħħar mill-aħħar jagħti kontribut importanti għat-trasparenza ġenerali tal-proċedimenti tal-SRB.

Bħala membru tan-Network tal-Proċedimenti tal-Appell bejn l-Aġenziji, il-Bord tal-Appell ippreżenta l-kontribut tiegħu għall-isforzi tan-network u ħa sehem fil-laqgħa annwali tiegħu. Għalhekk, il-Bord tal-Appell tal-SRB ikkontribwixxa għad-definizzjoni u l-ħolqien tal-Identifikatur Ewropew tal-Każistika tal-Appell, għall-istabbiliment ta' standards fil-ġestjoni tal-kwalità tal-appelli, u għall-kejl tal-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet; u għall-istabbiliment ta' terminoloġija komuni għall-proċedimenti ta' appell billi fassal lista ta' termini f'kollaborazzjoni maċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

---

[77] Skont l-Artikolu 85(1) tal-SRMR, fl-2015 l-SRB stabbilixxa Bord tal-Appell biex jiddeċiedi dwar l-appelli ppreżentati kontra ċerti deċiżjonijiet maħruġa mill-SRB. Il-Bord tal-Appell beda jopera fl-1 ta' Jannar 2016 u huwa magħmul minn ħames Membri u żewġ Supplenti li huma kompletament indipendenti fir-rigward tal-Bord. Il-mandat tal-membri u tas-supplenti tal-Bord huwa ta' ħames snin, li jista' jiġi estiż darba (l-Artikolu 85(2) tal-SRMR). Segretarjat jappoġġa l-attività tal-Bord tal-Appell, u jwettaq ukoll kompiti indipendenti bħala l-Uffiċċju għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-SRB. Is-Segretarjat għandu diversi kompiti, mill-ġestjoni tal-każijiet sal-appoġġ operazzjonali tal-membri.

[78] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/en/about/srb-appeal-panel

[79] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.srb.europa.eu/en/about/srb-appeal-panel/procedure

# 2.5. Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

B'mod ġenerali, l-eżekuzzjoni tal-baġit (f'approprjazzjonijiet ta' impenn esklużi l-kontinġenzi) ittejbet bi 3 % meta mqabbla mal-2020[80]. It-titjib immirat ta' żieda ta' 5 % fl-eżekuzzjoni tal-baġit meta mqabbel mal-2020 ma setax jinkiseb minħabba l-eżekuzzjoni aktar baxxa milli mistennija tat-titoli 1 u l-kapitolu 31 li jkopru l-baġit operazzjonali tal-SRB (ara l-Annessi III u V). Din l-eżekuzzjoni aktar baxxa kienet ikkawżata mir-rata ogħla milli mistennija ta' postijiet vakanti u mill-impossibbiltà li jitwettqu xi attivitajiet wara l-kontinwazzjoni tar-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19. Madankollu, il-ġestjoni tal-baġit tal-SRB tirrifletti sistemi effettivi u effiċjenti, b'aktar minn 97 % tal-fatturi mħallsa fil-ħin, inqas pagamenti tardivi mis-snin preċedenti, titjib fl-għeluq finanzjarju tal-2021 bil-ġbir awtomatizzat tal-inputs, u effiċjenzi akbar fil-proċessi tal-akkwist.

### 2.5.1 INTROJTU

Wara li waslet id-*data* tal-BĊE fi Frar 2021, l-SRB ipproċeda bil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi, filwaqt li qies l-emendi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Ewropea (UE) 2017/2361[81], li daħal fis-seħħ f'Marzu 2021. Għalhekk, f'April, is-Sessjoni Eżekuttiva adottat id-Deċiżjoni Prinċipali dwar il-Kontribuzzjonijiet Amministrattivi finali tal-2021. L-SRB sussegwentement bagħat Avviżi ta' Kontribuzzjoni lill-2 316-il istituzzjoni kollha fil-kamp ta' applikazzjoni: 2 193 LSI u 123 istituzzjoni sinifikanti u gruppi transfruntiera, għal ammont totali li għandu jinġabar ta' EUR 60 miljun. Sal-iskadenza għall-pagamenti, it-10 ta' Ġunju, 96 % tal-kontribuzzjonijiet tħallsu, li jirrappreżentaw 2 233 istituzzjoni (96 % tal-istituzzjonijiet kollha). Minn nofs Awwissu, kienu nġabru 99.99 % tal-kontribuzzjonijiet, u żewġ pagamenti baqgħu miftuħa[82].

B'mod parallel mal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet, l-SRB ipproċessa 23 ripagament lill-istituzzjonijiet wara l-bidliet tagħhom fl-istatus jew fil-kamp ta' applikazzjoni fiċ-ċiklu ta' kontribuzzjoni tal-2020 (f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/2361) – li jammontaw għal total ta' EUR 0.15-il miljun.

Fir-raba' trimestru, l-SRB beda t-tħejjijiet għaċ-ċiklu tal-kontribuzzjonijiet tal-2022, differenti minn dawk preċedenti minħabba l-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2021/517[83]. Dan kien jinkludi t-tħejjija ta' skeda ta' żmien, il-ħolqien ta' dokumenti ġodda relatati mal-pagamenti parzjali u r-rieżami tad-dokumentazzjoni eżistenti. Il-proċess il-ġdid se jinkludi karatteristiċi ġodda bħal pagamenti bil-quddiem u fażi ta' konsultazzjoni.

Matul l-2021, l-SRB ħadem fuq l-iżvilupp ta' għodda ġdida għall-ġestjoni taċ-ċikli tal-proċess tal-kontribut amministrattiv, li tinkludi, fost karatteristiċi oħrajn, il-ġbir tad-*data*, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni u l-kapaċitajiet postali.

---

[80] Inklużi l-kontinġenzi, l-eżekuzzjoni tal-baġit ittejbet b'4 %.

[81] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32017R2361&from=EN

[82] Wieħed li jikkorrispondi għal istituzzjoni insolventi u wieħed relatat mat-tneħħija tal-liċenzja bankarja.

[83] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0517&from=EN

### 2.5.2 NEFQA

In-nefqa tal-baġit tinkludi pagamenti li saru bl-użu ta' approprjazzjonijiet mis-sena attwali u approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja preċedenti. Il-paragrafi li ġejjin jiġbru fil-qosor l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet skont it-titolu. Aktar dettalji huma disponibbli fl-Anness V.

Fl-2021, l-SRB stabbilixxa 401 impenn baġitarju li jammontaw għal total ta' EUR 89.52 miljun fil-Parti I tal-baġit, u EUR 175.59 miljun fil-Parti II, u pproċessa 1 171 pagament (mill-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2021) li jammontaw għal total ta' EUR 76.36 miljun fil-Parti I tal-baġit u EUR 145.95 miljun fil-Parti II tal-baġit. L-għadd ta' pagamenti naqas meta mqabbel mal-2020 minħabba l-għadd aktar baxx ta' pagamenti rikorrenti ta' valur baxx ta' attivitajiet li ġew sospiżi minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-2021 hija ta' 71.47 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u 64.17 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, 148 pagament, li jammontaw għal EUR 2.1 miljun, ġew ipproċessati fl-2021 bl-użu tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2020. L-ammont ta' approprjazzjonijiet tal-2021 riportati għall-2022 huwa ekwivalenti għal EUR 6.26 miljun. Ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-baġit skont it-titoli:

| Titolu 1: Nefqa tal-persunal | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Baġit finali wara t-trasferimenti | Impenjati | | Użati f'approprjazzjonijiet ta' pagament | |
| EUR | EUR | % tal-baġit finali | EUR | % tat-total impenjat |
| 56.78 miljun | 50.46 miljun | 89 % | 49.47 miljun | 98 % |

Għat-Titolu 1, il-livelli ta' impenn u ta' pagament kienu aktar baxxi minn dawk fl-2020 minħabba r-rata relattivament għolja ta' postijiet tax-xogħol vakanti matul l-2021, għalkemm kienu ogħla mis-snin preċedenti f'linji bħattaħriġ. Il-qasam ewlieni tan-nefqa taħt dan it-titolu kien relatat mal-persunal tal-SRB f'impjieg attiv. Intefqu EUR 45.96 miljun fuq il-pagi (salarji u intitolamenti); intefqu EUR 1.57 miljun fuq servizzi *interim* u EUR 1.31 miljun fuq ċentri għall-kura bikrija tat-tfal u fuq l-iskola.

| Titolu 2: Nefqa għall-infrastruttura | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Baġit finali wara t-trasferimenti | Impenjati | | Użati f'approprjazzjonijiet ta' pagament | |
| EUR | EUR | % tal-baġit finali | EUR | % tat-total impenjat |
| 16.65 miljun | 16.35 miljun | 98 % | 11.23 miljun | 69 % |

Fit-Titolu 2, l-oqsma ewlenin tan-nefqa kienu l-kiri tal-bini tal-SRB, għal EUR 5.03 miljun, li żdiedet meta mqabbla mas-snin preċedenti minħabba l-impenn għat-tħejjija ta' spazju ġdid għall-uffiċċji; u l-infrastruttura tal-ICT, għal EUR 4.52 miljun. L-ispejjeż ta' darba tal-uffiċċju l-ġdid, li jammontaw għal EUR 2.59 miljun ġew ikkuntrattati f'Diċembru u għalhekk il-pagamenti se jiġu riportati għall-2022, li jammonta għal eżekuzzjoni relattivament baxxa tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti. L-ispejjeż rikorrenti ġew posposti għall-2022.

| Titolu 3: Nefqa operazzjonali | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Baġit finali wara t-trasferimenti | Impenjati | | Użati f'approprjazzjonijiet ta' pagament | |
| EUR | EUR | % tal-baġit finali | EUR | % tat-total impenjat |
| 51.84 miljun | 22.71 miljun | 44 % | 15.66 miljun | 69 % |

It-Titolu 3 huwa esklużivament għannefqa operazzjonali relatata mal-implimentazzjoni tal-SRMR, u jinkludi l-Kapitolu 31, għall-operazzjonijiet tal-SRB, u l-Kapitolu 32, għall-kontinġenzi. Fir-rigward tal-Kapitolu 31, ma kienx possibbli li jitwettqu għadd ta' attivitajiet li kienu inklużi fil-baġit operazzjonali, u għalhekk, linji baġitarji bħal missjonijiet jew avvenimenti ma ġewx eżegwiti bis-sħiħ. Madankollu, l-eżekuzzjoni ġenerali tal-Kapitolu 31 żdiedet meta mqabbla mal-2020. Fir-rigward tal-Kapitolu 32, li jservi bħala baġit ta' kontinġenza biex ikopri n-nefqa mhux prevedibbli relatata mal-missjoni ewlenija tal-SRB; il-biċċa l-kbira tal-baġit ippjanat, li kien għal każijiet potenzjali ta' riżoluzzjoni, baqa' mhux impenjat. Din il-linja baġitarja tibqa' strumentali għall-ksib tal-mandat tal-SRB jekk ikun hemm diversi riżoluzzjonijiet li jseħħu fl-istess ħin. Ir-rata totali ta' implimentazzjoni tat-titolu kienet ta' 34 %; madankollu, minbarra l-Kapitolu 32, li tikkorrispondi għal Kontinġenzi tal-SRB, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tammonta għal 83 %.

### 2.5.3 EŻITU TAL-BAĠIT

L-eżitu tal-baġit għall-2021 huwa stmat li huwa EUR 36.82 miljun (meta mqabbel ma' EUR 45.39 miljun fl-2020) u se jiddaħħal fil-baġit tal-2022 wara approvazzjoni mill-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu f'Settembru 2022. L-eżitu tal-baġit se jitnaqqas mill-kontribuzzjonijiet amministrattivi li għandhom jinġabru fis-sena N2023.

### 2.5.4 AKKWIST

Matul l-2021, l-SRB nieda 34 proċedura ta' akkwist, u ta 34 kuntratt wara t-tlestija b'suċċess tal-proċedura ta' akkwist (30 minn proċeduri mnedija fl-2021 u 4 fl-2020), prinċipalment proċeduri nnegozjati b'mod speċjali u proċeduri nnegozjati b'valur baxx. Fl-2021, kien hemm ferm inqas proċeduri nnegozjati b'mod speċjali għall-għarfien espert legali, minħabba inqas każijiet ta' tilwim u approċċ aktar effiċjenti għar-raggruppament tal-każijiet. Ara aktar dettalji fl-Anness VIII.

# 2.6. Ġestjoni tar-Riżorsi Umani

Għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, l-2021 baqgħet sena partikolarment diffiċli minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u minkejja l-adattament tal-proċessi għan-"normalità l-ġdida". Fl-2021, l-SRB approva l-istrateġija l-ġdida tiegħu għar-riżorsi umani biex jindirizza l-isfidi li ġejjin ta' organizzazzjoni stabbilita. L-istrateġija għar-riżorsi umani fiha żewġ pilastri: il-missjoni tar-riżorsi umani, li tinkludi r-reklutaġġ, l-involviment u ż-żamma tal-persunal; u l-proġetti ta' trasformazzjoni tar-riżorsi umani biex tiġi ssimplifikata u mtejba l-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-organizzazzjoni matul il-perjodu 2021-2023.

### 2.6.1 MIŻURI SPEĊIFIĊI B'RABTA MAL-COVID-19

Matul l-2021, kien hemm għadd ta' inizjattivi għall-promozzjoni tal-benesseri tal-persunal u għall-glieda kontra kwalunkwe effett negattiv ta' perjodi twal ta' xogħol middar. Pereżempju, l-inizjattiva "get to know you" pprovdiet opportunitajiet għal membri ġodda tal-persunal biex jingħaqdu mal-membri tal-persunal li kienu diġà qed jaħdmu fl-SRB għal xi żmien u appoġġat il-proċess ta' integrazzjoni fl-organizzazzjoni. Barra minn hekk, il-persunal tal-SRB irċieva taħriġ dwar aspetti differenti tal-benesseri u dwar kif il-benesseri jista' jinżamm f'sitwazzjonijiet diffiċli. Il-partijiet ikkonċernati esterni, bħall-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni u l-Kummissjoni wasslu dawn is-sessjonijiet u ġew promossi matul is-sena.

### 2.6.2 L-INVOLVIMENT U Ż-ŻAMMA

L-SRB kompla bl-isforzi biex jimpjega persunal bi kwalifiki għoljin ħalli jipprovdi bażi soda għall-ħidma tiegħu. Il-livell ġenerali tal-persunal fl-2021 baqa' simili għal-livell fl-2020, u fl-aħħar tas-sena kien hemm 371 aġent temporanju mill-450 post fil-Pjan ta' Stabbiliment tal-2021. Dan kien dovut għal żewġ fatturi. L-ewwel nett, żieda fit-tluq tal-persunal fl-2021. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' tluq kienu għall-persunal li kien sejjer f'istituzzjonijiet Ewropej, ir-riżorsi umani se jesploraw b'mod proattiv ir-raġunijiet għat-tluq tal-persunal sabiex tiżdied iż-żamma fis-snin li ġejjin.

**Tabella 7:** L-għadd ta' persunal għal kull kategorija meta mqabbel mal-Pjan ta' Stabbiliment

| Kategorija | L-għadd ta' membri tal-persunal fl-aħħar tal-2019 | L-għadd ta' membri tal-persunal fl-aħħar tal-2020 | L-għadd ta' membri tal-persunal fl-aħħar tal-2021 | Pjan ta' Stabbiliment tal-2021 |
|---|---|---|---|---|
| Aġenti Temporanji | **350** | **372** | **371** | **450** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | 22 | 19 | 22 | 35 |
| Trainees | 10 | 10 | 7 | 10 |
| Konsulenti | 33 | 30 | 35 | M/A |
| *Interimaires* | 13 | 12 | 23 | M/A |
| TOTAL | **428** | **443** | **458** | **495** |

It-tieni, il-biċċa l-kbira tad-19-il proċedura ta' għażla mnedija jew li tlestew fl-2021 kienu għal profili speċjalizzati ħafna, li ppermettew ir-reklutaġġ ta' persunal għal għadd limitat ta' postijiet tax-xogħol vakanti. It-tliet kampanji akbar, għall-profili ta' Espert ta' Livell Għoli fil-qasam tar-Riżoluzzjoni

tal-Banek, ta' Espert fil-qasam tar-Riżoluzzjoni tal-Banek u ta' Espert Legali, se jwasslu biss biex jiġi rreklutat persunal ġdid fl-2022. Minkejja l-ammont għoli ta' każijiet ta' tluq mill-persunal, ir-riżorsi umani xorta rnexxielhom ikopru l-Pjan ta' Stabbiliment tal-2021 bi proċeduri ta' reklutaġġ jew għażla matul is-sena.

**Tagħlim tal-SRB f'ċifri fl-2021**
Total ta' 185 sessjoni ta' taħriġ ↗ 15 % mill-2020

- 43 sessjoni ta' taħriġ relatati mar-riżoluzzjoni fl-2021
- 31 sessjoni ta' taħriġ fl-ICT relatati mar-riżoluzzjoni
- 26 sessjoni ġenerali ta' taħriġ fl-ICT
- 37 sessjoni dwar il-benesseri/ħidma fin-"normali l-ġdid" jiġifieri erba' darbiet it-total tal-2020
- 13-il sessjoni dwar l-induzzjoni tal-membri l-ġodda

↗ 18 % meta mqabbel mal-2020

### 2.6.3 TAGĦLIM U ŻVILUPP

Matul l-2021, l-SRB kien partikolarment attiv f'termini ta' taħriġ, li ta minn 160 sessjoni ta' taħriġ fl-2020 għal 185 b'kollox fl-2021, inklużi inizjattivi ġenerali biex jiġi indirizzat ix-xogħol matul il-pandemija, bħall-korsijiet għall-benesseri u għat-taħriġ tal-laqgħat ibridi, it-tnedija mill-ġdid ta' skema ta' mentoraġġ għall-membri l-ġodda, u avvenimenti ta' żvilupp tat-tim dwar kif għandhom jiġġestixxu l-bidla. Is-sessjonijiet ta' taħriġ koprew ukoll korsijiet ta' taħriġ għall-membri l-ġodda, u diversi inizjattivi ta' taħriġ tekniku.

It-Taħriġ ta' induzzjoni tal-SRB 2021 sar f'Jannar 2021, b'aktar minn 100 persuna li attendew għalih mill-SRB, mill-NRAs, mill-MSU, mill-EBA u mill-Kummissjoni. Esperti mill-SRB, mill-MSU u mill-EBA pprovdew preżentazzjonijiet dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti, li jkopru r-regolamenti tal-livell 1 (BRRD, SRMR) u 2 (Standards Tekniċi Regolatorji u ta' Implimentazzjoni tal-EBA, l-RTS u l-ITS), l-ippjanar tal-irkupru u l-intervent bikri, kif ukoll politiki ewlenin tal-SRB inklużi fil-Manwal għall-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u fl-EfB.

F'Marzu, l-SRB irċieva premju mill-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni għall-"Aħjar azzjoni ta' tagħlim li tindirizza l-ħiliet għall-futur" għall-kors ta' taħriġ tiegħu "Analiżi tad-*Data* fir-Riżoluzzjoni", fejn ikkompeta ma' 16-il kontestant ieħor. L-SRB rebaħ għall-iżvilupp tiegħu ta' komunità ta' persuni bil-ħiliet biex iżidu l-kapaċità tal-analiżi tad-*data* tal-SRB ħalli jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet fit-tul tal-Bord. Il-kors ta' taħriġ interattiv iffoka fuq il-ħtiġijiet konkreti tal-parteċipanti u l-isfidi li jiffaċċjaw fix-xogħol ta' kuljum tagħhom. Il-parteċipanti ppreżentaw proġetti li juru l-applikazzjoni prattika ta' ħiliet ġodda għall-kompiti attwali tagħhom, kif ukoll il-benefiċċji ta' dawn il-ħiliet għall-SRB fil-futur.

F'Jannar 2021, l-SRB lesta eżerċizzju ta' mobbiltà interna għall-Kapijiet tal-Unitajiet ta' Riżoluzzjoni, f'konformità mal-bidliet fil-portafolli tal-Unitajiet ta' Riżoluzzjoni. Dan l-eżerċizzju ppermetta lill-SRB jallinja ruħu mal-istandards applikati mill-organizzazzjonijiet fil-qasam tas-superviżjoni bankarja u, aktar importanti, ħoloq opportunitajiet ta' tkabbir għall-persunal tiegħu.

### 2.6.4 TRASFORMAZZJONI TAR-RIŻORSI UMANI

Matul l-2021, l-unità tar-riżorsi umani wettqet tliet proġetti paralleli, bil-għan li dawn jitlestew fl-2022:

- Il-ħolqien tal-Qafas ta' Kompetenza tal-SRB, bi profili ta'

kompetenza għall-familji kollha tal-impjiegi fl-SRB, u l-iżvilupp ta' Gwida dwar il-Kompetenza biex jiġi deskritt kif il-kompetenzi jiġu implimentati fit-tagħlim u l-iżvilupp (kurrikuli ta' taħriġ u perkors tal-karriera), fl-għażla jew fil-mobbiltà interna (għażla bbażata fuq il-kompetenza).

- L-għażla u l-implimentazzjoni ta' għodda ta' reklutaġġ elettroniku, marbuta mal-qafas ta' kompetenza l-ġdid.
- L-implimentazzjoni tal-awtoservizz tal-impjegati, inkluż it-titjib ta' għodod ta' awtoservizz li jappoġġaw it-twassil ta' servizzi tar-riżorsi umani sempliċi, effiċjenti u ffokati fuq in-negozju. Fl-istess ħin, l-SRB qed jirrevedi wkoll il-proċessi tar-riżorsi umani tiegħu.

Fl-2021, l-SRB irrekluta Espert fil-qasam tal-Ġestjoni tat-Talent tar-riżorsi umani biex jimmaniġġja dawn il-proġetti, kif ukoll biex iżid u jiżviluppa aktar il-kapaċitajiet tar-riżorsi umani (jiġifieri l-abbozzar ta' profil ta' kompetenza tar-riżorsi umani, il-kjarifika tal-kompetenzi meħtieġa mill-persunal tar-riżorsi umani f'livelli differenti) Il-qafas ta' kompetenza se jservi bħala l-pjan ta' azzjoni biex jiġu identifikati u kkomunikati b'mod ċar il-ħiliet, l-għarfien u l-mentalità li l-persunal jeħtieġ biex jirnexxi fir-rwoli tiegħu fl-SRB. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' trasformazzjoni tar-riżorsi umani msemmija hawn fuq se tagħmel disponibbli riżorsi, li jistgħu jipprovdu appoġġ u gwida mfassla apposta lill-membri tal-persunal fir-rigward ta' aspetti differenti tal-ġestjoni tal-persuni fl-SRB.

# 2.7. Il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar matul is-sena ta' rappurtar

### 2.7.1 AWDITJAR INTERN

Il-mandat tal-awditjar intern tal-SRB huwa bbażat fuq l-SRMR, ir-Regolament Finanzjarju tal-SRB u l-karta tal-awditjar intern, li tiddefinixxi, fost l-oħrajn, il-prinċipji għall-indipendenza u l-oġġettività, ir-responsabbiltà u l-awtorità. F'konformità mal-karta, l-Awditjar Intern jirrapporta dwar ir-riżultati tal-ħidma tiegħu lill-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu. Barra minn hekk, l-Awditjar Intern jirrapporta mill-inqas b'mod annwali lill-Bord dwar il-prestazzjoni tiegħu, il-konklużjonijiet prinċipali mill-awditi tiegħu u l-istatus tas-sejbiet tal-awditjar.

Matul is-sena, l-Awditjar Intern iffoka fuq ħames impenji ta' assigurazzjoni:

- Awditjar fuq l-operazzjonijiet tal-ICT: ġestjoni tat-tibdil u sigurtà tal-ICT, li tlestew.
- Awditi dwar il-ġestjoni tad-Dokumenti u tar-rekords, Pariri legali, u Ġestjoni tat-tilwim, li kienu fl-istadju finali tar-rapportar fi tmiem is-sena.

Barra minn hekk, l-awditu intern tal-SRB wettaq kompitu wieħed ta' konsulenza li jagħti pariri lill-maniġment tal-SRB dwar l-istabbiliment tal-Qafas ta' Kontroll Intern il-ġdid.

L-awditjar intern jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-awditi ta' assigurazzjoni tiegħu sal-awditi ta' segwitu. Fl-2021, dawn il-proċeduri ta' segwitu koprew awditi preċedenti dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni, l-esternalizzazzjoni tal-investimenti tal-fondi, ir-reklutaġġ u l-esternalizzazzjoni u l-użu tal-konsulenti.

#### Status tar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditjar Intern

Fl-2021, l-Awditjar Intern ħareġ 17-il rakkomandazzjoni, li għalihom il-maniġment ħejja pjanijiet ta' azzjoni. Inklużi rakkomandazzjonijiet mill-awditi tas-snin preċedenti, 43 rakkomandazzjoni, li tnejn minnhom kienu kritiċi[84], u 15 li kienu ta' prijorità għolja baqgħu miftuħa fi tmiem is-sena. Mid-disa' rakkomandazzjonijiet segwiti (mill-awditi tas-snin preċedenti), ġiet magħluqa rakkomandazzjoni waħda ta' prijorità għolja u tmienja minnhom għadhom għaddejjin, b'xi elementi li għad iridu jiġu implimentati. Għadd ta' rakkomandazzjonijiet miftuħa ta' segwitu se jiġu rieżaminati fil-kuntest tal-awditi li ġejjin.

Ir-rakkomandazzjonijiet kritiċi u ta' prijorità għolja ddeskrivew il-ħtieġa li jsir titjib ulterjuri fl-oqsma tal-governanza, tal-ippjanar u tal-monitoraġġ, u fl-iżgurar tal-kwalità permezz ta' proċessi.

### 2.7.2 AWDITJAR ESTERN

Il-kontijiet annwali tal-SRB jiġu awditjati esternament fuq bażi annwali. Fl-2021, l-awditur estern ħareġ ir-rapport tal-awditjar mhux kwalifikat tiegħu dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali finali tal-SRB għall-2020.

[84] Li għalihom diġà hemm stabbiliti pjanijiet ta' azzjonijiet.

Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tirrapporta dwar il-kontijiet annwali tal-SRB kull sena finanzjarja, inkluża dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti ta' dawn il-kontijiet.

Fl-2021, il-QEA ppubblikat ir-rapport tal-awditjar tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-SRB għas-sena finanzjarja 2020[85], fejn ħarġet opinjoni tal-awditjar ("pożittiva") mhux kwalifikata. Ir-rapport innota wkoll li l-SRB kien lesta l-pjan ta' azzjoni relatat mal-osservazzjonijiet imsemmija fl-2020 għar-rapport annwali tal-SRB tal-2019[86]. Barra minn hekk, ir-rapport innota xi osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni fl-investimenti tal-SRF: fir-rigward tat-tlestija tal-valutazzjonijiet dwar miżuri ta' kontroll intern għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess fil-bank ċentrali nazzjonali kkuntrattat, u l-ħtieġa li jissaħħu l-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju tal-investiment, it-twettiq ta' monitoraġġ permezz tal-għodod tal-ICT u l-użu ta' sorsi indipendenti. Minn dak iż-żmien 'l hawn, dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew indirizzati, fost miżuri oħra, bit-tlestija ta' kuntratt għat-tieni maniġer ta' investiment, l-iżvilupp ta' għodda tal-ICT u t-titjib tal-aċċess tal-SRB għad-*data* tas-suq (ara t-taqsima 1.6.2 għal aktar dettalji). Filwaqt li tikkomplementa dan ir-rapport, f'Novembru 2021, il-QEA ppubblikat ukoll ir-rapport tagħha dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-2020[87], li nnota li l-SRB kien indirizza r-rakkomandazzjonijiet mir-rapport preċedenti, u kien jinkludi żewġ rakkomandazzjonijiet ġodda:

- L-SRB għandu jiżviluppa metodu għall-kalkolu tal-iskopertura finanzjarja potenzjali minn kontribuzzjonijiet *ex ante*. Dan il-proċess għadu għaddej.
- L-SRB għandu jerġa' jintroduċi l-proċedura ta' proċedimenti ta' monitoraġġ nazzjonali dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante*, f'kooperazzjoni mal-NRAs.

Barra minn hekk, fl-2021, il-QEA ppubblikat ukoll ir-rapport dwar l-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni fl-SRM[88], li segwa awditu preċedenti (rapport speċjali tal-QEA 23/2017[89]), iżda kellu kamp ta' applikazzjoni usa', li jkopri: (i) l-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-banek taħt il-mandat tal-SRB; (ii) il-funzjoni ta' sorveljanza tal-SRB għal-LSIs; u (iii) l-adegwatezza tar-riżorsi umani.

Il-QEA ħarġet rakkomandazzjonijiet f'erba' oqsma:

- It-titjib tal-politiki dwar l-SRM. Il-QEA sabet li l-SRB adotta l-politiki rilevanti kollha meħtieġa għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, u li l-politiki żviluppati kienu ta' kwalità sodisfaċenti. Ir-rapport innota li xi elementi ta' politika kienu għad iridu jiġu żviluppati. Madankollu, mit-twettiq tal-awditu, l-SRB kompla jiżviluppa politiki f'konformità mal-iskeda ta' żmien inkluża fl-EfB u se jkompli jinkludi bidliet xierqa fl-aġġornamenti annwali tal-manwali u linji

[85] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.eca.europa.eu/lists/ecadocuments/agencies_2020/agencies_2020_en.pdf

[86] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SRB_2019/SRB_2019_EN.pdf

[87] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SRM_2020_contingent_liabilities/SRM_2020_contingent_liabilities_EN.pdf

[88] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR21_01/SR_Single_resolution_mechanism_EN.pdf

[89] Dokument sħiħ disponibbli hawnhekk: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_23/SR_SRB-BU_EN.pdf

gwida oħrajn[90] (ara t-taqsimiet 1.3.1 u 1.4.1).

- Żgurar ta' konformità sħiħa u ta' adozzjoni f'waqtha tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Il-QEA sabet li l-kwalità tal-pjanijiet kienet ittejbet meta mqabbla mal-awditu preċedenti, iżda rrapportat nuqqas ta' konformità ma' xi aspetti tal-Ġabra Unika tar-Regoli, u rrakkomandat l-allinjament tal-attivitajiet tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni. Mittwettiq tal-awditu, l-SRB ipprovda gwida aġġornata lill-IRTs u lill-banek, u l-kwalità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ttejbet progressivament fl-RPC 2020 u 2021 (ara t-taqsima 1.4.2). Il-pjan ta' ħidma 2020, ippubblikat f'Novembru 2019, diġà kien jinkludi dispożizzjonijiet għal ċiklu ta' ppjanar annwali ta' 12-il xahar, implimentat fl-2020, li adatta wkoll għall-bidliet regolatorji introdotti mill-BRRD2. Dan l-RPC ta' 12-il xahar ittejjeb u reġa' ġie implimentat fl-2021 (ara t-taqsima 1.3.1), u b'hekk ġiet indirizzata aktar ir-rakkomandazzjoni tal-QEA.
- It-titjib tal-istruttura organizzazzjonali tal-SRM. Il-QEA sabet li d-distribuzzjoni tar-rwoli mal-NRAs kienet aktar ċara, u li l-SRB kien kompla jissodisfa l-Pjan ta' Stabbiliment tiegħu. Madankollu, huwa nnota l-ħtieġa addizzjonali għall-persunal, b'mod partikolari fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni u fis-sorveljanza tal-LSI, li l-SRB qabel ma' dan. Il-Pjan ta' Stabbiliment żdied fil-Programm Pluriennali 2021-2023, u l-SRB ilu mill-2020 jaħdem biex iżid ir-reklutaġġ, anki fid-dawl tal-isfidi relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi umani li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 (ara t-Taqsima 2.6 u l-Anness VI). L-istandardizzazzjoni tal-kompożizzjoni tal-IRT għadha għaddejja, u l-eżerċizzju se jieħu vantaġġ mit-tagħlimiet meħuda matul l-RPC 2021.
- L-istabbiliment ta' kriterji oġġettivi u kkwantifikati għal azzjoni superviżorja f'waqtha (kriterji ta' intervent bikri u ta' falliment jew ta' probabbiltà ta' falliment). L-SRB aċċetta din ir-rakkomandazzjoni parzjalment biss, skont l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni, peress li l-SRB jista' jipprovdi biss rwol konsultattiv tekniku fil-kwistjoni. Fl-2021, l-SRB iltaqa' mal-Kummissjoni, li indikat li, għalissa, ma għandhiex pjanijiet li tressaq proposta leġiżlattiva b'limiti oġġettivi u kkwantifikati għall-iskattar ta' kriterji ta' intervent bikri u ta' falliment jew ta' probabbiltà ta' falliment.

Ir-rapport tal-QEA ffoka fuq l-RPC tal-2018-2019. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 dewmet it-tlestija u l-pubblikazzjoni tiegħu. Il-pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tiegħu diġà ġew inklużi fil-programm ta' ħidma tal-SRB, u jew tlestew fl-2021 jew se jiġu indirizzati bis-sħiħ fl-ewwel xhur tal-2022, peress li l-RPC 2021 u l-fażi ta' tħejjija tal-RPC 2022 ġew konklużi.

[90] Minbarra l-inklużjoni ta' suġġetti ta' politika ġodda, l-SRB aġġorna wkoll il-gwida interna biex jiġu eliminati l-ambigwità potenzjali u titrawwem aktar standardizzazzjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Dan it-titjib huwa komplementari għall-kontroll intern tal-kwalità tal-pjanijiet tal-SRB.





# III

# Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern

# 3.1. L-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern

Fl-2021, l-SRB mar lil hinn minn sistema bbażata purament fuq il-konformità għal waħda bbażata fuq il-prinċipju, fejn it-timijiet differenti tal-SRB jiksbu l-flessibbiltà meħtieġa biex jadattaw għall-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom, filwaqt li jiżguraw kontroll intern robust b'valutazzjoni konsistenti fl-SRB kollu. Dan l-approċċ għandu l-għan li jgħin lill-organizzazzjoni tilħaq l-objettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja.

Il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-SRB jikkonsisti f'5 komponenti, 17-il prinċipju, u karatteristiċi li jiffunzjonaw bħala manwal dwar kif l-SRB bħala organizzazzjoni għandu jaħdem sabiex jiġi mmassimizzata l-ilħuq tal-objettivi tiegħu, b'użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi disponibbli. Il-prinċipji jagħtu gwida dwar kif għandha tinbena struttura soda ta' kontroll intern u dawn huma definiti u dettaljati fil-Qafas ta' Kontroll Intern.

**Illustrazzjoni 15:** Qafas ta' Kontrolli Interni tal-SRB




Il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-SRB huwa adattat mill-Kummissjoni biex jindirizza l-ambjent ta' kontroll speċifiku tal-SRB. Dan il-qafas jissupplimenta r-Regolament Finanzjarju tal-SRB u regoli u regolamenti applikabbli oħrajn[91] bil-għan li l-istandards tal-SRB jiġu allinjati mal-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni, li, min-naħa tiegħu, huwa bbażat fuq l-ogħla standards internazzjonali, stabbiliti mill-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet ta' Sponsorizzazzjoni tal-qafas tal-Kummissjoni Treadway (COSO).

L-SRB iwettaq il-valutazzjoni tal-kontrolli interni permezz ta' monitoraġġ kontinwu u valutazzjonijiet perjodiċi speċifiċi. Il-monitoraġġ kontinwu huwa mibni fi proċessi

91 B'mod partikolari r-Regolamenti tal-Persunal, l-arranġamenti ta' governanza, l-istrateġija tal-SRB kontra l-frodi, eċċ.

u jitwettaq fuq bażi ta' ħin reali fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, li jippermetti lit-timijiet tal-SRB jirreaġixxu fil-ħin għall-kundizzjonijiet li jinbidlu u jikkoreġu d-devjazzjonijiet u n-nuqqasijiet. Peress li l-2021 kienet sena tranżitorja għall-qafas ta' kontroll intern tal-SRB, il-valutazzjoni tal-kontrolli interni kienet ibbażata fuq l-istandards ta' kontroll intern (qafas preċedenti) u sar immappjar mal-prinċipji ta' kontroll intern il-ġodda (qafas ġdid) biex iż-żewġ oqfsa jintrabtu flimkien. Il-valutazzjoni tal-kontrolli interni fl-2021 se tiġi ppreżentata lill-maniġment tal-SRB f'Marzu 2022.



# 3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-kontrolli interni

Din it-taqsima tirrieżamina l-valutazzjoni tal-elementi diġà rrapportati hawn fuq, fit-taqsimiet 2.7.2 u 3.1, u s-sottokonklużjonijiet li diġà ntlaħqu. Din tasal għal konklużjoni ġenerali biex tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u tistabbilixxi jekk id-dikjarazzjoni għandhiex tiġi kkwalifikata b'riżervi jew le.

Fl-2021, l-SRB alloka madwar 18.7 ekwivalenti full-time[92] għall-attivitajiet ta' kontroll (li jammontaw għal EUR 1 371 499 jew 0.01 % tal-baġit totali tal-SRB għall-2021). Dawn l-attivitajiet iffukaw fuq l-oqsma li ġejjin: ġestjoni finanzjarja ċentralizzata u attivitajiet ta' akkwist, servizzi baġitarji u kontabilistiċi, u proċessi ta' finanzjament u verifika. Meta jitqies ir-riżultat pożittiv tal-verifiki ta' kontroll *ex ante* u *ex post*, in-nuqqas ta' rakkomandazzjonijiet kritiċi li jirriżultaw mill-awditi, il-qafas stabbilit sew għall-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet u r-regolarità tal-operazzjonijiet, il-bilanċ ġenerali bejn l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-kontrolli huwa raġonevolment sodisfaċenti.

L-informazzjoni rrapportata fit-taqsimiet 2.7.2 u 3.1 tirriżulta mir-riżultati tal-monitoraġġ mill-maniġment u mill-awdituri, abbażi ta' analiżi sistematika tal-evidenza disponibbli. Huma jappoġġaw bis-sħiħ id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni fir-rigward tal-użu tar-riżorsi għall-iskop maħsub u f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-legalità u r-regolarità. Dan l-approċċ jagħti stampa vera u ġusta, u joffri garanziji suffiċjenti rigward il-kompletezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-kontrolli, li jkopru t-totalità tal-baġit delegat lill-President tal-SRB.

[92] Unità li tkejjel il-persuni impjegati li tagħmel l-ammont tax-xogħol komparabbli.



# IV | Assigurazzjoni tal-ġestjoni

# 4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

L-SRB iwettaq l-operazzjonijiet tiegħu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, billi jaħdem b'mod trasparenti, u jissodisfa livell għoli ta' standards professjonali u etiċi. L-SRB adotta l-Qafas ta' Kontroll Intern tiegħu, ibbażat fuq l-ekwivalenti tal-Kummissjoni u fl-aħjar prattika internazzjonali, immirat biex jiżgura l-ilħuq tal-objettiv u tal-mandat tiegħu.

Uħud mill-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni jistgħu jinstabu fit-taqsimiet preċedenti, bħall-ġestjoni tal-awditjar fit-taqsima 2.7, il-ġestjoni finanzjarja u tar-riżorsi umani fit-taqsimiet 2.5 u 2.6 rispettivament, l-aspetti ta' governanza fit-taqsima 2.3, kif ukoll fil-Parti III, dwar il-kontrolli interni. Barra minn hekk, matul l-2021, id-diversi timijiet orizzontali tal-SRB wettqu funzjonijiet regolari li appoġġaw l-ilħuq tal-objettiv tal-SRB bl-aktar mod effettiv, effiċjenti u ekonomiku. Fost l-oħrajn, l-attivitajiet li ġejjin appoġġaw l-assigurazzjoni matul l-2021:

### Qafas tal-Protokoll ta' Segretezza tal-SRB

Il-Qafas tal-Protokoll ta' Segretezza tal-SRB, aġġornat fi tmiem l-2020, jirregola l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali fil-każ ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni potenzjali (ara aktar dettalji fit-taqsima 1.5.1). Matul l-2021, l-SRB ħa diversi inizjattivi biex jinforma lill-persunal u joħloq sensibilizzazzjoni dwar il-Protokoll.

### Il-Protezzjoni tad-*Data*

Matul l-2021, l-SRB għamel progress sostanzjali biex itejjeb il-proċessi, l-għodod u l-kontrolli meħtieġa biex tissaħħaħ il-konformità mal-protezzjoni tad-data fi ħdan il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE, filwaqt li jżomm f'moħħu l-mandat u l-missjoni tal-SR Matul l-2021, l-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-SRB ta pariri lil unitajiet oħrajn f'varjetà wiesgħa ta' suġġetti, bħal każijiet relatati mar-reġistrazzjoni konformi mal-protezzjoni tad-*data* ta' laqgħat remoti; ipprovda taħriġ dwar suġġetti ġenerali u speċifiċi relatati mal-protezzjoni tad-*data* bħall-għoti ta' pariri kuntrattwali standard dwar kwistjonijiet ta' akkwist, u abbozza lista ta' kontroll għall-protezzjoni tad-data għas-Sidien ta' Proġetti tal-ICT. L-Uffiċċju tal-protezzjoni tad-*data* intensifika wkoll skambji mal-ICT u mar-riżorsi umani dwar suġġetti bħaż-żamma tal-posta elettronika, il-cloud jew ix-xiri ta' għodod online.

L-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data tal-SRB żviluppa mudelli u gwida għall-unitajiet kollha li jabbozzaw stqarrijiet ta' privatezza, formoli ta' kunsens u jorganizzaw avvenimenti u korsijiet ta' taħriġ, jew involuti fi proċeduri ta' akkwist, bil-għan li jissimplifikaw u jistandardizzaw il-ħolqien ta' dawn id-dokumenti, u jiżguraw il-konformità tal-SRB mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data*.

Matul l-2021, l-SRB kompla l-kollaborazzjoni tiegħu ma' Istituzzjonijiet, Aġenziji u Korpi oħrajn tal-UE fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*, u ppermetta skambji ta' esperjenzi u kondiviżjoni ta' prattiki tajbin. Matul is-sena, l-SRB wettaq ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data* tiegħu u dan għandu jitwettaq kull sena.

**Illustrazzjoni 16:** Talbiet għal pariri dwar il-protezzjoni tad-*data* skont is-suġġett




## Etika u Konformità

L-SRB approva Qafas ġdid għall-Etika u l-Konformità fi tmiem l-2020, li ġie implimentat matul l-2021, appoġġat minn kampanja ta' sensibilizzazzjoni u korsijiet ta' taħriġ organizzati mit-Tim tal-Etika. Barra minn hekk, matul l-2021, il-persunal kollu tal-SRB lesta l-ewwel eżerċizzju obbligatorju ta' tindif intern bħala parti mill-obbligi ta' rapportar skont il-Kodiċi ta' Etika l-ġdid. Matul is-sena, il-Konformità tal-SRB indirizzat 355 kwistjoni ta' etika u konformità, inklużi talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel, dikjarazzjonijiet, notifiki, eċċ. Wara dawn, il-Konformità tal-SRB ħarġet 150 pożizzjoni formali (li minnhom 36 kienu jirrikjedu firma mill-Awtorità tal-Ħatra, dwar attivitajiet u pubblikazzjonijiet li jsiru barra jew li jseħħu wara li wieħed jitlaq mill-SRB) u tmien tweġibiet formali fil-kuntest ta' talbiet għal awtorizzazzjoni kumplessi.

**Illustrazzjoni 17:** L-għadd ta' talbiet u pożizzjonijiet ta' pariri dwar il-konformità mogħtija skont is-suġġett



Barra minn hekk, matul is-sena, il-Konformità tal-SRB irrieżaminat 61 dikjarazzjoni mill-Membri tal-Persunal tal-SRB, li nofshom kienu rieżamijiet relatati mar-reklutaġġ tal-persunal. Il-bqija kienu jikkonċernaw każijiet ta' tluq, li minnhom 13 % ġew iffinalizzati b'pożizzjoni ta' konformità formali (applikazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal). Minbarra l-appoġġ regolari għat-talbiet għal pariri, il-Konformità mal-SRB ippromwoviet ukoll kampanji biex tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar suġġetti speċifiċi bħall-pubblikazzjonijiet, il-media soċjali, it-talbiet għal-lobbjar, il-ġlieda kontra l-frodi, il-klima etika ġenerali, bordijiet ta' reklutaġġ, u introduzzjonijiet lil membri ġodda.

### Ambjent tax-xogħol

L-ambjent tax-xogħol inżamm fuq quddiem nett tal-aġenda. Sabiex jippromwovi r-rispett u d-dinjità bħala wieħed mill-valuri tal-organizzazzjoni, fl-2017 l-SRB approva l-politika tiegħu dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u sesswali, u s-sena ta' wara stabbilixxa network ta' konsulenti kunfidenzjali b'mandat ta' sentejn. Fl-2021, l-SRB għażel grupp ġdid ta' konsulenti kunfidenzjali li rċevew taħriġ speċjalizzat biex iwettqu l-funzjoni tagħhom. B'mod parallel, il-maniġment superjuri u medju ġew mistiedna għal sessjonijiet speċifiċi, ġew organizzati diversi kampanji ta' ħolqien ta' sensibilizzazzjoni, u sa Mejju 2021, ċifra kumulattiva ta' madwar 500 membru tal-persunal kienu rċevew taħriġ. F'termini ta' relazzjonijiet tal-persunal, il-Kumitat tal-Persunal tal-SRB kellu kompożizzjoni ġdida fl-2021, u l-membri tiegħu ltaqgħu regolarment mal-maniġment superjuri tal-SRB, li kien partikolarment importanti fi kwistjonijiet relatati max-xogħol remot u mar-ritorn għall-uffiċċju fl-ambjent tal-COVID-19.

### Funzjonijiet sensittivi

Fl-2021, l-SRB żviluppa l-gwida interna tiegħu dwar funzjonijiet sensittivi[93], li daħlet fis-seħħ f'Ġunju. Id-dokument iddeskriva r-responsabbiltajiet ewlenin tal-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi, u pprovda gwida dwar il-proċess tal-identifikazzjoni tagħhom, kif ukoll l-applikazzjoni tal-kontrolli ta' mitigazzjoni korrispondenti. L-SRB nieda l-ewwel eżerċizzju ta' funzjoni sensittiva annwali tiegħu fir-raba' trimestru tal-2021, u se jieħu miżuri għall-implimentazzjoni ta' kontrolli interni relatati magħhom fl-2022.

### Ġestjoni tar-riskju

Fl-2021, l-SRB irrieżamina l-istatus tal-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni tar-riskju korporattiv tal-2020. Wara dan ir-rieżami, u flimkien mal-ġbir ta' riskji korporattivi emerġenti oħrajn, l-SRB qies li kien meħtieġ li jitkompla segwitu fuq il-pjanijiet ta' azzjoni oriġinali sabiex jiġi żgurat li jkunu ġew implimentati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, peress li l-ogħla tmien riskji korporattivi sinifikanti baqgħu hemm fl-2021. Fl-2022, l-introduzzjoni ta' proċessi standardizzati ta' ppjanar intern, bħala parti mill-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni għall-SRB se tikkomplementa dan l-eżerċizzju.

### Kontrolli finanzjarji *ex post*

L-SRB żviluppa l-gwida interna tiegħu dwar il-kontrolli finanzjarji *ex post* għall-SRB, li daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2021. L-eżerċizzju, twettaq sabiex jiġu vverifikati l-legalità, ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba ta' tranżazzjonijiet finanzjarji kompluti; titkejjel l-effettività tal-kontrolli

[93] Funzjonijiet sensittivi huma dawk fejn membru tal-persunal li jwettaq attività jkollu grad ta' awtonomija u/jew setgħa deċiżjonali u/jew influwenza suffiċjenti biex jippermettilhom, jekk jiddeċiedu hekk, li jabbużaw minn dawn is-setgħat għal gwadann personali (finanzjarju jew mod ieħor) u/jew li jikkawżaw dannu. Skont il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-SRB, il-funzjonijiet sensittivi tal-SRB għandhom jiġu identifikati permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju u għandhom jiġu rreġistrati u jinżammu aġġornati. Għalhekk, l-SRB għandu reġistru ta' funzjonijiet sensittivi, jiżgura li jkunu stabbiliti mitigazzjonijiet adegwati u proporzjonali u jissorvelja r-riskju residwu li l-SRB huwa lest li jġarrab.

finanzjarji *ex ante* stabbiliti; jittejbu l-proċessi tan-negozju; u r-riżultati jiġu rrapportati lill-President, filwaqt li jiġu enfasizzati n-nuqqasijiet ta' konformità li ġew skoperti u jiġu proposti azzjonijiet korrettivi fejn meħtieġ. L-SRB se jlesti l-eżerċizzju fl-ewwel trimestru tal-2022.

### Rapportar tal-eċċezzjoni

Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jimponu deċiżjonijiet li jirrappreżentaw devjazzjoni mir-rekwiżiti legali, mill-proċessi u mill-proċeduri stabbiliti. Tali eċċezzjonijiet iridu jiġu approvati mil-livell xieraq ta' ġestjoni qabel ma tittieħed l-azzjoni, meta titqies id-delega tar-responsabbiltajiet deċiża mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni. L-analiżi tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità ġiet irrapportata lill-ġestjoni tal-SRB għas-sena 2021, inkluża identifikazzjoni tad-dgħufijiet fil-kontroll intern u tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni proposti.

### Entrati addizzjonali

F'Ġunju 2021, l-SRB wettaq validazzjoni perjodika tad-drittijiet ta' aċċess tal-utenti mogħtija fl-SABAC (is-sistema finanzjarja tal-SRB). Il-validazzjoni identifikat dgħufijiet li għalihom ġew stabbiliti l-pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti.

L-SRB irrapporta lill-Kumitat Amministrattiv u Baġitarju tal-SRB l-istatus tal-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA matul l-2021.

### Konklużjoni Ġenerali

Bħala konklużjoni, il-maniġment għandu assigurazzjoni raġonevoli li, b'mod ġenerali, hemm stabbiliti kontrolli xierqa u qed jaħdmu kif maħsub; ir-riskji qed jiġu mmonitorjati u mmitigati kif xieraq, u qed jiġu implimentati t-titjib u t-tisħiħ meħtieġa. Il-Maniġers tal-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontrolli Interni ffirmaw id-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni tagħhom u l-President, fil-kapaċità tagħha bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, iffirmat id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni.

# 4.2. Riżervi

Mhux applikabbli





# V Dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni

# 5.1. Dikjarazzjoni tal-Maniġers inkarigati mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli intern

**DIKJARAZZJONI TAL-PERSUNA RESPONSABBLI GĦALL-ĠESTJONI TAR-RISKJU U L-FUNZJONI TA' KONTROLL INTERN**

Jiena niddikjara li f'konformità mal-qafas ta' kontroll intern tal-SRB, irrapportajt il-parir u r-rakkomandazzjonijiet tiegħi dwar l-istat ġenerali tal-kontroll intern fl-SRB lill-President.

B'dan niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta rigward l-istat tal-kontroll intern f'dan ir-Rapport Annwali u fl-Annessi tiegħu hija, fl-opinjoni tiegħi, preċiża u kompluta.

Brussell, l-14 ta' Marzu 2022

**Andrea Iber**



Kap tal-Unità 01, Segretarjat tal-SRB, inkluż l-Uffiċċju ta' Kontroll Intern

**DIKJARAZZJONI TAL-PERSUNA RESPONSABBLI GĦALL-KOMPLETEZZA U L-AFFIDABBILTÀ TAR-RAPPORTAR TAL-ĠESTJONI DWAR IR-RIŻULTATI U DWAR L-ILĦUQ TAL-OBJETTIVI**

B'dan niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta rigward ir-rapportar tal-prestazzjoni f'dan ir-Rapport Annwali u fl-Annessi tiegħu hija, fl-opinjoni tiegħi, preċiża u kompluta.

Brussell, l-14 ta' Marzu 2022

**Samy Harraz**



Kap tal-Unità 02, Strateġija, Relazzjonijiet Internazzjonali u Komunikazzjonijiet

# 5.2. Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-President

Jien, hawn taħt iffirmata, Elke König, President tal-Bord u Maniġer tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni:

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti stampa vera u ġusta.[94]

Niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop intiż tagħhom u f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni u l-verifiki tal-kontroll *ex-post* li saru matul is-sena.

Nikkonferma li ma naf b'xejn li mhuwiex irrapportat hawnhekk li jista' jkun ta' dannu għall-interessi tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Brussell, it-18 ta' Mejju 2022

**Elke König**



Il-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

[94] F'dan il-kuntest, stampa ġusta tfisser stampa affidabbli, kompleta u korretta dwar is-sitwazzjoni fis-servizz.





# Annessi

# Anness I — Organigramma

## President



**Elke KÖNIG**

**Direttorat tal-President**

- Segretarjat tal-SRB
  - Uffiċċju ta' Kontroll Intern
- Strateġija, Relazzjonijiet Internazzjonali u Komunikazzjoni
- *Tim tal-Awditjar Intern*
- *Tim tal-Kontabbiltà*
- *Bord tal-Appell, Tim għall-Protezzjoni tad-Data u l-Konformità*

## Viċi President



**Jan Reinder DE CARPENTIER**

Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, tas-Servizzi Legali u Korporattivi

**Direttorat E**

- Investimenti tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni
- Riżorsi
  - Riżorsi Umani
  - Finanzi u Akkwisti
- Servizzi Korporattivi u ICT
  - ICT
  - Faċilitajiet
- Kontribuzzjonijiet u Finanzjament
- Servizz Legali

## Membri tal-Bord



**Sebastiano LAVIOLA**

Direttur tal-Politika ta' Riżoluzzjoni u Kooperazzjoni

**Direttorat A**

- Politika ta' Riżoluzzjoni, Proċessi u Metodoloġija
- Kooperazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati
- Stabbiltà Finanzjarja u Analiżi Ekonomika
- *Tim Tattiku ta' Riżoluzzjoni*



**Jesús SAURINA SALAS**

Direttur tal-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u Deċiżjonijiet

**Direttorat B**

- l-Awstrija, il-Kroazja, il-Finlandja
- Ċipru, Franza, il-Greċja, BNP Paribas, Groupe Crédit Agricole, Société Générale

*Tim tal-Ispezzjonijiet Fuq il-Post*

- Il-Bulgarija, Franza, il-Lussemburgu, is-Slovenja, Groupe BPCE

*Tim tal-Ġestjoni tal-Proċess*



**Boštjan JAZBEC**

Direttur tal-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u Deċiżjonijiet

**Direttorat C**

- L-Italja, is-Slovakkja, Unicredit Group
- Il-Ġermanja, Deutsche Bank
- L-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall
- *Uffiċċju għall-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni*



**Pedro MACHADO**

Direttur tal-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u Deċiżjonijiet

**Direttorat D**

- Il-Belġju, Spanja, Santander, CCPs
- Il-Belġju, Il-Ġermanja, L-Irlanda, Il-Lussemburgu, HSBC
- Spanja, In-Netherlands, ING Group

# Anness II — Membri tas-Sessjoni Plenarja

Mill-31 ta' Diċembru 2021

| Rwol | Isem | Awtorità |
|---|---|---|
| President | Elke KÖNIG | SRB |
| Viċi President | Jan Reinder DE CARPENTIER | SRB |
| Membru tal-bord full-time | Sebastiano LAVIOLA | SRB |
| Membru tal-bord full-time | Jesús SAURINA SALAS | SRB |
| Membru tal-bord full-time | Boštjan JAZBEC | SRB |
| Membru tal-bord full-time | Pedro MACHADO | SRB |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Jožef BRADEŠKO | Is-Slovenja - Banka Slovenije |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Frédéric VISNOVSKY | Franza - Autorité de contrôle prudentiel et de résolution |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Paula CONTHE | Spanja - FROB (Awtorità Eżekuttiva Spanjola għar-Riżoluzzjoni) |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Steven VANACKERE | Il-Belġju - Il-Bank Nazzjonali tal-Belġju |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Michalis STYLIANOU | Ċipru - Il-Bank Ċentrali ta' Ċipru |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Vasileios MADOUROS | L-Irlanda – Il-Bank Ċentrali tal-Irlanda |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Jokūbas MARKEVIČIUS | Il-Litwanja – Il-Bank tal-Litwanja |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Maria MAVRIDOU | Il-Greċja – Il-Bank tal-Greċja |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Enzo SERATA | L-Italja - Banca d'Italia - Unità tar-Riżoluzzjoni |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Jeļena ĻEBEDEVA | Il-Latvja - Il-Kummissjoni Finanzjarja u tas-Swieq Kapitali |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Romain STROCK | Il-Lussemburgu - Commission de Surveillance du Secteur Financier |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Nicole STOLK-LUYTEN | In-Netherlands - De Nederlandsche Bank |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Júlia ČILLÍKOVÁ | Is-Slovakkja - Kunsill ta' Riżoluzzjoni Slovakk |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Aldo GIORDANO | Malta - Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Riin HEINASTE | L-Estonja - Finantsinspektsioon (l-Awtorità Estonjana għas-Superviżjoni u r-Riżoluzzjoni Finanzjarja) |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Kalin HRISTOV | Il-Bulgarija - Il-Bank Nazzjonali tal-Bulgarija |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Eduard MÜLLER | L-Awstrija - L-Awtorità Awstrijaka tas-Suq Finanzjarju |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Tuija TAOS | Il-Finlandja - L-Awtorità Finlandiża għall-Istabbiltà Finanzjarja |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Roman ŠUBIĆ | Il-Kroazja - Il-Bank Nazzjonali tal-Kroazja |

| Rwol | Isem | Awtorità |
|---|---|---|
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Birgit RODOLPHE | Il-Ġermanja - Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (BaFin) |
| Membru maħtur minn Stat Membru parteċipanti li jirrappreżenta lill-NRA | Luís Augusto Máximo DOS SANTOS | Il-Portugall - Banco de Portugal |
| Osservatur f'konformità mal-Artikolu 1.6 tal-RoP tas-Sessjoni Plenarja | Petar DZELEPOV | Il-Bulgarija - Kummissjoni tas-Superviżjoni Finanzjarja (FSC) |
| Osservatur f'konformità mal-Artikolu 1.6 tal-RoP tas-Sessjoni Plenarja | Angel ESTRADA | Spanja - Banco de España - (Awtorità Spanjola tar-Riżoluzzjoni Preventiva) |
| Osservatur f'konformità mal-Artikolu 1.6 tal-RoP tas-Sessjoni Plenarja | Kerstin AF JOCHNICK | Bank Ċentrali Ewropew |
| Osservatur f'konformità mal-Artikolu 1.6 tal-RoP tas-Sessjoni Plenarja | John BERRIGAN | Il-Kummissjoni Ewropea - DĠ Stabbiltà Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali |
| Osservatur f'konformità mal-Artikolu 1.6 tal-RoP tas-Sessjoni Plenarja | Francesco MAURO | L-Awtorità Bankarja Ewropea |

# Anness III — Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni

| # | Qasam prijoritarju / deskrizzjoni tal-indikatur | Mira | Valur 2021 |
|---|---|---|---|
| | **Il-ksib tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' Istituzzjonijiet Inqas Sinifikanti** | | |
| 1 | L-adozzjoni ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni u tal-miri tal-MREL għall-banek tal-SRB fis-Sessjoni Eżekuttiva Estiża u t-tmexxija f'waqtha tal-Kulleġġi ta' Riżoluzzjoni lejn Deċiżjonijiet Konġunti | RPC 2021 | 100 % tal-pjanijiet tal-RPC tal-2021 adottati[fl-1] |
| 2 | L-għoti ta' ittra ta' prijorità tal-2021 lill-banek kollha tal-SRB u l-iżgurar ta' segwitu għal ittri ta' prijorità tal-2020 | Sal-ewwel trimestru tal-2021 | 98 % tal-banek[2] |
| 3 | It-tlestija tal-mappa termika dwar ir-riżolvibbiltà għall-banek tal-SRB (wara r-rieżami tal-awtovalutazzjoni tal-banek) | RPC tal-2021 | 100 % |
| 4 | It-tħejjija u t-twettiq ta' żjarat fuq il-post | ≥ 2 proġetti pilota ta' żjara | 13-il analiżi bir-reqqa, 7 żjarat bankarji |
| 5 | Valutazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni sottomessi mill-NRAs rigward l-LSIs taħt il-kompetenza diretta tagħhom | 100 % | 100 %[3] |
| | **It-trawwim ta' qafas robust ta' riżoluzzjoni** | | |
| 6 | L-iżvilupp ta' aktar aġġornamenti tal-politika tal-MREL, dwar il-qafas ta' eliġibbiltà tal-M-MDA, l-impriżi prinċipali intermedji (IPUs) u l-mudell li l-Ebda Kreditur ma Jmur Agħar | Sal-ewwel trimestru tal-2021 | 100 %[4] |
| 7 | L-għoti ta' gwida lill-banek dwar l-istima tal-ħtiġijiet ta' likwidità u ta' finanzjament fir-riżoluzzjoni | Sal-ewwel trimestru tal-2021 | 100 % |
| 8 | It-twettiq ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-banek tal-SRB (il-każijiet ospitanti huma esklużi) | 100 % | 100 % |
| 9 | Ir-rappreżentanza tal-SRB u l-parteċipazzjoni b'mod attiv fil-laqgħat kollha tas-sottostrutturi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-FSB li għalihom l-SRB huwa mistieden jew membru | parteċipazzjoni ta' 100 % | 100 % |
| 10 | Negozjar ta' Memoranda ta' Qbil mal-awtoritajiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni ta' Stati Membri mhux tal-Unjoni Bankarja (u l-BĊE-MSU) | 90 % | 90 %[5] |
| 11 | Negozjar ta' ftehimiet ġodda ta' kooperazzjoni, u l-aċċess għal dawk eżistenti, dwar il-G-SIBs li għalihom l-SRB huwa l-awtorità ospitanti | 100 % | 100 % |
| 12 | L-offerta ta' taħriġ relatat mar-riżoluzzjoni lill-persunal tal-SRB u/jew lill-persunal tal-NRA | >15-il kors ta' taħriġ | 43 |
| | **It-twettiq ta' mmaniġġjar effettiv tal-kriżijiet** | | |
| 13 | It-twettiq tal-passi preparatorji u l-flussi tax-xogħol tal-Għodod ta' Riżoluzzjoni Għajr il-proġett ta' Rikapitalizzazzjoni Interna | 100 % | 100 % |
| 14 | It-twettiq ta' eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika biex tiġi ttestjata l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet mhux tal-Unjoni Bankarja fi ħdan il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni u Memoranda ta' Qbil mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, u l-integrazzjoni tat-tagħlimiet meħuda fil-manwal dwar il-kriżijiet tal-SRB | żewġ eżerċizzji | eżerċizzju wieħed[6] |
| | **L-operazzjonalizzazzjoni tal-SRF** | | |
| 15 | Il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-2021, wara r-reklutaġġ ta' żewġ Stati Membri ġodda fiċ-ċiklu ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-SRB | 100 % | 100 % |

| # | Qasam prijoritarju / deskrizzjoni tal-indikatur | Mira | Valur 2021 |
|---|---|---|---|
| 16 | L-implimentazzjoni tal-pjan ta' investiment għall-2021 u t-tħejjija tal-pjan għall-2022 | 100 % | 100 % |
| 17 | It-tlestija tal-metodoloġija tal-kalkolu tar-ripagament biex jiġi żgurat il-prinċipju tan-newtralità fiskali fuq l-użu tal-garanzija ta' kontinġenza | 100 % | 100 % |
| **L-SRB bħala organizzazzjoni** | | | |
| 18 | L-implimentazzjoni tal-programm tal-ICT għall-2021 | 100 % | 90.05 % |
| 19 | L-organizzazzjoni tista' topera fuq bażi kompletament remota | 100 % | 100 % |
| 20 | L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar il-komunikazzjonijiet tal-2021, inklużi t-tnedija ta' sit web ġdid u l-iżvilupp tal-Forum tal-Komunikazzjoni tal-SRM | 100 % | 97 % |
| 21 | Pjan ta' Stabbiliment tal-2021 mimli jew kopert mill-proċeduri tal-għażla | Sat-tielet trimestru tal-2021 | 99 % |
